# Il-Bilingwiżmu
# fl-Edukazzjoni ta' Pajjiżna

**X'inhu l-aħjar għal uliedna?**

Seminar Nazzjonali

Il-5 ta' Diċembru 2009

Dokument għad-diskussjoni

Pubblikazzjoni tal-
Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
bil-għajnuna tal-Ministeru tal-Edukazzjoni

www.kunsilltalmalti.gov.mt
david.agius-muscat@gov.mt

© l-awturi 2009

Il-Bord editorjali:

Editur Reno Fenech
Membri David Agius Muscat
Prof. Manwel Mifsud
Thomas Pace
Olvin Vella

**Werrej**


Dokument għad-diskussjoni . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 4

L-Istedina tal-Kunsill . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 5

Il-Programm tas-Seminar . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 8

*Fehmiet il-kontributuri*

Anabel Aquilina . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 9
Joseph Axiaq . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 11
Carmel Azzopardi . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 16
Albert Borg. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 21
Carmel Borg . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 24
Charles Briffa . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 27
Chris Buttigieg . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 33
Charles Casha . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 36
Mariella Cassar . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 39
Maria Ciappara (1) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 41
Maria Ciappara (2) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 45
Lawrence Deguara . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 47
Annabel Desira . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 50
Rosalba Ebejer Catania . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 53
Frank Fabri. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 56
Ray Fabri . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 62
Raymond Facciol . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 67
Frank Gatt . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 69
Stephen Grima . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 70
Mario Mallia . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 73
Victor Martinelli . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 77
Charles L. Mifsud . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 78
Mary Rose Mifsud . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 79
Maria Montebello . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 80
Frank Muscat . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 81
Anthony Sammut . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 83
Karl Scicluna . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 85
Lydia Sciriha . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 93
Kenneth Wain . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 96

**Dokument għad-diskussjoni**

Din il-pubblikazzjoni tiġbor fiha l-fehmiet ta' 28 ruħ fuq l-użu tal-Malti u tal-Ingliż fis-sistema edukattiva ta' pajjiżna. L-awturi tagħhom kienu ntalbu mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti jagħtu fehmiethom biex ikunu ta' għajnuna fid-diskussjoni. It-tweġiba mħeġġa għal din is-sejħa kif ukoll il-varjetà u l-validità ta' ħafna mill-argumenti ħajru lill-Kunsill jippubblikahom f'din il-ġabra.

Madanakollu, il-Kunsill jixtieq jagħmilha ċara li l-fehmiet imfissra f'din il-ġabra huma biss tal-awturi tagħhom u bl-ebda mod ma għandhom jitqiesu bħala l-fehma uffiċjali tal-Kunsill.

Il-Kunsill tal-Malti jemmen li – għalkemm l-istatus bilingwi ta' pajjiżna huwa rikonoxxut u mniżżel fil-Kostituzzjoni – għad baqgħalna triq twila ta' diskussjoni qabel ma nibdew nagħtu tweġibiet ċari u konsistenti għall-ħafna mistoqsijiet dwar il-politika lingwistika li jaqgħu fi triqitna. Filwaqt li jifraħ li qiegħed jagħti sehmu biex tinbeda din id-diskussjoni hekk meħtieġa, il-Kunsill jixtieq juri l-apprezzament tiegħu għall-kontribut ta' kull min perreċ fehemtu u b'hekk għen biex id-diskussjoni tkun iktar mifruxa u t-tweġibiet iktar maturi. Il-pubblikazzjoni ta' din il-ġabra hija messaġġ ċar mill-Kunsill lil kull min jgħożż il-ġid lingwistiku ta' artna li f'dan id-dibattitu l-fehma ta' kull wieħed minna tiswa.

Il-Kunsill tal-Malti jistieden lil kulħadd, edukaturi, ġurnalisti, opinjonisti, imma l-aktar lill-ġenituri u l-ulied infushom, biex ikomplu jissieħbu f'din id-diskussjoni ħielsa biex il-futur lingwistiku ta' pajjiżna jkun iktar ċar u r-riżultati tal-edukazzjoni ta' wliedna iktar effettivi u dejjiema.

Il-5 ta' Diċembru 2009

**L-Istedina tal-Kunsill**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
It-12 ta' Ottubru 2009

Għażiż/a,

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti huwa impenjat li jħabrek biex il-Malti jkun preżenti u f'saħħtu f'kull qasam ewlieni tal-ħajja Maltija.

Kif forsi taf, bħalissa f'Malta qed isir eżerċizzju importanti li qed jifli l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali u jara kif jista' jittejjeb. Wieħed jifhem li eżerċizzju bħal dan jolqot direttament l-ilsien Malti u l-pożizzjoni tiegħu fit-tagħlim u fl-użu, u għalhekk il-Kunsill tal-Malti ħass li ma jistax jibqa' lura milli jagħti sehmu biex fil-pajjiż titqajjem kuxjenza infurmata u sana dwar dan is-suġġett.

Filwaqt li l-ilsien ta' Malta huwa l-Malti, l-interessi tal-Maltin dejjem talbu li f'Malta jintużaw ukoll lingwi oħra, u dan il-fatt huwa minqux fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta li, waqt li lill-Malti ssejjaħlu "l-ilsien nazzjonali", tiddikjara li Malta għandha żewġ lingwi uffiċjali, il-Malti u l-Ingliż (u dawk l-ilsna l-oħra li jista' jiddeċiedi dwarhom il-Parlament minn żmien għal żmien).

Dawn l-istqarrijiet huma importanti ħafna għax jistabbilixxu b'mod ċar li s-sitwazzjoni lingwistika ta' Malta hija dik ta' pajjiż bilingwi. Iżda għad irid isir ħafna ħsieb u xogħol biex dawn id-dikjarazzjonijiet bażiċi jiġu spelluti b'mod tant iddettaljat li jiddefinixxi r-rwol ta' kull lingwa f'kull sitwazzjoni tal-ħajja Maltija, fl-isfond usa' Ewropew u dinji. Il-Kunsill tal-Malti jħoss li, sakemm dan nibqgħu ma nagħmluhx, l-Istat ta' Malta ma jistax ikollu politika lingwistika tajba u f'saħħitha.

Hawnhekk Ikun tajjeb li wieħed jagħmel xi punti ġenerali li jidhrilna li llum huma fatti stabbiliti u magħrufa, u li għalhekk ma jiswiex li noqogħdu ninħlew niddiskutuhom.

1. Il-bilingwiżmu Malti mhux nuqqas imma ġid li għadna ma għarafniex biżżejjed kif inħaddmuh bl-aħjar mod għall-ġid tal-Maltin.
2. Meta niġu biex niddeċiedu dwar l-użu taż-żewġ lingwi u l-bilanċ ta' bejniethom fil-ħajja Maltija, jeħtieġ li quddiemna jkollna dejjem u qabelxejn il-ħtiġijiet fiżiċi u morali tal-poplu Malti, u mhux l-interessi ta' xi lingwa minnhom, ladarba l-lingwa qiegħda biex taqdi l-bniedem u mhux bil-maqlub.

3. Kull sforz li jsir mill-promoturi ta' xi lingwa minnhom biex din tavvanza lil hinn mir-rwol ġust tagħha spejjeż tal-lingwa l-oħra mhuwiex tajjeb għax ma jkunx immexxi mill-ġid sħiħ taċ-ċittadini Maltin.
4. Kull provvediment li jiddiskrimina favur xi lingwa jew kontra tagħha lil hinn mir-rwol tagħha skont il-Kostituzzjoni huwa ħażin għax jiddisturba l-bilanċ milħuq fiha u jista' jnissel pressjoni żejda jew instabbilità soċjali.

M'hemmx dubju li, jekk hemm qasam fejn il-politika lingwistika trid tkun iċċarata u aġġornata, dan huwa fil-qasam tal-edukazzjoni, għaliex din – permezz tal-programmi ta' studju, tas-sillabi, it-testi u l-orarji tagħha – għandha tagħti lill-istudenti pedament sod tal-ħiliet lingwistiċi li bihom jistgħu jsiru ħaddiema effiċjenti u ċittadini tajbin.

Huwa dan li qanqal lill-Kunsill tal-Malti biex iniedi **Seminar Nazzjonali fuq l-Edukazzjoni** li għandu jservi bħala forum ta' diskussjoni ta' din it-tema ta' interess nazzjonali. Is-Seminar ikun miftuħ għal kulħadd.

Bi tħejjija għal dan is-Seminar Nazzjonali, il-Kunsill tal-Malti qed jitolbok **tagħti sehmek billi tibagħtilna kitba qasira** li fiha tgħid kif taħsibha fuq dan is-suġġett. Din l-istedina qed ngħadduha lil għadd limitat ta' nies, u l-ktibiet li jaslulna beħsiebna nippubblikawhom fi ktieb li jservi bħala dokument għad-diskussjoni, kif sar f'seminars oħra.

Biex ngħinuk u biex inkunu nistgħu niġbru u nqabblu l-fehmiet tal-kittieba aħjar, qed inqegħdulek dawn il-ftit mistoqsijiet u nitolbuk tara li fil-kitba tiegħek ikunu mwieġba ċar.

- Fis-sistema edukattiva tagħna, iktar ma titla' iktar jonqos l-użu tal-Malti u jissaħħaħ dak tal-Ingliż. Taħseb li dan bilfors? Taħseb li hekk sewwa?
- Skont il-Kurrikulu preżenti, is-suġġetti ta' valur affettiv (il-Malti, l-Istudji Soċjali, ir-Reliġjon) huma bil-Malti, il-bqija huma bl-Ingliż. Taqbel ma' din is-sistema? Taħseb li hija ġusta? X'effett jista' jkollha għażla bħal din fuq il-prestiġju taż-żewġ lingwi?
- Sikwit nisimgħu b'għadd ta' studenti moħħhom tajjeb li jeħlu, ngħidu aħna, fil-Matematika għax ma jifhmux l-Ingliż li biha tkun miktuba l-karta tal-eżami. Kemm taħseb li huwa korrett l-assessjar tagħna ta' dawn l-istudenti? X'taħseb li jista' jsir għalihom?
- F'xi skejjel, fil-ħajja tal-iskola l-Malti jidħol biss fil-lezzjoni tal-Malti. X'jidhirlek?
- X'inhi l-politika lingwistika tal-UE f'dan il-qasam? Kemm taħseb li l-politika lingwistika tal-iskejjel tagħna hija konformi magħha?

Il-ktiba tiegħek nixtiquha tkun:

- ta' madwar 3 paġni
- konċiża, ċara u diretta – m'hemmx bżonn ta' daħliet
- preferibbilment maqsuma f'paragrafi qosra, bl-użu ta' numri jew *bullets* li jgħinu lill-għajn
- tinftiehem mill-akbar numru ta' nies possibbli
- preferibbilment f'fajl tal-kompjuter, ngħidu aħna bil-Word.

Nitolbuk tibgħat il-ktiba tiegħek sal-4 ta' Novembru 2009 bil-posta elettronika (david.agius-muscat@gov.mt), inkella bil-posta regolari fl-indirizz tal-Kunsill:

> Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
> Il-Ministeru tal-Edukazzjoni
> Il-Furjana

Insellimlek.

Prof. Manwel Mifsud
President

## IL-PROGRAMM TAS-SEMINAR

09:00am Merħba mill-president tas-seminar

*Dr Christopher Bezzina, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport*

09:10am Introduzzjoni

*Il-Prof. Manwel Mifsud, President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti*

**Preżentazzjoni A**

09:20am
- **X'inhu u x'jista' jkun sehem il-Malti u l-Ingliż fl-edukazzjoni tagħna?**

  Il-Kelliema: *Dr Marie Therese Farrugia*

**Preżentazzjoni B**

09:45am
- **Il-mixja mill-kindergarten sal-università u r-rabta tagħha mal-lingwi tat-tagħlim**
- **Il-politika lingwistika tal-istituzzjonijiet Ewropej dwar il-lingwi fl-edukazzjoni**

  Ir-Rapportaturi: *Dr Ray Fabri u l-Kav. Frank Gatt*

10:10am Diskussjoni fuq il-preżentazzjonijiet A u B

10:40am Waqfa għall-kafè

**Preżentazzjoni Ċ**

11:10am
- **Ir-rabta ta' suġġetti partikolari ma' lingwi partikolari fis-sistema edukattiva**
- **Il-kompetenza tal-istudentI fis-suġġett u fil-lingwa li jitwassal biha**

  Ir-Rapportaturi: *il-Prof. Carmel Borg u Dr Simone Galea*

**Preżentazzjoni D**

11:35am
- **Il-Malti bħala suġġett ieħor u l-Malti bħala l-lingwa nazzjonali fl-edukazzjoni**

  Ir-Rapportaturi: *is-Sur Carmel Azzopardi u s-Sa Mary Rose Mifsud*

12:00pm Diskussjoni fuq il-preżentazzjonijiet Ċ u D

12:40pm Għeluq

*Dr Grace Grima,Direttur Ġenerali tad-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni*

**Anabel Aquilina**

Il-qagħda bilingwi fl-iskejjel f'pajjiżna

- Aktar ma titla' 'l fuq fl-edukazzjoni aktar jonqos l-użu tal-Malti. Nemmen li dan hu biss fil-parti miktuba, għax f'dak li għandu x'jaqsam l-orali mhux dejjem hu l-każ. Anzi mhijiex kwistjoni ta' ħażin jew nuqqas imma kumdità tal-għalliema u/jew studenti kif jirreaġixxu. Mhux l-ewwel darba li l-għalliema jkollhom jirrikorru għall-Malti għax l-istudenti li jkun hemm quddiemhom ma jifhmux mija fil-mija dak li jkun qed jingħad, speċjalment jekk ikun xi kunċett tekniku.

- Min-naħa l-oħra, jekk jifhmu dak li jkun qed jingħad jieħdu rwol passiv għall-aħħar fil-klassi u ma jipparteċipawx daqshekk – joqogħdu lura milli jistaqsu.

- Fil-klassi hemm bżonn li jkun hemm dak li Street & Street isejħu '*mix between oral and literate media*' f'dak li hu l-'*Oral literate continuum*' (Street and Street, 1991[1])

- Dan kollu jirrifletti realtà soċjopolitika fejn '*literacy should be embedded in the social context' (creative vs imposed literacy*).

- Fil-livell postsekondarju l-materjal stampat hu bl-Ingliż imma l-livell tal-istudenti fl-Ingliż mhux tajjeb biżżejjed, tant li jeħlu biex jispjegaw kunċetti kkumplikati. Mill-esperjenza personali ma' għalliema f'dan il-livell jistaqsu għaliex ix-Xjenzi Politiċi (bħas-Soċjoloġija, il-Filosofija u r-Reliġjon), ma jkunux bħas-*Systems of Knowledge*? Il-karta tal-eżami tkun b'żewġ lingwi, għax ħafna jkunu jafu sewwa ħafna t-teorija imma jeħlu meta jiġu biex jesprimu ruħhom bl-Ingliż.

- Eżempju ieħor hu l-ispjegazzjoni tal-Liċenzja tad-dawl: it-tekniku u l-prattika jafuha, però jbatu biex jiktbu r-rapport bl-Ingliż. Għaliex l-eżami ma jkunx bil-Malti, filwaqt li jħallu l-kliem tekniku bl-Ingliż? Meta staqsejt lil studenti x'jaħsbu fuq dan, ħafna kienu dawk li ħarġu bl-argument li huwa importanti li l-eżami jittestja kemm l-istudent jaf it-teoretiku u l-prattiku u kif jasal għalih. Fil-każ tal-elektrixin huwa ferm aktar importanti li ma jiħux xokk, u li s-sistema taħdem sew milli jikteb rapport bl-Ingliż grammatikalment korrett ta' kif wasal għalih.

- Il-liġi tal-UE tgħid li kull ċittadin għandu d-dritt juża/jesprimi ruħu bil-lingwa tiegħu f'pajjiżu u dan għandu jiġi attwat fil-prattika mhux fuq il-karta biss. Fil-każ ta' Malta, ma' sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea, il-Gvern Malti għażel

[1] Street, J. C. & Street, B.V. (1991) f'Barton, D. (ed.) *Writing in the community* Vol 6: *Process of pedagogization*. London: Sage Publications.

il-Malti bħala l-lingwa uffiċjali tal-pajjiż, apparti li fil-kostituzzjoni ta' pajjiżna hemm miktub b'mod ċar li l-lingwa ta' Malta hija l-Malti, u t-tieni lingwa hija l-Ingliż. Fuq dan l-argument, jekk l-eżami qed isir minn bord Malti, l-istudent għandu jingħata l-għażla li jwieġeb b'liema lingwa jħossu l-aktar komdu. Allura jekk iħossu aktar komdu li jwieġeb bil-Malti (anke fil-każ ta' suġġetti tekniċi), għandu jagħmel dan.

- Min-naħa l-oħra eżamijiet ta' bords barranin (bħalma huma BTEC/ Adexcel/ACCA/ City and Guilds) l-istudent għandu jwieġeb bil-lingwa tal-pajjiż (Ingliż).

- Fejn fi skejjel il-Malti jidħol biss fil-lezzjoni tal-Malti, l-awtoritajiet li qed jippermettu dan, qed jaħarbu r-realtà soċjali ta' Malta llum il-ġurnata. Ladarba l-istudenti joħorġu mill-iskola ħa jkollhom x'jaqsmu mal-maġġoranza tan-nies li fil-ħajja ta' kuljum jitkellmu bil-Malti. Pereżempju f'ħanut jew quddiem nutar, negozju jsir bil-Malti; għand it-tabib, l-informazzjoni tingħata bil-Malti. Huma l-lingwaġġi settorjali tekniċi tal-professjonist li jintużaw mill-ftit (magħżula), il-kumplament iridu jaddattaw ruħhom għas-soċjetà li jgħixu fiha.

*Anabel Aquilina hija lettriċi fl-MCAST.*

**Joseph Axiaq**

## L-ilsien Malti u l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (Diviżjoni tal-Edukazzjoni 1999: 37-38) jitkellem ċar dwar l-ilsien Malti bħala lsien nazzjonali u nattiv fis-sistema edukattiva lokali, ovvjament irrilevanti mit-tip ta' skola, jiġifieri, jekk hijiex skola statali, tal-knisja jew indipendenti. Il-filosofija dwar dan hi li l-Kurrikulu jimxi fuq il-prattika lingwistika li tinsab fil-pajjiżi Ewropej, ukoll fejn dawn huma pajjiżi bilingwi. Naqbel ma' dak li jisħaq il-Kurrikulu li l-ilsien nattiv u nazzjonali jgħin biex jinbena l-għarfien ta' ilsna oħra. Barra minn hekk, jgħin ħafna fl-iżvilupp ħolistiku tal-istudenti Maltin fil-kultura ta' komunikazzjoni, fl-iżvilupp tal-ftehim u fit-titjib tal-esperjenzi personali. Dan għaliex:

- iservi ta' kuntest għall-ħolqien tal-għerf u s-soluzzjoni ta' problema;
- jiffaċilita t-tagħlim formali tal-istess ilsien;
- jipperpetwa t-tradizzjoni lingwistika tas-soċjetà Maltija;
- jgħin fl-iżvilupp ta' ilsna oħra.

Huwa kruċjali li l-Kurrikulu preżenti, kif ukoll dak li eventwalment se jkun preżenti aktar 'il quddiem, għandu jkompli jagħti kull għajnuna biex l-ilsien nattiv u nazzjonali jieħu dak li ħaqqu u joffri lill-istudenti l-aċċess biex jiżviluppaw jew ikomplu jiżviluppaw l-ilsien nazzjonali – il-Malti. Dan għandu jkompli jsir ukoll id f'id mal-iżvilupp tal-ilsien uffiċjali, l-Ingliż, billi ż-żewġ ilsna jimxu id f'id u jkunu użati f'ħinhom u f'waqthom. Dan ukoll biex tkompli tiżviluppa l-identità u l-kultura nazzjonali. Għaldaqstant, nemmen li huwa kruċjali li fid-dawl ta' dan, kull skola fil-kuntest lokali, għandha tkompli, jew tibda, tiżviluppa l-politika u l-istrateġija lingwistika tagħha u tingħata stampa ċara tal-qagħda lingwistika f'dan is-settur u xi strateġiji qegħdin jintużaw biex dan jintlaħaq.

## L-ilsien Malti u suġġetti oħra fid-dawl tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali

Jien nemmen li din l-istrateġija lingwistika f'kuntest bilingwi, trid tħaddan politika fejn il-Malti u l-Ingliż għandhom ikollhom l-istess valur lingwistiku fl-ambjent tal-iskola. Barra minn hekk, biex intejbu t-tagħlim tal-ilsna fl-iskejjel u ntejbu l-livell tat-tagħlim tal-ilsien nattiv u nazzjonali, il-Kurrikulu għandu jibqa' jkun ċar fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu fid-dawl ta' dan. Fil-fatt nemmen li għandu jkompli jirrakkomanda u jissuġġerixxi meta għandu jintuża l-ilsien Malti u l-ilsien Ingliż fis-suġġetti l-oħra mgħallma f'dan il-livell:

- L-ilsien Malti, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon u l-Iżvilupp Personali u Soċjali (il-PSD) għandhom jiġu kollha mgħallma bl-ilsien Malti
- L-ilsna l-oħra barranin (eż: l-Ispanjol, il-Ġermaniż, it-Taljan) għandhom jiġu mgħallma bl-ilsien ikkonċernat
- Il-bqija tas-suġġetti l-oħra jiġu mgħallma bl-Ingliż.

Ġaladarba ħafna mill-kotba ta' bosta suġġetti huma bl-Ingliż, kif ukoll l-eżamijiet tagħhom isiru bl-Ingliż, nemmen li għall-istudenti jkun ġust li jintuża l-Ingliż fil-proċess tat-tagħlim f'dawn is-suġġetti. Dan sakemm ma naslux fi stadju fejn il-kotba għal dawn is-suġġetti naqilbuhom għall-Malti u l-eżamijiet nagħmluhom bil-Malti. Imma dwar dan mhux lakemm tgħid taqleb għall-ilsien Malti, sakemm numru ta' lessiku (eż: dak xjentifiku, informatiku u teknoloġiku) huwa nieqes mill-istess Malti.

### Il-*code switching* bħala għodda pedagoġika

Madankollu, nemmen li f'każijiet ta' diffikultajiet pedagoġiċi **biss**, fil-bqija tas-suġġetti l-għalliema jistgħu jagħmlu użu minn ***code switching***. Dan għaliex il-motivazzjoni tal-*code switching* hi li takkomoda għall-ħtiġijiet lingwistiċi tal-istudenti fejn dawn ma jkunux jistgħu jifhmu bl-Ingliż jew bil-lingwa barranija. Fil-fatt, bħalma jisħaq Lemke (1989: 136) it-test miktub hu meqjus bħala l-aktar punt ta' referenza li kważi l-ħin kollu hu '…reiterated, paraphrased and reinterpreted by the teacher and the learners.' Ikollok sitwazzjoni fejn mill-Ingliż ikollok taqleb għall-Malti biex tispjega aħjar, twieġeb xi mistoqsijiet u biex tistabbilixxi rapport mal-istudenti speċjalment meta t-testi jkunu bl-Ingliż u l-istudenti ma jkunux qegħdin jifhmu, bħal ngħidu aħna f'suġġetti tax-xjenza, bħall-Kimika, il-Bijoloġija u l-Fiżika, kif ukoll f'suġġetti relatati mal-informatika, fejn ukoll ma jkunux jeżistu testi bil-Malti u l-eżami finali jkun bl-Ingliż.

### L-ilsien Malti – miktub u mitkellem

L-għażla tal-lingwa fl-ambjent fiżiku tal-klassi tiddependi minn dawn l-aspetti: l-ilsien miktub u dak mitħaddet. Fl-ilsien miktub jidħlu l-fatturi ta' eżamijiet, kotba u kotba ta' referenza. F'dak mitkellem jidħlu l-fatturi tal-istrateġija lingwistika individwali tal-iskola, l-individwalità tal-għalliema, is-suġġett mgħallem u l-ħtiġijiet tal-istudenti. Nemmen li hekk għandu jkun, li fejn jidħol it-tagħlim tal-ilsien Malti u suġġetti oħra fejn il-kotba huma bil-Malti u l-eżamijiet ukoll, l-użu tal-Malti għandu jkun dak ewlieni fil-proċess tat-tagħlim. Dan għandu japplika wkoll f'suġġetti fejn il-kotba huma bil-Malti iżda l-istudenti jistgħu fl-eżami jwieġbu kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż għax il-mistoqsija tkun b'żewġ lingwi.

Fejn jidħol il-Malti mitkellem waqt lezzjoni tal-Malti hu kruċjali li wieħed jistħarreġ l-istrateġija lingwistika (jekk teżisti) tal-iskola u l-attitudni lingwistika individwali tal-għalliema tal-Malti u ta' dawk l-għalliema li huma mitluba li jwasslu t-tagħlim tas-suġġett tagħhom bil-Malti, ġaladarba l-kotba huma bil-Malti u l-eżamijiet jitolbu lill-istudent iwieġeb bil-Malti għax il-mistoqsijiet ikunu bil-Malti biss. Għaldaqstant, nemmen li l-attitudni lingwistika tal-għalliema hi kruċjali. Sfortunatament tista' tinħoloq sitwazzjoni fejn waqt lezzjoni tal-Malti u/jew lezzjonijiet fejn suppost għandhom isiru bil-Malti għax it-testi huma bil-Malti, jintuża l-Ingliż, li ovvjament minn perspettiva ta' lingwistika applikata u skont il-metodoloġija tat-tagħlim tal-Malti, dan mhux aċċettabbli.

## L-attitudni tal-għalliema u l-istrateġija lingwistika tal-iskola

Fatturi li jistgħu jaffettwaw x'tip ta' lingwa tintuża fil-klassi tal-Malti mill-għalliema tal-Malti u oħrajn li qegħdin jgħallmu suġġetti li suppost jitwasslu bil-Malti, għalkemm hu mifhum li għandha tintuża l-lingwa Maltija, jiddependu minn:

- l-esperjenzi lingwistiċi tal-għalliema meta huma kienu għadhom studenti
- il-lingwa użata fit-trobbija, fil-ħajja personali u fid-dar mill-għalliema
- il-lingwa li biha ġew imħarrġa l-għalliema fil-kors teoretiku u prattiku tal-għalliema
- l-abbiltà akkademika tal-istudenti

Lingwistikament hu magħruf li l-lingwa tal-edukazzjoni u l-esperjenzi lingwistiċi fl-ambjent tal-iskola jaffettwaw il-lingwa li persuni adulti jaddattaw fit-taħdit tagħhom. Dan ifisser li jista' jagħti l-każ li għalliema jħossuhom komdi f'lezzjoni tal-Malti u f'oħrajn li l-lingwa għandha tkun il-Malti, jitkellmu bl-Ingliż jew bil-Malti Ingliż imħallat għaliex meta kienu tfal huma kienu biss midħla tal-Ingliż jew il-Malti Ingliż imħallat fl-ambjent tal-iskola tagħhom. L-użu ta' lingwa fit-trobbija, fil-ħajja personali u fil-ħajja tad-dar ta' individwu faċilment titħallat mal-lingwa tal-iskola. Ma' dan wieħed jista' jwaħħad fattur ieħor, jiġifieri, il-lingwa użata waqt il-kors tat-taħriġ tal-għalliema. Dan japplika wkoll għall-abbiltà tal-istudenti. Nemmen li l-istrateġija lingwistika ta' kull skola hija kruċjali għax din tista' tindirizza liema lingwa għandha tiġi mitkellma avolja f'kuntest bilingwi, kuntest lingwistiku bħal tal-gżejjer Maltin, fejn suppost il-Malti u l-Ingliż għandhom ikollhom l-istess rikonoxximent. Huwa kruċjali li l-kapijiet tal-iskejjel ma jħallux l-attitudni lingwistika tagħhom tinfluwenza l-lingwa mitkellma fl-ambjent fiżiku tal-iskola. Camilleri (1995:103) tirrapporta li l-kapijiet tal-iskola:

> '…may demand that students speak to him/her in a particular language as was my own experience as a student at secondary school where the head demanded that all students speak to her in English. This was due to her personal preference for English as she had been a teacher of English herself. The reason she gave us was that we needed to practise our English in order to improve it. The implicit message that was passed on to us was that English was more appropriate in academic institutions, that the Maltese language had inferior status, and that when we spoke English we demonstrated our academic abilities!'

Dan japplika wkoll kemm għall-għalliema u l-istaff amministrattiv meta jiġu biex jitkellmu mal-kapijiet tal-iskola. Ħafna jaslu biex jużaw il-Malti Ingliż Imħallat.

## L-attitudni lingwistika

Jien nemmen li dan is-self ta' kliem minn ilsien għal ieħor jista' jkun determinat ukoll minn fatturi extralingwistiċi bħalma hi l-**attitudni lingwistika** tan-nies lejn l-ilsien nattiv tagħhom u lsien barrani. Għaldaqstant, dan kollu jwassal għall-fatt li ħafna drabi waqt li nkunu qegħdin nitkellmu jiġri li mingħajr ma nkunu nafu jew inkella b'mod konxju minħabba l-attitudni lingwistika negattiva li jkollna lejn ilsien speċifiku, jew ukoll minħabba fatturi marbuta mal-istatus soċjali tal-persuna, it-taħdit tagħna jissawwar minn self ta' kliem, frażijiet u saħansitra sentenzi sħaħ

minn kliem ta' lsien ieħor jew inkella minn xi reġistru speċifiku ta' kliem jew djalett, li kemm aħna kif ukoll dik il-persuna li nkunu qegħdin nitkellmu magħha nkunu midħla sew tagħhom. Dan ifisser li nkunu qegħdin ninqdew b' 'different varieties at different times' (Hudson 1980: 56) waqt li nkunu qegħdin nikkomunikaw ma' xi ħaddieħor. Dan huwa proprju l-proċess tal-*code switching* li huwa riżultat awtomatiku ta' reġistri differenti, billi l-istess kelliem ħafna drabi juża reġistri differenti f'okkażjonijiet differenti (Pride and Holmes 1972, Hudson 1980, Trudgill 1983). Fi kliem ieħor, jista' jkun qiegħed jagħmel xi tip ta' taħdita bil-Malti, filwaqt li fl-istess ħin waqt it-taħdita tiegħu jagħmel użu minn frażijiet jew sentenzi sħaħ bl-Ingliż jew inkella b'xi reġistru jew djalett partikolari. Gumperz (1982: 59) jisħaq li l-*code switching* huwa '…the juxtaposition within the same speech belonging to two different grammatical systems or sub-systems'. Madankollu, għad li Eastman (1992) tagħti definizzjoni tal-*code switching* li toqrob ħafna għal dik ta' Gumperz, hi aktar iddettaljata għax tgħid li l-*code switching* hu '…the use of at least two languages (or dialects or registers) within a particular genre (song, conversation) during a speech event…' (Eastman 1992: 16).

Iżda tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li dan it-tip ta' proċess fi ħdan il-lingwistika mhuwiex xi proċess arbitrarju, iżda huwa influwenzat minn għadd ta' fatturi oħra li mhumiex lingwistiċi iżda li jridu u ma jridux xorta waħda jinfluwenzaw l-istudju xjentifiku tal-lingwa. Fost dawn il-fatturi nistgħu nsemmu t-topik li jkun qiegħed jiġi mistħarreġ, il-kodiċi li jkun qiegħed jintuża biex dan iseħħ, is-sitwazzjonijiet li jinħolqu u l-**attitudni lingwistika** fil-konfront tal-ilsna użati.

Il-ħasra hija li minħabba f'hekk, dawk il-Maltin li jaspiraw għal ċertu prestiġju soċjali għoli, saħansitra jekk ma tantx jafu l-Ingliż sew, jagħmlu użu minnu u jħalltuh mal-Malti Standard fejn jinħoloq l-ilsien illużorju – Il-Malti Ingliż imħallat. Jien tal-fehma li dan ikun qiegħed joħloq taħwid lingwistiku tant li persuna tasal ma tkunx taf la l-Malti u lanqas l-Ingliż sew. Dan il-fenomenu lingwistiku jinfluwenza lill-individwu saħansitra miċ-ċokon tiegħu meta sfortunatament il-ġenituri, jitkellmu ma' wliedhom bl-Ingliż jew inkella bi ftit Malti u bi ftit Ingliż imħallta flimkien biex jippreparawhom għall-iskola kif ukoll biex aktar tard isibu ċertu status soċjali fi ħdan is-soċjetà. Dwar dan huma bosta l-lingwisti li jemmnu li b'hekk persuna la tkun taf il-Malti u lanqas l-Ingliż sew kif ukoll li dik il-persuna jkollha nuqqasijiet kbar fl-Ingliż għax l-għarfien tal-ilsien nattiv, fuqxiex jibbaża maż-żmien dak barrani, ma jkunx sod (Ellul 1978, Borg 1988, Camilleri 1995).

B'dan mhux qiegħed ngħid li l-Ingliż m'għandux jingħata l-importanza tiegħu. Iżda nemmen li hu kruċjali li ż-żewġ ilsna jiġu mgħallma separatament mingħajr taħwid. L-Ingliż u l-Malti bħala ilsna mhumiex għedewwa ta' xulxin jew fi ġlieda bejniethom. Aħna bħala Maltin għandna bżonnhom it-tnejn imma għandna nkunu nafuhom it-tnejn tajjeb mingħajr interferenzi bejn lingwa u oħra. Fil-fatt kulħadd jaf li l-Ingliż huwa meqjus bħala l-ilsien li jqarreb lix-xtut Maltin lejn il-kumplament tad-dinja bħala l-ilsien internazzjonali. B'hekk numru sostanzjali ta' lessiku Ingliż infiltra fis-sistema tal-Malti biex Malta ma tibqax iżolata, speċjalment fl-oqsma

tat-teknoloġija, ix-xjenza u l-informatika. Fil-fatt Borg (1988: 14) jisħaq li '… ħafna mill-iskoperti xjentifiċi u teknoloġiċi kif ukoll kwalunkwe tip ta' innovazzjoni kulturali, tista' tgħid li ħafna Maltin l-ewwel ma saru jafu bihom kien permezz ta' terminoloġija Ingliża'. Dan it-tip ta' kliem missellef jidher ukoll f'għadd ta' oqsma soċjali fir-reġistri tagħhom bħal ngħidu aħna l-lingwaġġ fil-kamp sportiv, fil-kamp tal-mediċina kif ukoll f'dak teknoloġiku u informatiku. Dan is-self ma jikkonċentrax biss fuq il-qasam lessikali iżda wkoll fuq il-qasam morfoloġiku u fonoloġiku. F'dan jien ma nara xejn ħażin għaliex ġaladarba l-ilsien Malti huwa ħaj u m'għandux lessiku li jindirizza dawn l-oqsma, ikun qiegħed jistagħna aktar b'dan il-kliem ġdid fil-lingwa (trasferiment pożittiv). Iżda hija sitwazzjoni gravi meta fil-Malti jkollna dak il-lessiku li jaqdina u minflok ninqdew bi kliem minn ilsna oħra. Dan huwa sfreġju tal-ilsien Malti (eż: 'ipplejtja' flok 'qaleb l-ikel', 'invit' flok 'stedina', eċċ).

F'Malta, gżira li tgħix il-bilingwiżmu, dan il-fenomenu lingwistiku tal-*code switching* huwa familjari sew mal-Maltin. Ix-xena lingwistika f'Malta tagħtina x'nifhmu li ż-żewġ ilsna predominanti huma l-Malti Standard u l-Ingliż. Madankollu, studji soċjolingwistiċi juruna li fi gżiritna l-Ingliż dejjem ħaddan ċertu awtorità għax kien l-ilsien ta' min kellu awtorità fuq il-Maltin. Għalhekk, sfortunatament ħafna Maltin għadhom iħossu li l-Ingliż jista' jagħtihom aktar awtorità fi ħdan is-soċjetà u għalhekk status soċjali għoli billi: '…is perceived as the language of education and of the educated, especially of those in the professions. Knowing and using English is a symbol of power.' (Camilleri 1995: 163). Illum nemmen li dan il-mod kif inħarsu lejn l-Ingliż naqas bil-ħidma fejjieda ta' dawk li qegħdin juru li l-ilsien Malti kapaċi wkoll ikun meqjus bħala l-lingwa tal-edukazzjoni u tal-edukati, speċjalment meta naraw lingwisti barranin li wkoll juru interess kbir fil-Malti.

## Referenzi


Borg, A. (1988) *Ilsienna*. Malta: Penprint.

Camilleri, A. (1995) *Bilingualism in Education – The Maltese Experience*. Heidelberg: Julius Gross Verlag.

Diviżjoni tal-Edukazzjoni (1999) *Inwelldu l-Ġejjieni Flimkien*. Malta: Ministeru tal-Edukazzjoni.

Eastman, C. M. (1992) 'Codeswitching as an urban language contact phenomenon' in *Journal of Multilingual and Multicultural Development* 13, 1, 1-17.

Ellul, S. (1978) *A Case-Study in Bilingualism: Code Switching Between Parents and their Pre-School Children in Malta*. Cambridge: Huntington Publishers.

Gumperz, J. J. (1982) *Discourse Strategies*. Cambridge: Cambridge University Press.

Hudson, R. A. (1980) *Sociolinguistics*. Cambridge: Cambridge University Press.

Lemke, J. L. (1989) 'Making text talk' in *Theory into Practice*, 28, 2, 136-141.

Pride, J. B. and Holmes, J (eds.) (1972) *Sociolinguistics.* New York: Penguin.

Trudgill, P. (1983) *Sociolinguistics: an Introduction*. Harmondsworth: Penguin.



*Dr Joseph Axiaq huwa l-Prinċipal tal-Arti u l-Lingwi - MATSEC u lettur fil-Fakultà tal-Edukazzjoni, l-Università.*

**Carmel Azzopardi**

Il-Bilingwiżmu fl-Iskejjel

## A. Il-ħtiġijiet lingwistiċi tal-poplu Malti

- Mingħajr ma nxellfu u nnaqqsu mill-importanza tal-Ingliż, irridu nżommu f'moħħna li l-Malti hu l-ilsien nazzjonali, hu wieħed mill-elementi l-aktar validi li jagħtuna identità, kemm fuq livell nazzjonali u llum anke fuq livell Ewropew. Bħala poplu evolut, indipendenti u Ewropew għandna nkunu kburin bl-ilsien tagħna, kemm għax dan hu l-ilsien tal-Maltin li bih jikkomunika l-poplu u kemm għax huwa lsien uniku, ħaġa ta' valur fiha nfisha. Irridu wkoll inżommu f'moħħna li, għalkemm il-Malti hu lsien sħiħ u jaqdi l-ħtiġijiet tal-poplu li jużah, hu lsien żgħir għax mitkellem minn popolazzjoni żgħira. U għax hu lsien żgħir hu suxxettibbli għall-influwenza ta' ilsna oħra ferm ikbar minnu. Illum il-Malti qed jevolvi u jinbidel b'mod mgħaġġel ħafna bħala riżultat tal-kuntatt qawwi tiegħu mal-Ingliż. F'dan il-kuntest toħroġ l-importanza li aħna nżommu u nsaħħu l-ħiliet tagħna fl-Ingliż, lingwa internazzjonali li tqegħidna fuq livell dinji, u fl-istess ħin nipproteġu u nsaħħu dak li hu tagħna, il-Malti.
- L-UE għarfet lill-ilsien Malti bħala lsien uffiċjali għax il-Malti bħala l-ilsien nazzjonali tal-Maltin kellu d-dritt li jintgħaraf bħala lsien uffiċjali. L-UE tħaddan il-politika tal-multilingwiżmu għax temmen li kull ċittadin ta' nazzjon li qiegħed fl-UE għandu d-dritt li jikkomunika maċ-ċittadini sħabu bil-lingwa tiegħu, kif ukoll id-dritt li jikkomunika mal-UE u li jkun infurmat dwar il-ħidmiet tal-UE bil-lingwa tiegħu. Għal dan il-għan l-UE tonfoq il-miljuni biex tipprovdi servizzi ta' traduzzjoni u interpretar fil-lingwi uffiċjali kollha tagħha. Ma jagħmilx sens li, waqt li l-UE tesiġi d-dritt taċ-ċittadin Malti li juża l-Malti fuq livell Ewropew, f'Malta stess il-Malti ma jingħatax l-importanza li tixraqlu.
- Il-bilingwiżmu fil-forma sħiħa tiegħu jirrikjedi li individwu jkollu kompetenza sħiħa f'żewġ lingwi. Meta nitkellmu dwar il-bilingwiżmu fil-kuntest edukattiv nifhmu l-akkwist ta' grad ta' kompetenza fil-ħiliet varji tal-lingwa – is-smigħ (il-fehem), il-qari, it-taħdit u l-kitba. Li l-poplu Malti jkollu grad għoli ta' bilingwiżmu hu ideal għoli, pjuttost utopiku, li jekk jintlaħaq, iġib miegħu vantaġġi enormi, l-aktar fid-dinja tal-lum u ta' għada.
- Biss irridu nżommu saqajna mal-art minħabba l-fatt li mhux kull individwu għandu l-kapaċità li jakkwista l-ħiliet kollha fil-Malti u fl-Ingliż.
- Għalkemm progress sar, u jista' jsir aktar, irridu nammettu li dejjem se jkun hemm proporzjon tal-popolazzjoni li ma jkunx kapaċi jitgħallem aktar minn lingwa waħda.
- Is-sistema edukattiva trid timmira biex tissodisfa l-ħtiġijiet lingwistiċi ta' kull individwu, kemm tal-istudent tajjeb li kapaċi jitgħallem kemm il-Malti kif

ukoll l-Ingliż u anke ilsna oħra, kif ukoll tal-istudent batut li jrid jagħmel sforz biex forsi jaħkem il-lingwa nattiva.

- Is-sistema edukattiva għandha tinsisti biex għall-anqas l-individwu jakkwista l-ħakma tal-lingwa nattiva. L-illitteriżmu jikkonċerna l-lingwa nattiva u ma jagħmilx sens li wieħed jipprova jgħallem żewġ lingwi lil student li jsib diffikultà biex forsi jitgħallem lingwa waħda.

## B. Il-qagħda attwali fl-iskejjel

- Hemm żbilanċ favur il-lingwa Ingliża:
  - Il-biċċa l-kbira tal-materjal viżiv (vidjows, films, logħob tal-kompjuter, eċċ.) hu bl-Ingliż.
  - Fil-livell sekondarju hemm aktar lezzjonijiet fil-ġimgħa allokati għall-Ingliż milli hemm għall-Malti.
  - Hemm aktar suġġetti mgħallma bl-Ingliż milli hemm mgħallma bil-Malti.
  - Ħlief fil-każ tas-suġġetti affettivi, il-karti tal-eżamijiet skolastiċi kif ukoll tal-eżamijiet pubbliċi jsiru bl-Ingliż u l-istudenti jintalbu jwieġbu bl-Ingliż.
  - Il-komunikazzjoni (l-aktar il-komunikazzjoni bil-miktub) bejn l-amministrazzjoni tal-iskejjel u l-istudenti ssir aktar bl-Ingliż milli bil-Malti.
  - F'xi skejjel issir pressjoni biex l-istudenti jitkellmu biss bl-Ingliż.

**Osservazzjonijiet**

- Student li m'għandux ħakma sħiħa tal-Ingliż isofri u jkun żvantaġġjat meta jiġi mgħallem bl-Ingliż suġġett li mhux l-Ingliż u fuq kotba miktubin bl-Ingliż.
- Student li mhux daqshekk kompetenti fl-Ingliż li jkollu bilfors jaqra karta tal-eżami bl-Ingliż u jwieġeb bl-Ingliż qed ikun żvantaġġjat u qed isofri diskriminazzjoni. Isofri, jitlef il-marki u forsi anke jeħel għax ma jkunx kapaċi jifhem sew il-mistoqsijiet u/jew għax ma jkunx kapaċi jesprimi ruħu tajjeb u b'mod sħiħ bl-Ingliż. Għalkemm meta qed ikunu eżaminati l-ħiliet ta' student f'suġġett li mhux l-Ingliż suppost li l-eżaminatur m'għandux iqis żbalji u nuqqasijiet lingwistiċi, ħafna drabi jiġri li l-istudent xorta jiġi ppenalizzat, ftit jew wisq, minħabba l-inkompetenza lingwistika tiegħu.
- Id-diskriminazzjoni kontra student li ma jingħatax il-possibbiltà li jitgħallem suġġett (ħlief lingwa oħra) bil-lingwa nattiva u li jiġi eżaminat fih bil-lingwa nattiva tmur, għall-inqas fl-ispirtu, kontra l-politika tal-multilingwiżmu tal-UE.

## C. Il-qagħda attwali fil-pajjiż

- Għalkemm ma jidhirx li s'issa sar xi studju soċjolingwistiku speċifiku biex janalizza l-bilanċ bejn il-Malti u l-Ingliż fil-ħiliet kollha tal-lingwa (is-smigħ,

il-qari, it-taħdit u l-kitba), b'intwizzjoni wieħed jista' jasal biex jagħti din l-indikazzjoni:

Tabella 1 *Il-Bilanċ bejn il-Malti u l-Ingliż fil-Ħiliet Lingwistiċi*




**Osservazzjonijiet**

- Fil-ħiliet tas-smigħ u t-taħdit, il-Malti jidher li hu mifrux u għandu sisien sodi. Għalkemm hemm proporzjon tal-popolazzjoni li juża aktar l-Ingliż milli l-Malti, u għalkemm hemm it-tendenza li jiżdiedu l-isforzi biex ikun hemm aktar kompetenza fl-Ingliż mitkellem, ħaġa li hi pożittiva, ma jidhirx li l-Malti fil-livell tat-taħdit hu mhedded.
- Għalkemm nistgħu ngħidu li bosta mill-Maltin litterati kapaċi jaqraw biż-żewġ lingwi, nosservaw li l-volum miktub u/jew stampat bl-Ingliż (gazzetti, magazins, kotba, siti elettroniċi, eċċ.) bil-wisq jisboq lill-volum miktub bil-Malti.
- Il-Maltin jiktbu aktar bl-Ingliż milli bil-Malti. Għal snin twal il-komunikazzjoni miktuba fil-ministeri u d-dipartimenti tal-Gvern, fil-qasam professjonali, fil-qasam kummerċjali, fil-qasam finanzjarju u f'ħafna oqsma oħra dejjem saret bl-Ingliż. Għalkemm sar progress, għad hemm ħafna xi jsir biex nilħqu livelli aċċettabbli. Xi jżomm lill-Malti milli jikteb bil-Malti? Wieħed jista' jagħti żewġ raġunijiet:

    1. Il-Malti hu limitat fit-terminoloġija. B'mod partikulari f'ċerti oqsma bħax-xjenza, it-teknoloġija, l-isport u l-informatika għad għandna nuqqas ta' termini speċifiċi. Qed isir ħafna xogħol utli f'dan ir-rigward, kemm

f'Malta kif ukoll fl-istituzzjonijiet Ewropej, imma għad jonqos sforz kollettiv li jikkoordina l-ġbir u l-aġġornament tat-terminoloġija. Idealment it-terminoloġija għandha ssib postha f'dizzjunarju tajjeb li jkun aġġornat regolarment.

2. Il-Malti ma jafx jikteb bil-Malti. Bħala regola, il-Malti, anke l-Malti li ħareġ mill-università, se jsib, ftit jew wisq, diffikultà biex jikteb Malti nieqes minn żbalji ortografiċi u/jew grammatikali. Meta wieħed ma jkunx ċert mill-korrettezza tal-kitba, isib soluzzjoni prattika billi juża lingwa oħra li fiha hu aktar kompetenti u li fiha jsib l-għajnuna ta' għodod lingwistiċi bħaċ-ċekkjatur ortografiku, iċ-ċekkjatur grammatikali u d-dizzjunarju elettroniku, għodod utli li jgħinuh jikteb mingħajr żbalji. In-nuqqas ta' kompetenza fl-ortografija u fil-grammatika joħloq ċirku vizzjuż. Wieħed jibda ma jiktibx bil-Malti għax ma jafx jikteb għalkollox Malti korrett; anqas ma jikteb bil-Malti aktar tikber l-inkompetenza tiegħu u fl-aħħar jispiċċa biex ma jibqax jikteb bil-Malti.

## D. Suġġerimenti

- Għandha tikber il-lista ta' suġġetti li jkunu mgħallma bil-Malti. Minbarra l-Malti, l-Istudji Soċjali u r-Reliġjon, suġġetti oħra bħall-Istorja, il-Ġografija, l-Edukazzjoni Fiżika, l-Arti, il-Mużika u d-Drama għandhom ukoll jiġu mgħallma bil-Malti.
- Għandu jkun hemm għażla ta' kotba għall-iskejjel bil-Malti, kotba li jkunu addattati u li jkunu dejjem aġġornati skont il-ħtiġijiet tal-mument. L-iskejjel għandu jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu l-kotba tal-istudenti. Il-prattika li l-istudenti jingħataw il-kotba b'xejn biex jużawhom matul is-sena skolastika fiha diversi aspetti negattivi:
  - L-istudenti u l-ġenituri qed jidraw ma japprezzawx il-valur tal-ktieb.
  - L-istudenti qed jispiċċaw mingħajr anqas ktieb wieħed fil-librerija tagħhom meta jtemmu l-edukazzjoni sekondarja.
  - Il-kotba li jingħataw b'xejn idumu fiċ-ċirkulazzjoni snin twal. Dan jagħmel sens mil-lat ekonomiku u mil-lat soċjali iżda hu diżastruż mil-lat edukattiv għax b'dan il-mod l-iżviluppi fil-metodoloġija u t-tiġdid qed jitwaqqfu. Fil-każ tal-Malti qed jitwaqqaf kull inċentiv tal-awtur u l-pubblikatur Malti biex jiġu prodotti kotba ġodda li huma aħjar u aktar aġġornati fil-metodoloġija u fit-tematika.
- Għandu jsir sforz biex ikun hemm aktar kitbiet letterarji u aktar traduzzjonijiet ta' xogħlijiet ta' awturi barranin għall-użu tal-istudenti.
- Il-kurrikulu għandu jagħti kas tad-differenza fil-ħiliet tal-istudenti. Fil-każ ta' studenti batuti, l-enfasi għandha tkun fuq it-tagħlim tal-lingwa nattiva. L-insistenza fuq it-tieni lingwa tista' tfixkel billi toħloq interferenza u

l-istudent jispiċċa li, minflok ma jitgħallem kemm il-Malti u l-Ingliż, ma jitgħallem xejn.

- Studenti batuti għandu jkollhom aktar lezzjonijiet tal-Malti fil-ġimgħa.
- Studenti batuti għandu jkollhom il-kotba **kollha** bil-Malti u jiġu mgħallma s-suġġetti **kollha** (inklużi l-Matematika u x-Xjenza) bil-Malti.
- Ħlief fl-eżamijiet tal-Ingliż jew ta' lingwa li mhix il-Malti, il-mistoqsijiet tal-eżamijiet għandhom ikunu bil-Malti u bl-Ingliż u l-istudenti għandu jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu li jwieġbu bl-Ingliż jew bil-Malti.
- Għandha tingħata aktar importanza lit-tagħlim tal-grammatika u tar-regoli ortografiċi tal-Malti. Sa minn kmieni l-istudent għandu jiġi ppreżentat b'Malti miktub b'mod korrett u għandha dejjem tingħata l-verżjoni l-korretta lill-istudent, anke jekk l-ispjega tar-regola se ssir ħafna aktar 'il quddiem.
- L-għalliema tal-Malti, inklużi l-għalliema tal-primarja, għandu jkollhom bażi soda tal-Malti u jkunu aġġornati fir-regoli tal-grammatika u tal-ortografija.
- Fl-eżamijiet pubbliċi għandu jingħata aktar piż lill-grammatika u lill-ortografija. Ma jagħmilx sens li jkollna studenti biċ-ċertifikat tas-SEC fil-Malti li ma jkunux kapaċi jiktbu sentenza waħda mingħajr żball.
- Is-sistema edukattiva għandu jkollha l-mira li tipproduċi ċittadini li wara ħdax-il sena l-iskola jkunu kapaċi jiktbu l-Malti bla żbalji.
- Għandu jsir sforz serju biex ikollna ċekkjatur ortografiku, ċekkjatur grammatikali u dizzjunarju elettroniku. Dawn l-għodod lingwistiċi għandhom ikunu disponibbli għal kulħadd bla ħlas, anke għall-istudenti.

*Carmel Azzopardi huwa l-President tal-Akkademja tal-Malti u ex-Kap tat-traduzzjoni tal-Parlament Ewropew.*

**Albert Borg**

Il-bilingwiżmu fl-edukazzjoni

1. Veru li fil-klassijiet iktar avvanzati, jidher li tkompli tissaħħaħ il-preżenza tal-Ingliż, prinċipalment minħabba t-testi tas-suġġetti varji. Imma altru t-testi bl-Ingliż u altru x'jiġri oralment bejn l-għalliema u l-istudenti. Mill-ftit studju li sar dwar dan il-qasam, jidher li ħafna għalliema jaqilbu kontinwament fil-klassi bejn il-Malti u l-Ingliż biex joħolqu "pont" bejn it-test bl-Ingliż u t-terminoloġija teknika, u l-għarfien tal-Ingliż tal-istudenti li spiss ikun batut. F'dan ix-xenarju, veru li l-importanza tkun qed tingħata lill-Ingliż, imma l-Malti jassumi r-rwol umli imma bażiku ta' għodda biex fl-aħħar mill-aħħar, l-istudent jifhem (jew jifhem aħjar) xi jkun qed jiġri fil-klassi. Fuq il-problema tat-testi, fil-parti kbira tagħhom bl-Ingliż, ara l-paragrafu li ġej.

2.1 Hemm tradizzjoni twila fis-sistema edukattiva tagħna li suġġetti b'valur "affettiv" ngħallmuhom bil-Malti waqt li suġġetti iktar tekniċi ngħallmuhom bl-Ingliż. L-ewwel nett dan it-tqassim joffrilna prova oħra li l-bilingwiżmu Malti huwa ta' tip partikolari msejjaħ "komplimentari". Il-bilingwiżmu jista' jieħu firxa sħiħa ta' suriet, minn "komplimentari" għal "parallel". Dan tal-aħħar ġieli jippreżentawh uħud bħala t-tip ideali: dak kollu li kelliem jista' jagħmel b'lingwa partikolari, jista' jagħmlu bil-lingwa l-oħra wkoll. Huwa ċar li l-bilingwiżmu tagħna mhux hekk: it-tip "komplimentari" jfisser li ċerti affarijiet il-kelliem jagħmilhom b'lingwa, u oħrajn jagħmilhom b'lingwa oħra. Ngħidu aħna, b'mod ġenerali, l-Ingliż iżjed niktbuh mill-Malti fis-soċjetà tagħna, u malajr nistgħu nifhmu għaliex, jekk inħarsu lejn x'jiġri l-iskola u naraw li l-maġġoranza tas-suġġetti, l-istudenti jitgħallmuhom bl-Ingliż.

2.2 Jiġri għalhekk li titrawwem il-mentalità li l-Malti ma tantx huwa bżonjuż għall-iskola u biex timxi 'l quddiem trid l-Ingliż. Issa hawn ħadd ma joħlom li jnaqqas mill-importanza tal-Ingliż: il-problema hi biex nippromwovu bilingwiżmu ġenwin li bis-saħħa tiegħu wieħed iħossu komdu juża ż-żewġ lingwi (idealment bl-istess ħila u ħeffa) skont il-kuntest.

2.3 Hemm studji li juru li meta l-bilingwiżmu jkun tat-tip fejn l-ebda lingwa ma tinħass mhedda b'xi mod mill-oħra, dan jissarraf f'vantaġġ għall-iżvilupp konjittiv tal-istudenti meta tqabbilhom ma' studenti oħra monolingwi.

2.4 Hemm ukoll il-konsiderazzjoni prattika li llum is-soċjetà tagħna hija waħda miftuħa għall-aħħar u l-Maltin il-ħin kollu jitħalltu mal-barranin, kemm f'Malta stess kif ukoll barra. Jekk ngħidu aħna l-Istudji Soċjali jsiru esklużivament bil-Malti jkun diffiċli li wieħed jitkellem fuq dan is-suġġett bl-Ingliż: allura meta wieħed jaqbad diskussjoni ma' xi turist jew ma' xi tip ta' barrani ieħor, għandu jlaqlaq u l-ħin kollu jrid joqgħod ifittex il-kelma, biex jitkellem fuq xi problema

soċjali jew fuq xi qasam mill-istorja ta' Malta? Mill-banda l-oħra, professjonist li dejjem tgħallem kollox bl-Ingliż, għandu jkun inkapaċi li jiftiehem ma' klijent li l-Ingliż għalih mhux lingwa vijabbli? Kull min ra jew sema' xi diskussjoni ta' natura ftit jew wisq teknika fuq il-midja, jaf li wħud minn dawn il-professjonisti mhux kapaċi jfissru ruħhom bil-Malti u minkejja li jkunu qed jindirizzaw udjenza Maltija, il-ħin kollu jaqilbu minn lingwa għall-oħra. Biżżejjed nieħdu l-eżempju tal-ispiżjar li jkollu jispjega l-użu, kultant ikkomplikat, ta' mediċini li jistgħu anki jkunu perikolużi, lill-klijenti speċjalment anzjani li mhux bilfors jifhmu t-terminoloġija komplessa bl-Ingliż. Tant hija reali din id-diffikultà li d-Dipartiment tal-Farmaċija ilu issa għal numru ta' snin joffri kors lill-istudenti tiegħu dwar it-terminoloġija teknika bil-Malti. U l-problema ma tokkorrix biss meta wieħed jiġi biex ifisser ruħu bil-Malti. Huwa fatt magħruf li l-istudenti universitarji barranin sikwit igergru għax ma jkunux jistgħu jsegwu l-*lecture*, billi ħafna letturi mhux kapaċi jagħmlu siegħa sħiħa jitkellmu biss bl-Ingliż u jaqilbu minn lingwa għall-oħra: naturalment ikunu kompetenti ħafna fl-Ingliż tekniku tas-suġġett tagħhom, imma jkun jonqoshom il-kompetenza komunikattiva bl-Ingliż li tiġi biss minn bilingwiżmu bilanċat.

2.5 Imma apparti konsiderazzjonijiet bħal dawn ta' natura li nistgħu nsejħulha "materjalistika" fis-sens li wieħed jipprova jfittex xi vantaġġ immedjat, hemm aspett xejn inqas importanti li għandu x'jaqsam mad-dinjità tal-poplu fl-affermazzjoni tal-identità tiegħu. Lingwa tiżviluppa skont kemm tużaha: kien hemm żmien meta l-filosofi Brittanniċi kienu jiktbu x-xogħlijiet tagħhom bil-Latin għax l-Ingliż ma kienx meqjus għodda xierqa għal dan il-għan. Imma bl-użu f'oqsma bħal dawn fuq medda twila ta' snin, l-Ingliż żviluppa għal-lingwa li hu llum. Għaliex il-Maltin għandhom jikkuntentaw li l-Malti jibqa' tajjeb biss biex bih nesprimu ruħna f'għadd żgħir ta' oqsma? Biex ma nsemmux l-istituzzjonijiet Ewropej li wrewna li f'ġieħ id-demokrazija u l-parteċipazzjoni popolari fil-proċess li bih jittieħdu d-deċiżjonijiet, iċ-ċittadin għandu jkollu l-faċilità li jesprimi ruħu bil-lingwa materna tiegħu. U x'espressjoni hi din jekk biex infisser fehmti dwar l-Istudji Soċjali nista' nitkellem bil-Malti, imma biex infisser ruħi dwar is-sistema bankarja, jew iċ-ċaqliq fis-swieq finanzjarji, irrid naqleb għall-Ingliż?

2.6 F'dan il-kuntest ta' sforz biex il-ħiliet lingwistiċi tal-istudenti tagħna fiż-żewġ lingwi jiġu integrati u jimxu 'l quddiem bl-istess pass flimkien, xi snin ilu kien sar sforz minn uħud biex tiġi introdotta sistema ta' testi bilingwi, fejn parti mill-kontenut jitfisser bil-Malti u parti oħra minnu jitfisser bl-Ingliż. Naturalment ma jkunx possibbli li t-testi kollha li jkunu jenħtieġu għas-snin kollha tal-iskola jsiru b'dan il-mod, imma l-idea hi li l-għalliema u l-istudenti tagħna nippreżentawlhom mudell alternattiv li jgħinhom japprezzaw il-problema aħjar u jrawwem fihom id-drawwa li huma stess ifittxu dan il-bilanċ lingwistiku fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

3. Il-każ ta' studenti li jibqgħu lura akkademikament minħabba n-nuqqas ta' kompetenza fl-Ingliż, sfortunatament huwa mxerred ħafna. Teoretikament wieħed jista' jaħseb li bħalma llum l-istat jipprovdi għajnuna lil studenti b'tipi speċifiċi ta' diżabbiltà, billi jagħtihom *facilitator* li jakkumpanjahom prattikament b'mod individwali tul il-ħin tal-iskola, hekk ukoll jista' jagħmel f'dan il-każ ta' "diżabbiltà" lingwistika. Naturalment soluzzjoni bħal din ma tidhirx prattikabbli: fil-fatt jien konvint li s-soluzzjoni vera tinvolvi t-tagħlim bilingwi ta' kull suġġett biex b'hekk l-istudent innifsu jkun jista' joħloq il-"pont" bejn il-kunċett u l-lingwa li biha jkun irid jesprimih. Kif rajna dan diġà qed jiġri f'ħafna klassijiet b'mod orali: li jonqos issa huwa li din il-prattika pedagoġikament sana, nirfinawha u nestenduha għat-test miktub.

*Prof. Albert Borg jaħdem fil-Fakultà tal-Arti u l-Istitut tal-Lingwistika, l-Università ta' Malta.*

**Carmel Borg**

1. Għal ħafna ċittadini Maltin, it-tnaqqir tal-Malti jibda kmieni ħafna fil-proċess edukattiv tagħhom. Numru ta' skejjel qegħdin jonqsu mill-obbligu etiku u legali li jipprovdu kuntest edukattiv li jgħin lill-istudenti jixxettlu fiż-żewġ ilsna uffiċjali ta' pajjiżna. Dan in-nuqqas serju fis-sistema obbligatorja qiegħed iwassal biex numru kbir ta' studenti li jridu jkomplu jterrqu fil-vjaġġ twil edukattiv jiżviluppaw attitudni li biżżejjed taħkem ilsien wieħed, x'aktarx l-Ingliż, u tiddobba bl-ilsna l-oħra, fosthom il-Malti. Din l-attitudni żbaljata mhix limitata għaċ-ċittadini Maltin li l-ewwel ilsien tagħhom huwa l-Ingliż. L-istess jista' jingħad għall-ħafna Maltin li l-ewwel ilsien tagħhom huwa l-Malti, u li jaħsbuha bl-istess mod fil-konfront tal-Ingliż u ilsna oħra barranin. Iżda, fl-ekonomija lokali tal-lingwi, għal raġunijiet storiċi, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali, dawk li jiddubbaw bil-Malti, u għandhom ħakma relattivament tajba tal-Ingliż, donnhom huma ċittadini aktar ugwali minn dawk li jiddubbaw bl-Ingliż u għandhom ħakma tajba tal-Malti.

   L-istituzzjonijiet edukattivi għolja tal-pajjiż jirriflettu l-eġemonija soċjokulturali ta' pajjiżna. Is-sens komun lingwistiku dominanti huwa li n-nifs tal-ilsien Malti ma jwassalx wisq, u li l-pulmun tal-Ingliż iwasslek aktar fil-fond u fit-tul. Barra minn hekk, l-Ingliż huwa meqjus, f'termini Bourdieusjani, bħala marka ta' distinzjoni u ta' mobilità ekonomika u soċjali. Għalhekk, ħafna jirraġunaw li jaqbillek tinvesti ħafna aktar fl-Ingliż.

   Il-letturi li joperaw f'istituzzjonijiet għolja tal-proċess edukattiv huma parti integrali minn din l-eġemonija lingwistika. Uħud huma fost l-intellettwali organiċi ewlenin li jżejtnu l-magna eġemonika. Diskorshom għandu z-zokkra tal-leġittimità – id-diskors li l-Ingliż joffri opportunitajiet akbar, vantaġġi ekonomiċi, internazzjonalizzazzjoni u komunikazzjoni aktar effiċjenti. Meta niftakar kif irreaġixxew ħafna letturi meta għażilt li nikteb xi xogħol bil-Malti, indunajt li hemm saffi ta' preġudizzju moħbijin taħt il-qoxra tal-argumenti leġittimi. Bdejt nifhem għaliex il-preżenza tal-Malti fl-iskaluni għolja tas-sistema edukattiva qiegħda titnaqqar mingħajr jew bi ftit reżistenza.

   Hemm rabta bejn it-tnaqqir tal-Malti fin-naħa ta' fuq tas-sistema edukattiva u proċess lingwistiku dgħajjef fis-sistema obbligatorja. Għalhekk, il-bżonn ta' politika lingwistika.

   Politika lingwistika b'saħħitha tagħraf id-dritt edukattiv li t-tfal jitilgħu f'ambjent skolastiku li jgħinhom jikbru fiż-żewġ ilsna uffiċjali tal-pajjiż. Politika lingwistika tajba għandha tipprovdi direzzjoni ċara u qafas lingwistiku li fih, b'mod flessibbli, u skont il-bżonnijiet speċifiċi tat-tfal, l-iskejjel, b'mod obbligatorju, ifasslu l-politika lingwistika tagħhom u jagħtu direzzjoni pedagoġika lill-għalliema.

Fl-istess ħin, trid tiddaħħal il-mentalità li l-għalliema kollha huma koresponsabbli għall-iżvilupp lingwistiku tal-istudenti. Għalhekk, trid tingħata għajnuna kontinwa lill-għalliema fl-iżvilupp lingwistiku personali.

Biex niżguraw il-konsistenza bejn il-politika lingwistika, il-pedagoġija u l-proċess tal-assessjar, irridu nikkunsidraw il-possibbiltà li l-Bord tal-MATSEC jieqaf jorganizza l-eżami tas-SEC. Inħoss li bħalissa huwa d-denb li qiegħed imexxi lill-kelb u, ħafna drabi, nispiċċaw biex il-kelb iwaħħal f'denbu.

Jekk l-istudenti se jibqgħu joħorġu mis-sistema obbligatorja dgħajfin lingwistikament u b'mentalità li l-Malti ma jwasslek imkien, se jkun diffiċli biex, b'kunsens popolari, il-Malti jsib postu fl-istituzzjonijiet edukattivi l-aktar għolja tal-pajjiż.

2. Ma nistgħux noftmu lill-fassala tal-kurrikulu mill-qafas eġemoniku li jsawwar ħsibijiethom. Għaxar snin ilu l-Kurrikulu Nazzjonali kien qiegħed iwieġeb għall-għajta li l-aħjar mod kif wieħed jista' jissaħħaħ fi lsien huwa permezz ta' immersjoni totali fil-lingwa; immersjoni orkestrata minn għalliema li huma lingwistikament kompetenti u kunfidenti biex jużaw, b'mod konsistenti u korrett, ilsien wieħed fit-tagħlim tas-suġġett tagħhom. F'każ ta' diffikultajiet tħalliet tieqa miftuħa għall-*code switching*.

   Il-Kurrikulu Nazzjonali rabat l-eġemonija tal-Ingliż mal-bżonn li s-saffi żvantaġġjati tas-soċjetà jkollhom aċċess akbar għall-Ingliż biex jinqalgħu mill-pożizzjoni tagħhom u jipparteċipaw aktar fil-ħajja soċjali, demokratika u ekonomika tal-pajjiż. Sakemm l-Ingliż jibqa' strument ta' poter, is-sistema edukattiva trid tara kif il-gruppi tradizzjonalment marġinalizzati jaħkmu din l-għodda tal-poter biex ikunu huma li jġibu t-trasformazzjoni fis-soċjetà.

   Loġistikament, tqies il-fatt li huwa ħafna aktar faċli tforni lill-iskejjel b'materjal aġġornat u stimulanti bl-Ingliż. Malta u l-ilsien Malti għad m'għandhomx l-infrastruttura biex iwieġbu b'mod effiċjenti għall-bżonnijiet kurrikulari dinamiċi u fluwidi.

   Sakemm l-assessjar kien se jibqa' bl-Ingliż ma kienx jagħmel sens li wieħed jinsisti fuq il-Malti bħala għodda ta' tagħlim f'ċertu oqsma.

   Huwa minnu li l-effett ta' dan kollu kien li l-Malti twarrab minn suġġetti ta' status għoli. Inqis dan il-fatt bħala difett kurrikulari. Għalhekk, politika lingwistika ġdida trid tiżen il-loġistika mad-drittijiet edukattivi fundamentali u ssib bilanċ bejn dak li huwa realistiku u l-aħjar interessi tat-tfal f'kuntest edukattiv li jvarja minn tfal Maltin li l-ewwel lingwa tagħhom hija ċ-Ċiniż għal oħrajn li huma monolingwi u ma jridux jitgħallmu lsien ieħor.

3. Dawn l-għejdut dwar it-tagħlim u l-assessjar fil-Matematika jsiru fatti meta jsir stħarriġ xjentifiku li jikkonferma b'mod empiriku dak li ħafna jissuspettaw li qiegħed jiġri. Żgur li ma nistgħux nibqgħu sejrin bil-prattika li ngħallmu l-Matematika bil-Malti u nassessjaw bl-Ingliż. Politika lingwistika b'saħħitha għandha tkun flessibbli biżżejjed biex tipprovdi opportunità lill-iskejjel u 'l-klassijiet biex jiddeċiedu huma, skont il-bżonnijiet tat-tfal, xi lsien jintuża fit-tagħlim tal-Matematika. L-iskola jew l-awtoritajiet edukattivi għandhom jipprovdu ż-żewġ possibbiltajiet lingwistiċi fil-proċess tal-assessjar.

4. Skola li tillimita t-tagħlim tal-Malti għal-lezzjoni tal-Malti qiegħda tonqos. L-iskola għandha tlaqqa' lit-tfal ma' sitwazzjonijiet u mumenti lingwistiċi differenti li jservu ta' stimuli għall-qari, smigħ u taħdit b'lingwi differenti. Il-Malti mhuwiex suġġett iżda għodda komunikattiva li tissaħħaħ bl-użu f'kuntesti differenti.

5. Ir-rettorika tal-Unjoni Ewropea hija magħrufa – l-ilsna Ewropej huma ndaqs fil-valur u fid-dinjità. Kull ilsien jifforma parti integrali mill-kultura u miċ-ċiviltà Ewropea. 'L hinn mir-rettorika, l-UE hija parti integrali mill-proċess ta' globalizzazzjoni fejn l-ilsna maġġoritarji, b'mod partikolari l-Ingliż, jisbqu, fl-importanza u s-saħħa, lill-ilsna minoritarji bħal tagħna. F'kuntest Ewropew, minkejja r-rebħa kbira li għamlet Malta fil-kamp lingwistiku, il-Malti jibqa' lsien minoritarju li jġorr l-istess salib ta' ilsna simili – ilsien marġinali bi storja ta' nuqqas ta' saħħa fid-dinja ekonomika, politika, kulturali u teknoloġika.

   Filwaqt li l-politika lingwistika Ewropea timbotta l-lingwa nattiva ma' żewġ lingwi barranin, wieħed jinnota l-użu dejjem akbar, fi ħdan l-UE, tal-ilsna maġġoritarji. Bħala persuna li naħdem fil-qrib ma' aġenziji tal-UE, nista' nikkonferma li, minkejja l-proġetti tajbin li jsiru u r-rettorika, post l-ilsna minoritarji se jibqa' dak li hu – minoritarju. Il-mobilità Ewropea hija bbażata fuq l-ilsna maġġoritarji.

   *Prof. Carmel Borg jaħdem fil-Fakultà tal-Edukazzjoni, l-Università.*

**Charles Briffa**

Il-Bilingwiżmu fl-Edukazzjoni

1. F'pajjiżna, l-użu taż-żewġ lingwi fit-tagħlim għandu jintrabat mal-bżonn edukattiv u soċjali.

   Li jissaħħaħ l-użu tal-Ingliż fil-klassijiet għolja tal-edukazzjoni obbligatorja huwa ħtieġa soċjali u ekonomika. L-edukazzjoni, fil-funzjoni vokazzjonali u fl-iskop akkademiku tagħha biex tipprepara lit-tfal għall-ħajja ta' wara l-iskola, trid tagħti kas ir-realtajiet u l-bżonnijiet tas-soċjetà Maltija li tiddependi ħafna

   - fuq swieq barranin,
   - fuq politika Ewropea,
   - u fuq preżentazzjonijiet internazzjonali.

   Fl-istess ħin, l-użu tal-Malti għandu jibqa' jissaħħaħ ukoll fil-klassijiet il-kbar. Il-ġustifikazzjoni għal dan il-fattur hija

   - kemm kulturali (l-istatus tal-Malti bħala l-ilsien nazzjonali li jkattar l-identità kulturali u tal-ġens),
   - u kemm politika (il-fatt li l-Malti issa huwa meħtieġ bħala lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, UE).

   *Suġġeriment*: Sal-kwinta (jiġifieri, fis-snin ta' skola obbligatorja, mill-primarja sas-sekondarja) iż-żewġ lingwi għandu jkollhom l-istess importanza sabiex l-istudenti jissaħħu fil-bilingwiżmu bbilanċjat.

   Fil-livell postsekondarju (pereżempju, fis-Sixth Form u l-Junior College) l-Ingliż tkompli tiżdiedlu l-importanza u dan bilfors minħabba li l-istudju għoli ta' bosta suġġetti (bħax-Xjenzi, il-Kompjuter, l-Ekonomija, l-Akkawnts, u l-Matematika) qed isir u jitmexxa bl-Ingliż. Għalhekk, f'dan il-livell ta' studju bosta studenti ma jkollhom ebda kuntatt mal-Malti fil-programm tagħhom. Huma biss dawk li jieħdu l-Malti fil-livell avvanzat u dak intermedju tal-Matrikola li jibqgħu jistudjaw il-Malti.

   *Suġġeriment*: Fil-livell postsekondarju, il-Malti għandu jibqa' komponent obbligatorju (ukoll jekk ċkejken) għall-istudenti preuniversitarji. Dan jista' jsir billi b'xi mod jidħol fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola.

   Infakkar li, sabiex jidħlu l-Università ta' Malta, l-istudenti Maltin irid ikollhom mhux inqas minn Grad 5 fil-livell taċ-ĊES fil-Malti u fl-Ingliż.

   Mela, naħseb li huwa sewwa li l-użu tal-Ingliż jibqa' jissaħħaħ matul il-karriera skolastika tal-istudenti, imma mhux sewwa li l-użu tal-Malti jonqos.

2. Li t-tagħlim tas-suġġetti jinqasam fuq iż-żewġ lingwi huwa pass pożittiv għax b'hekk iż-żewġ lingwi jidhru utli: strumenti li lit-tfal jaqduhom f'sitwazzjonijiet differenti.

Meta żewġ lingwi jiġu f'kuntatt ma' xulxin, waħda ġeneralment titqies aktar prestiġjuża mill-oħra. Għalkemm edukazzjoni għaqlija taf tikkontrolla din is-sitwazzjoni, dejjem tibqa' l-influwenza tad-dar.

Jiġifieri, il-problema tal-Malti fil-livell primarju u sekondarju mhix tal-iskola biss, imma anki tal-ġenituri. F'analiżi formali li jien għamilt fuq skola, instabet opinjoni anti-Malti qawwija min-naħa tal-ġenituri. Ta' min jinnota li bħala parti minn dan l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni, ingħata lill-ġenituri kwestjonarju bil-Malti fuq l-użu tal-Malti fid-dar mal-ulied u 30% biss wieġbu bil-Malti; is-70% l-oħra wieġbu bl-Ingliż avolja l-mistoqsijiet kienu bil-Malti.

*Suġġeriment*: Titmexxa kampanja nazzjonali ta' tagħrif, imqanqla mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, li tgħarraf sew lill-ġenituri fuq is-siwi ekonomiku u soċjali tal-Malti.

Barra minn hekk, f'sitwazzjonijiet bilingwi bħal tagħna dejjem se ssib, fost in-nies, il-lingwa dominanti (jiġifieri, dik li t-tfal jużaw l-aktar id-dar) u l-lingwa inqas użata. Hekk insibu fostna min għandu l-lingwa dominanti l-Malti u min għandu l-lingwa dominanti l-Ingliż. Din hija parti mir-realtà li rridu naċċettaw. It-tqassim tas-suġġetti tal-iskola fuq iż-żewġ lingwi (kif jissuġġerixxi l-Kurrikulu preżenti) jista' jgħin ħafna biex jissaħħu ż-żewġ lingwi, ukoll jekk fl-għajnejn ta' xi wħud lingwa tkun stmata aktar minn oħra.

Ma nistgħux, lanqas, ninjoraw ir-riċerka li ilha ssir f'pajjiżi oħra, jekk għalxejn sabiex nibnu fuqha (eż. Lambert & Tucker, 1972; McLaughlin, 1978; Genesee, 1978-79; Lambert, 1980: dawn kollha tkellmu fuq l-effetti tal-bilingwiżmu fl-edukazzjoni). L-akbar effett negattiv li jissemma fil-kuntest tal-bilingwiżmu fl-edukazzjoni huwa l-interferenza ta' lingwa fuq oħra. U l-akbar effett pożittiv huwa li t-tfal bilingwi jkollhom għarfien aħjar tad-differenzi bejn il-lingwi; fil-każ ta' Malta, din il-konklużjoni tfisser li l-Malti bilingwi jagħraf jagħżel bejn l-Ingliż u l-Malti fis-sitwazzjonijiet soċjali fejn iż-żewġ lingwi jinżammu separati (eż. f'oqsma finanzjarji, mediċi, u legali). Barra minn hekk, jidher li l-bilingwi jkun f'qagħda mentali aħjar biex jitgħallem lingwi ġodda; fil-kuntest Malti dan huwa ta' ġid kbir minħabba l-ħtieġa ekonomika għat-tagħlim tal-lingwi barranin (l-aktar fejn jidħlu l-oqsma tat-turiżmu, tal-kummerċ, u tal-UE). Biċċa riċerka oħra tgħid li l-bilingwi jkun aktar motivat fl-iskola u x'aktarx jgħaddi lil sħabu monolingwi; fil-kuntest Malti din il-motivazzjoni taf tiġi minħabba li l-istudent ikollu aċċess għall-materjal fuq l-internet (li huwa bl-Ingliż) u għal bosta kotba ta' studju bl-Ingliż u bil-Malti.

Hemm ukoll ħjiel li l-bilingwiżmu jista' jikkontribwixxi għal flessibilità kognittiva

akbar u għal aktar kreattività u ħsieb diverġenti fost it-tfal.

Però r-riċerka fuq l-effetti tal-bilingwiżmu fuq it-tfal għadha inkonklużiva għax ir-riżultati tar-riċerka jew jikkontradixxu lil xulxin jew iqajmu dubju fuq il-metodu użat. Għadna ma nafux jekk il-bilingwiżmu għandux konsegwenzi pożittivi jew negattivi fuq l-iżvilupp kognittiv, intellettwali, u emozzjonali tat-tfal. Fil-każ tagħna, li nistgħu ngħidu fiċ-ċert huwa li t-tfal għandhom bżonn iż-żewġ lingwi: il-Malti għax huwa tagħhom bi dritt u l-Ingliż għax joffrilhom opportunitajiet kbar fit-tagħlim u fil-karriera.

| |
|---|
| *Suġġeriment*: Issir riċerka fuq l-effetti tal-bilingwiżmu Malti fl-edukazzjoni tat-tfal. |

(Hemm lok ukoll għal ħafna aktar riċerka: ngħidu aħna, x'implikazzjoni għandu l-bilingwiżmu fit-traduzzjoni teknika u letterarja?)

3. "Sikwit nisimgħu b'għadd ta' studenti moħħhom tajjeb li jeħlu, ngħidu aħna, fil-Matematika għax ma jifhmux l-Ingliż li bih tkun miktuba l-karta tal-eżami." X'riċerka saret fuq dan? Xi tfisser "sikwit nisimgħu": min jgħidu dan u fejn jingħad? Kif jafu li dawn l-istudenti qed jeħlu "għax ma jifhmux l-Ingliż" li bih tkun miktuba l-karta tal-eżami? X'ma jifhmux: l-Ingliż jew il-lingwa tal-Matematika (jew tas-suġġett mogħti)? Kif jafu li mhux il-kontenut tas-suġġett il-problema? Kieku ma jifhmux l-Ingliż, it-traduzzjoni għall-Malti tista' tgħinhom; imma jekk ma jifhmux il-lingwa tal-Matematika, ebda traduzzjoni mhi se tgħinhom. L-eżami tal-Oqsma tal-Għerf huwa bilingwi u xorta jkun hemm min jeħel għax ma jkunx jaf sew il-kontenut.

   L-istatistika uffiċjali tal-Università turi li huma l-maġġoranza li jgħaddu. L-assessjar huwa korrett għax min jistudja sew, jgħaddi; barra minn hekk, l-eżaminaturi tas-suġġetti li mhumiex lingwi ma jippenalizzawx lill-kandidati minħabba użu batut tal-lingwa. L-esperjenza ta' ħmistax-il sena l-Matsec urietni li fost dawk li jeħlu jkun hemm dawk li ma jistudjawx *sew*. Xi wħud mhux l-Ingliż ma jifhmux imma l-lingwa tas-suġġett. Ħa nieħdu dawn l-eżempji mislutin mill-karti-mudelli tal-Matsec:

| *Is-suġġett fil-Livell taċ-ĊES* | *Mistoqsija oriġinali bl-Ingliż* | *Traduzzjoni tal-mistoqsija għall-Malti* |
|---|---|---|
| (a) Il-Fiżika | "The space between the walls is filled with polymer foam, which is a type of plastic material with air trapped in it. Can heat transfer take place by convection? Can heat transfer take place by conduction?" | L-ispazju bejn il-ħitan huwa mimli bil-fowm polimer, li hu tip ta' materjal tal-plastik bl-arja maqbuda fih. Jista' jkun hemm trażmissjoni tas-sħana b'konvezzjoni? Jista' jkun hemm trażmissjoni tas-sħana b'konduttività? |
| (b) Il-Ġeografija | "How is geothermal energy produced? Give two advantages | Kif nistgħu nipproduċu l-enerġija ġeotermali? Agħti żewġ vantaġġi u |

| | | |
|---|---|---|
| | and two disadvantages of geothermal energy.” | żewġ żvantaġġi tal-enerġija ġeotermali. |
| (ċ) L-Ekonomija | “How can a country correct a short term deficit on the balance of payments?” | Pajjiż kif jista’ jikkoreġi d-defiċit/defisit fil-qasir fuq il-bilanċ tal-pagamenti? |
| (d) L-Istorja | “What were the main reasons which led to the Maltese insurrection against the French in 1798?” | X’kienu r-raġunijiet ewlenin li wasslu għall-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi fl-1798? |

(It-traduzzjonijiet qed isiru għall-iskop ta’ din it-tweġiba u mhux bilfors huma l-aħjar li jistgħu jsiru; imma jaqdu sew l-iskop tal-mument.)

Filwaqt li f’ċerti każijiet bħad-(d), it-traduzzjoni tista’ tgħin, f’każijiet oħra (a, b, ċ) it-traduzzjoni ma tgħinx wisq għax min ma jifhimx “polymer foam”, “convection”, “conduction”, “geothermal energy”, u “deficit” mhux se jifhem “fowm polimer”, “konvezzjoni”, “konduttività”, “enerġija ġeotermali”, u “defiċit/defisit”. Jiġifieri, fil-każijiet (a, b, ċ) hija l-lingwa tas-suġġett li l-istudenti jridu jifhmu.

U min se jieħu r-responsabilità tat-traduzzjoni? Hawnhekk jien issugrajt meta “conduction” qlibtha b’“konduttività” għax bl-Ingliż teżisti d-distinzjoni “conduction-conductivity”.

Ta’ min jgħid li hemm xi eżamijiet tal-Matsec li diġà qed isiru biż-żewġ lingwi. Fl-2002 kont investigajt kif kienu qegħdin iwieġbu l-kandidati fl-eżamijiet bilingwi (jiġifieri, dawn kellhom l-għażla li jwieġbu jew bil-Malti jew bl-Ingliż). Ir-riżultati kienu dawn: (miċ-ċifri tneħħew dawk li kienu assenti)

| Kif wieġbu l-kandidati f’Mejju 2002 | | | |
|---|---|---|---|
| *Is-Suġġett* | *Wieġbu bil-Malti* | *Wieġbu bl-Ingliż* | *Total* |
| L-Istudji Ambjentali (ĊES) | 1746 (81.13%) | 406 (18.86%) | 2152 |
| L-Istorja (ĊES) | 84 (37.50%) | 140 (62.50%) | 224 |
| Ir-Reliġjon (ĊES) | 3823 (90.10%) | 420 (9.89%) | 4243 |
| Il-Franċiż (Livell Intermedju): il-komponent tat-test preskritti | 17 (11.80%) | 127 (88.19%) | 144 |
| Ir-Reliġjon (Livell Intermedju) | 293 (60.04%) | 195 (39.96%) | 488 |
| Ir-Reliġjon (Livell Avvanzat) | 133 (95.68%) | 6 (4.31%) | 139 |

Jekk imbagħad wieħed imur għar-rapporti tal-eżaminaturi ta’ dawn is-suġġetti f’din is-sessjoni ta’ Mejju 2002 xorta jsib li kien hemm min weħel minkejja li kellu l-għażla tal-lingwa.

Il-punt li qed nagħmel hawn huwa li min ma jifhimx il-lingwa tas-suġġett, ma jkunx studja sew; u lanqas jekk tagħtih il-mistoqsijiet bil-Malti mhu se jwieġeb sew. Għaldaqstant, ma naħsibx li l-problema hija waħda li tista’ tiġi solvuta kollha bit-traduzzjoni għax l-eżamijiet ikollhom element qawwi ta’ lingwa teknika li mhix kwistjoni ta’ Malti u Ingliż, imma ta’ kunċetti.

*Suġġeriment*: Is-suġġetti kollha jsiru bilingwi u l-kandidati f'kull eżami jkollhom iwieġbu almenu mistoqsija waħda sħiħa bil-lingwa li mhix dominanti, jiġifieri b'dik il-lingwa li huma l-inqas li jużaw fil-ħajja ta' kuljum. Il-bqija tal-eżami jistgħu jagħmluh bil-lingwa dominanti tagħhom. Imma fl-ebda parti tal-eżami ma jitħallew iħalltu l-lingwi fl-istess tweġiba.

Nifhem sew li dan is-suġġeriment iġorr ir-responsabilità (minbarra l-ispejjeż) tat-traduzzjoni.

4. Li tiżdied l-importanza tal-Ingliż m'għandha qatt tfisser li għandha tiddgħajjef jew tixxekkel l-importanza tal-Malti; u Malta lanqas ma tista' taffordja li żżid l-importanza tal-Malti u ddgħajjef jew ixxekkel l-importanza tal-Ingliż. (Aħna ksibna l-Ingliż b'wirt storiku; hawn bosta pajjiżi li qegħdin jgħallmu l-Ingliż minħabba l-importanza globali tiegħu.)

   F'dawk l-iskejjel fejn il-Malti jintuża biss fil-lezzjoni tal-Malti ma jkunx qed jitwettaq l-ispirtu tal-Kurrikulu Nazzjonali li jħeġġeġ il-bilingwiżmu. Dawn l-iskejjel qed imorru kontra r-realtà soċjali tal-gżejjer Maltin u allura mhumiex qegħdin jippreparaw sew lit-tfal għall-ħajja ta' barra/wara l-iskola.

*Suġġeriment*: Edukazzjoni bilingwi għandha tħaddem programm ta' manutenzjoni li jsaħħaħ il-wirt kulturali u jintroduċi l-kultura kurrenti sabiex it-tfal isiru funzjonalment bilingwi (jiġifieri, jiffunzjonaw tajjeb biż-żewġ lingwi).

Il-programm ta' manutenzjoni għandu jipprovdi kontinwità lingwistika u kulturali bejn iż-żewġ lingwi biex iħejji lit-tfal ħalli jiffunzjonaw f'soċjetà multilingwi u multikulturali. L-edukazzjoni għandha twassal għad-diversifikazzjoni lingwistika u kulturali. It-tfal għandhom jiġu mgħallma jaċċettaw iż-żewġ lingwi mingħajr ma jitfgħu fil-periklu jew f'dawl ikrah xi waħda minnhom.

- L-iżvilupp tal-ħila bil-Malti huwa essenzjali għall-identità nazzjonali.
- L-iżvilupp tal-ħila bl-Ingliż huwa essenzjali għall-karriera.

B'hekk it-tfal jimxu sabiex ikunu membri produttivi tal-komunità Maltija.

Mhux li jkunu bilingwi, imma li jkunu funzjonalment bilingwi.

5. Is-sistema tal-edukazzjoni m'għandhiex tkun iddevorzjata mir-realtà ekonomika biex iż-żgħażagħ li joħorġu mill-iskola jkunu ppreparati għad-dinja tax-xogħol u lesti jadattaw irwieħhom għall-ħtiġijiet innovattivi tal-futur. Fl-isferi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali, parti mill-politika lingwistika tal-UE tinkuraġġixxi l-profiċjenza fi tliet lingwi tal-Komunità fost il-ġenerazzjonijiet iż-żgħar.

   It-tagħlim tal-lingwi fl-iskejjel tagħna jipprovdi opportunitajiet sabiex it-tfal

jaħkmu sew almenu lingwa oħra tal-UE (minbarra l-Malti u l-Ingliż). Fost oħrajn insibu programmi ta' tpartit ta' studenti fl-iskema tal-Comenius.

L-iskop ekonomiku għandu jiżżewweġ mal-iskop kulturali fit-tagħlim tal-lingwi. B'leġiżlazzjoni fuq il-kultura, il-Komunità tagħraf il-bżonn ta' titjib fil-kulturi tal-Istati Membri waqt li tirrispetta d-diversità reġjonali u nazzjonali u fl-istess ħin tressaq fuq quddiem il-wirt kulturali komuni. Tinkuraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex iħarsu u jtejbu l-kultura nonkummerċjali tagħhom.

Irridu wkoll inżommu r-realtà soċjali ta' pajjiżna. U parti minn din ir-realtà soċjali hija l-fatt li f'ħafna postijiet it-taħdit isir bilingwi (speċjalment bil-*code-switching*) għax il-bilingwiżmu huwa simbolu ta' identità soċjali barra milli jipprovdi strument ta' komunikazzjoni. Jiġifieri, il-bilingwiżmu f'Malta huwa

a. istituzzjoni soċjali (miruta mill-ġrajja storika, u allura jaħdem bħala simbolu ta' identità)
b. u strument soċjali (għall-ħtiġijiet komunikattivi).

Dan kollu jkompli jisħaq fuq il-ħtieġa ta' manutenzjoni tas-sistema bilingwi.

*Dr Charles Briffa huwa lettur fid-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni u Interpretar, il-Fakultà tal-Arti, l-Università ta' Malta.*

**Chris Buttigieg**

Il-Bilingwiżmu fl-Edukazzjoni ta' Pajjiżna[2]

> "Fil-kuntest ta' dan id-dokument, il-bilingwiżmu jfisser l-użu effettiv, preċiż u kunfidenti taż-żewġ ilsna uffiċjali tal-pajjiż... Dan l-għan importanti jrid jintlaħaq mill-istudenti sa tmiem il-vjaġġ skolastiku tagħhom." (Prinċipju 10: Tisħiħ tal-Bilingwiżmu – Kurrikulu Minimu Nazzjonali, pġ. 37)

- Qabel nirriflettu dwar jekk l-użu tal-Malti hux qed jonqos jew jissaħħaħ matul is-sistema edukattiva, nemmen li għandna niffokaw fuq x'inhi s-sitwazzjoni preżenti jekk tassew irridu noħolqu miri ta' fejn nixtiequ naslu. Għax ikun falliment li noħolqu sett ta' kriterji ġodda jekk, ngħidu aħna, għadna ma sibniex tarf għaliex numru ta' studenti, minkejja s-snin tal-iskola obbligatorja, joħorġu mingħajr il-ħiliet bażiċi tal-qari u l-kitba kemm fil-Malti kif ukoll fl-Ingliż. Politika lingwistika tajba u f'saħħitha tindirizza l-qasam tal-illitteriżmu fl-istess waqt li taħseb għal qafas li jiġbor fih il-bilingwiżmu fil-qasam edukattiv.

  Mingħajr dubju li ttieħdu diversi inizjattivi f'dan ir-rigward. Biżżejjed insemmu li l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, ippubblikat għaxar snin ilu, jisħaq li f'każijiet fejn l-istudenti fil-livell sekondarju għadhom ma laħqux il-ħiliet mistennija fiż-żewġ lingwi uffiċjali, jitħejja programm "ta' tisħiħ" li jsir waqt li l-istudenti l-oħra qegħdin jitgħallmu ilsna barranin (pġ. 82). Din ir-rakkomandazzjoni uffiċjali tixhed il-ħtieġa li l-istudenti jkollhom ħakma tajba tal-Malti u tal-Ingliż filwaqt li tindirizza l-problema jekk, għal xi raġuni jew oħra, xi studenti jinstabu dgħajfa meta jgħaddu għal-livell sekondarju.

  F'dan l-istadju, nissuġġerixxi li ssir **reviżjoni** dwar:
  - o kif qiegħda tkun implimentata din ir-rakkomandazzjoni;
  - o kif qiegħed jitħejja dan il-programm "ta' tisħiħ";
  - o x'riżorsi jeżistu sabiex l-għalliema kemm fil-livell primarju kif ukoll fil-livell sekondarju jkunu jistgħu jaħdmu fuq dan il-programm.

- Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali rrakkomanda li fil-livell sekondarju, xi suġġetti jiġu mgħallma bil-Malti (il-Malti, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon u l-PSD) waqt li oħrajn jiġu mgħallma bl-Ingliż (pġ. 82). Inħoss li din id-distinzjoni saret mhux biex tingħata importanza lil xi lsien partikolari fuq ieħor. Proposta bħal din għandha tittieħed fil-kuntest tad-dokument sħiħ u fid-dawl ta' wieħed mill-prinċipji ewlenin tiegħu li jqis "il-bilingwiżmu bħala l-bażi ewlenija tas-sistema edukattiva". (pġ. 37)

[2] Ħafna mir-riflessjonijiet u l-opinjonijiet imniżżla huma frott l-esperjenza tiegħi bħala edukatur fl-iskejjel tal-istat fil-livell sekondarju.

L-istess proposta mill-Kurrikulu Minimu Nazzjonali tħalli spazju għall-flessibbiltà. F'sitwazzjonijiet fejn l-istudenti jsibuha diffiċli jsegwu bl-Ingliż biss, l-għalliema jużaw iż-żewġ ilsna flimkien (*code switching*), realtà oħra f'pajjiż bilingwi.

Niltaqa' ma' edukaturi li juru tħassib kemm tassew wieħed jista' jaqta' linja u jiddeċiedi li jgħallem suġġett bil-Malti biss, jew bl-Ingliż biss. Il-ħajja fil-klassi minnha nnifisha tiggwida lill-għalliema sabiex jaddattaw skont l-istudenti quddiemhom. L-istudenti jġibu magħhom bagalja ta' vokabularju u għarfien li jkunu kisbu mill-ambjent familjari u soċjali; għaldaqstant, wieħed jeħtieġ isir jaf l-istudenti qabel jiddeċiedi dwar liema strateġija lingwistika għandu juża fil-klassi.

Edukaturi oħra jsostnu li ma jsibu l-ebda diffikultà jikkomunikaw mal-istudenti tagħhom bl-Ingliż f'suġġetti bħax-Xjenza u l-Fiżika. Għall-bidu l-istudenti jsibuha diffiċli jesprimu lilhom infushom u jwieġbu; madankollu, l-isforz eventwalment jista' jissarraf f'aktar kunfidenza biex jesprimu lilhom infushom bit-tieni lingwa. Nifhem li strateġija bħal din tgħin bis-sħiħ sabiex l-istudenti jegħlbu l-mistħija għax qegħdin jużaw l-Ingliż, filwaqt li tħarriġhom aħjar għall-għarfien tal-kunċetti meta qegħdin jużaw it-testi u jersqu għall-eżamijiet. F'suġġetti bħall-Matematika, ix-Xjenza u l-Fiżika, it-testi kif ukoll il-karti tal-eżamijiet huma bl-Ingliż.

F'dan l-istadju, nissuġġerixxi li ssir **reviżjoni** dwar:

- l-għażla tas-suġġetti li għandhom ikunu mgħallma bil-Malti;
- l-għażla tas-suġġetti li għandhom ikunu mgħallma bl-Ingliż;
- hemmx il-ħtieġa li tibqa' ssir din l-għażla bejn is-suġġetti;
- għandhiex tingħata aktar awtonomija lill-iskejjel f'dan ir-rigward sabiex ifasslu huma politika lingwistika mmirata biex tilħaq il-bżonnijiet tal-istudenti tagħhom.

- Nafu bi studenti moħħhom tajjeb, ngħidu aħna, fil-Matematika, li jmorru ħażin fl-eżami minħabba li ma jifhmux xi jkun mitlub minnhom. Il-karta tal-eżami tkun miktuba bl-Ingliż. F'xi suġġetti partikolari (bħall-Ġografija), studenti li għal xi raġuni jew oħra mhumiex daqstant kunfidenti li jwieġbu bil-Malti jistgħu jitolbu li tingħatalhom il-verżjoni tal-karta tal-eżami miktuba bl-Ingliż.

  Għalhekk ta' min jistaqsi għaliex ma jiġrix l-istess għal studenti li qegħdin jaqgħu lura fis-sistema edukattiva minħabba li jibqgħu jintalbu jkunu jafu l-Ingliż u mhux il-Matematika, jew ix-Xjenza, jew il-Fiżika?

  F'dan l-istadju, nissuġġerixxi li:

  - jinħolqu strutturi li jistgħu jidentifikaw min huma l-istudenti li qegħdin jiltaqgħu ma' dawn id-diffikultajiet;
  - permezz tal-istatistika wieħed jifli aħjar is-sitwazzjoni preżenti;
  - jitħejjew sett ta' rakkomandazzjonijiet li jinkludu, fost l-oħrajn, it-tfassil ta' karti tal-eżamijiet (bħall-Matematika, ix-Xjenza, il-Fiżika) bil-Malti.

- F'ħafna mill-iskejjel Maltin u Għawdxin, il-Malti huwa l-ilsien mitkellem mill-komunità skolastika. Ħafna mill-kapijiet tal-iskejjel jikkomunikaw mal-istudenti bil-Malti, u f'ħafna mil-laqgħat li jsiru lill-għalliema, lill-ġenituri u lill-istudenti jintuża l-Malti. Waqt il-ħin tal-iskola (il-lezzjonijiet, il-brejks, l-attivitajiet sportivi u kulturali) l-għalliema jikkomunikaw mal-istudenti bil-Malti.

  Dan ma jfissirx li fil-kuntest skolastiku, f'sitwazzjonijiet bħal dawn u f'oħrajn, ma jsirx *code switching*. Lanqas ma rrid ninftiehem li ma jeżistux skejjel (x'aktarx privati) li fihom il-Malti jintuża biss fil-lezzjoni tal-Malti. Jiddependi mill-kuntest, soċjali u familjari, tal-istudenti li minnu nnifsu jinfluwenza l-politika lingwistika li tħaddan u tħaddem l-iskola. Għal xi wħud mill-istudenti, l-ilsien mitkellem mhuwiex il-Malti. Jekk ilkoll naqblu li l-lingwa għandha taqdi l-ħtiġijiet tal-persuni li jitkellmuha, m'għandniex insibuha diffiċli biex naċċettaw din ir-realtà. Biżżejjed inħarsu lejn il-mezzi tax-xandir lokali; għalkemm mhumiex awtorità lingwistika, juru b'mod ċar is-sitwazzjoni lingwistika Maltija preżenti.

- L-Unjoni Ewropea minn dejjem qieset id-diversità lingwistika bħala vantaġġ aktar milli ta' wġigħ ta' ras. Waqt li tħeġġeġ l-użu u t-tagħlim ta' lingwi differenti, l-Unjoni Ewropea tisħaq ukoll fuq il-libertà taċ-ċittadini tagħha li jitkellmu u jiktbu lsien art twelidhom.

  Inħoss li fit-tfassil ta' programmi edukattivi, dan il-**bilanċ** għandu jkun fuq quddiem nett ta' kull aġenda politika lingwistika għall-qasam tal-bilingwiżmu. Fuq naħa rridu nibqgħu ngħożżu l-wirt lingwistiku tagħna. Irridu naħdmu flimkien sabiex jibqa' jkollna ġenerazzjonijiet kompetenti fil-Malti f'kull qasam tal-ħajja soċjali. Min-naħa l-oħra, l-esperjenza edukattiva tifforma parti integrali mill-iżvilupp personali tal-individwi; għaldaqstant, edukazzjoni ta' kwalità taħdem sabiex tforni lis-soċjetà b'ġenerazzjonijiet kompetenti f'lingwi oħrajn barra l-Malti.

  Nemmen li dan il-bilanċ jista' jwassal għal rispett akbar lejn il-varjetajiet lingwistiċi li jeżistu f'pajjiżna.

### Biblijografija


Ministeru tal-Edukazzjoni. 1999. *Inwelldu l-Ġejjieni Flimkien – Kurrikulu Minimu Nazzjonali*. Malta: Klabb Kotba Maltin.

http://ec.europa.eu/education/school-education/



*Chris Buttigieg huwa Assistent Kap ta' skola sekondarja.*

**Charles Casha**

- Huwa fatt li fis-sistema edukattiva tagħna, il-Malti jibda jitlef mill-importanza tiegħu bħala waħda mil-lingwi uffiċjali hekk kif l-istudenti jibdew jistudjaw suġġetti ġodda u aktar impenjattivi.

- Waħda mir-raġunijiet għal dan hija li aħna niddependu ħafna fuq kotba barranin fit-tagħlim ta' dawn is-suġġetti u għalhekk hija ħaġa naturali u prattika li l-għażla tagħna taqa' fuq kotba miktuba bl-Ingliż. Dan għax insibuhom aktar fis-suq, l-Ingliż nifhmuh aktar minn lingwi oħrajn u mdorrijin naqraw b'din il-lingwa sa minn meta nkunu għadna żgħar.

- Hija ħaġa impossibbli li jkollna kotba bil-Malti f'oqsma bħalma huma l-Mediċina, l-Inġinerija, il-Kimika, il-Fiżika u oħrajn. Ir-raġuni hija li s-suq tagħna ma jiflaħx għal piż bħal dan u tagħmel aktar sens li tixtri minn barra milli tipproduċi lokalment.

- Min-naħa l-oħra dan ma jfissirx li għandna nħallu l-Malti jaqa' lura u jitlef mill-importanza tiegħu minħabba dan. Tkun tassew ħasra jekk inħallu l-Malti jibda jitqies bħala lingwa inferjuri jew żejda.

- Għalhekk huwa meħtieġ li nsaħħu t-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel elementari u sekondarji. U dan jgħodd għall-grammatika, għal-letteratura u għall-ilsien mitħaddet.

  F'dan il-qasam għandna kotba tajbin u pubblikaturi li lesti jinvestu. Kotba għat-tfal miktuba bil-Malti u b'lingwa oħra jistgħu jgħinu ħafna fil-qari meta t-tfal ikunu qegħdin jitgħallmu żewġ lingwi fl-istess żmien. Hawnhekk ukoll il-Malti jitqiegħed fuq l-istess livell ta' lingwi oħra.

Dawn huma xi suġġerimenti li nixtieq nagħmel f'dan ir-rigward.

- Hemm bżonn li ssir reviżjoni sħiħa u radikali tas-sillabu fl-iskejjel primarji u sekondarji.
- Kampanja biex it-tfal jibdew jaraw f'idejhom kotba bil-Malti minn meta jkunu għadhom żgħar ħafna. Dan jista' jsir bil-għajnuna tal-Kunsilli Lokali, id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni u l-pubblikaturi. L-ewwel kotba għandhom ikunu bil-Malti.
- It-testi fil-letteratura għandhom jingħażlu b'aktar għaqal u serjetà. Sfortunatament aħna pajjiż ċkejken u għadna nbatu mill-mentalità medjokra fejn jiswa aktar lil min taf milli kemm taf.
- Mill-esperjenzi tiegħi bħala għalliem tal-Malti, naf kemm it-tfal ma jħobbux il-poeżija u dan jibqa' jirrifletti meta jsiru adulti.
- Biex forsi tingħeleb din l-attitudni lejn il-poeżija, tajjeb li jkun hemm għażla aħjar u inqas poeżiji fis-sillabu biex l-għalliema jkollhom ħin aktar biex juru

s-sabiħ tal-poeżija. Kif qed nippreżentaw il-poeżiji llum, lill-istudenti tagħna qed inħallulhom l-impressjoni li l-poeżija hija xi ħaġa ta' dwejjaq u tqila.

- Ejjew immorru għall-kwalità milli għall-kwantità.
- Ta' min jistudja l-possibilità li jkollna ħames antoloġiji għall-iskejjel sekondarji li fihom ikun hemm għażla tajba ta' proża, poeżija u drama. Imma dan irid isir bil-għaqal u jagħti firxa tajba tal-letteratura Maltija u mhux għal ftit awturi.
- Ma' dawn imbagħad il-librerija tal-iskola tista' tikkumplimenta b'għażla ta' kotba li l-istudenti jistgħu jaqraw jekk ikun hemm xi awtur jew suġġett li laqathom.
- Dan qed ngħidu għax jekk inħajru lit-tfal jaqraw bil-Malti u japprezzaw il-letteratura Maltija, inkunu qed insaħħu l-Malti biex ma jaqax lura.
- Naħseb li wasal iż-żmien li niddiskutu jekk għandux ikun hemm eżami għal-letteratura Maltija separat minn dak tal-lingwa. Dan għandu jwassal biex fil-livell ordinarju jkun hemm ukoll eżami separat għal-letteratura.
- Hemm bżonn ukoll li l-Malti jkun obbligatorju flimkien mal-Ingliż u suġġetti oħra biex wieħed ikompli studji postsekondarji, l-Università jew impjieg fiċ-Ċivil. Hija tassew ħasra (u ta' għajb ukoll) li ssib impjegati fis-Servizz Ċivili li ma jafux jiktbu sew bil-Malti jew tobba li ma jafux jitkellmu sew bil-Malti! Dawn iltqajt magħhom jien.
- Kampanja qawwija kontra l-idea żbaljata li jekk tkellem lit-tfal bl-Ingliż biss meta jkunu għadhom żgħar, dawn se jitilgħu tajbin fl-Ingliż u jmorru tajjeb fl-eżamijiet. Din mhi xejn ħlief kumpless ta' superjorità jew inferjorità.
- Huwa fatt ukoll li xi studenti jmorru ħażin fl-eżamijiet għax ma jifhmux sewwa l-mistoqsijiet meta dawn ikunu bl-Ingliż. Bla dubju ta' xejn hawnhekk hawn inġustizzja għax l-istudenti mhumiex qegħdin ikunu eżaminati fuq is-suġġett imma fuq kemm jifhmu bl-Ingliż jew le.
- Is-soluzzjoni mhix faċli. Naqbel li ċerti suġġetti għandhom jiġu mgħallma bil-Malti, bħall-Istudji Soċjali, l-Istorja ta' Malta, ir-Reliġjon, il-PSD u sintendi l-Malti. Hawnhekk wieħed jifhem l-importanza tal-Ingliż u allura s-soluzzjoni għandha tkun li fi snin bikrija t-tfal jitgħallmu tajjeb il-Malti, wara jibdew l-Ingliż u ż-żewġ lingwi jimxu flimkien mingħajr ma nagħtu l-impressjoni żbaljata li waħda hija aqwa mill-oħra jew noħolqu kunflitt bejniethom. Anzi dawn għandhom jikkumplimentaw lil xulxin.
- L-istudenti tagħna (u l-adulti wkoll) għandhom jifhmu l-ħtieġa ta' kull wieħed minn dawn iż-żewġ ilsna – il-Malti jagħtina identità u għandna nużawh internament fil-ħajja ta' kuljum, filwaqt li l-Ingliż jiftħilna orizzonti ġodda fejn jidħol studju avvanzat u kuntatt ma' pajjiżi oħrajn f'diversi oqsma.
- Naħseb li l-akbar problema fejn jidħol il-bilingwiżmu tagħna ġejja mill-mentalità ta' sezzjoni tal-poplu Malti li jqis il-Malti bħala inferjuri.

- Kemm hawn ġenituri li jkellmu ’l uliedhom bl-Ingliż! Kemm hawn ħwienet tal-kotba li ma jbigħux kotba bil-Malti jew jekk ibigħu, ma jagħtuhomx importanza fuq l-ixkafef!
- Ħaġa li nara qed tagħmel il-ħsara fejn jidħol il-bilingwiżmu tagħna, hija meta nitkellmu u nużaw sentenzi u frażijiet bl-Ingliż meta qegħdin nitkellmu bil-Malti. Għax you know, it’s never too late, li tagħmel xi ħaġa for the common good!
- Qisu li ma nafux nesprimu ruħna sew bil-Malti! U għalhekk aktar ’il fuq jien għedt li fil-bidu nett it-tfal għandhom ikunu esposti sew għall-Malti, fid-dar u fl-iskola sabiex ikollhom bażi tajba u jibdew jifhmu li hemm distinzjoni u mhux kompetizzjoni bejn iż-żewġ lingwi u li wieħed għandu jiddeċiedi b’liema lingwa se jitkellem. Donnu li dan it-taħwid fid-diskors qed joħloq lingwa ġdida li ma tagħmilx sens.
- Fl-aħħar nett nemmen li għandha ssir kampanja qawwija biex il-Malti jintuża aktar (ukoll jekk flimkien mal-Ingliż) fejn jidħlu ismijiet ta’ ħwienet, ċirkularijiet, avviżi, ittri, attivitajiet u kull komunikazzjoni interna.
- Għaliex għad hawn ħafna għaqdiet li jżommu l-minuti bl-Ingliż? Għaliex għadek issib Kunsilli Lokali li jibagħtu ċirkularijiet bl-Ingliż? Għaliex għadek issib knejjes fejn waqt il-quddiesa bil-Malti, jkantaw bl-Ingliż? Dawn l-eżempji u ħafna oħrajn bħalhom qegħdin ikissru l-Malti u joħolqu kunflitt bejn il-Malti u l-Ingliż. Kieku dan il-kunflitt kien ġej minn xi ħakkiema barranin, ngħid paċenzja, imma li qegħdin noħolquh aħna stess hija tal-mistħija u qegħdin nagħmlu ħsara mhux biss lill-Malti imma wkoll lill-Ingliż jew is-sistema bilingwi tagħna li minnha nistgħu nieħdu ħafna vantaġġi.
- Naħseb li għamilna progress fejn jidħlu d-direttivi tal-Unjoni Ewropea dwar il-Language Education Policy imma għad hemm xi jsir speċjalment fejn tidħol l-istess lingwa nazzjonali.

*Charles Casha huwa għalliem-librar irtirat u awtur.*

**Mariella Cassar**

Malta u l-Bilingwiżmu

**Il-Malti:** il-lingwa nazzjonali tal-Maltin. Però r-realtà hija xi ftit jew wisq kontra dan il-fatt. Malta hija maqsuma fi rħula differenti li jħaddnu drawwiet individwali li ġew imsawra matul iż-żminijiet. Fost dawn id-drawwiet jeżisti twemmin li ġie mfassal fin-nies tal-post. Bħal ħafna affarijiet oħra, dan it-twemmin huwa magħmul minn xejriet tajbin u oħrajn inqas tajbin. Dawn tal-aħħar jistgħu jagħmlu ħsara kbira fil-post kif ukoll ħsara fuq skala nazzjonali.

Matul iż-żminijiet dan it-twemmin jiġi parti mill-kultura tal-post u jiġi magħġun fil-ħajja ta' kuljum. Fost dan it-twemmin tiġi mfassla mentalità li tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra Din il-mentalità ssir parti integrali mill-kultura tal-post. Din il-mentalità hija xi ħaġa ħajja li tista' tħossha u tgħixha f'kull post f'Malta u Għawdex. Parti integrali minn din il-mentalità hija kif wieħed jeżerċita l-lingwa.

Il-lingwa hija għodda importanti ħafna fil-ħajja tal-bniedem u l-mentalità tal-persuna tfassal id-drawwiet ta' kif wieħed jgħix, juża u jadatta l-lingwa għaż-żminijiet li wieħed ikun jgħix fihom. Nies minn postijiet differenti f'Malta jsawru l-lingwa, jibdluha u jiffurmawha sabiex jakkomodaw l-esiġenzi u d-drawwiet tagħhom. Dawn l-esiġenzi tal-ħajja huma parti integrali mill-mentalità tal-persuna li jiffurmaw l-identità ta' kull individwu.

F'ċerti postijiet f'Malta l-lingwa Maltija qiegħda tinbidel b'kull mod possibbli sabiex l-individwi jakkomodaw l-esiġenzi personali tagħhom. L-Ingliż li huwa meqjus it-tieni lingwa tal-pajjiż qiegħed jieħu preċedenza mhux biss fuq il-ħajja ta' kuljum imma saħansitra f'ittri formali u f'ittri elettroniċi li jintbagħtu ta' kuljum f'dipartimenti tal-Gvern f'oqsma varji. Fl-ebda pajjiż tad-dinja ma jiġri dan. Jista' jkun li l-inferjorità tagħna l-Maltin, li dejjem konna ddominati minn pajjiżi u nies b'lingwi differenti għadha taffettwana sal-lum? F'pajjiż żgħir bħal Malta, l-Ingliż għalina l-Maltin huwa lingwa importanti ħafna għaliex biha nistgħu nikkomunikaw mal-barrani. Imma għaliex għandna nikkomunikaw bejnietna bl-Ingliż ukoll?! Possibbli nsejna li aħna ta' nisel Malti u li aħna nies Mediterranji, b'kultura totalment differenti min-Nordiċi? Possibbli ma nindunawx kemm għandna nħossuna ffortunati u kburin li għalkemm aħna ngħixu f'pajjiż tant żgħir imma xorta għandna lingwa tagħna u unika? Għaliex il-barrani li jiġi Malta bħala turist jibqa' mbellah u mmeraviljat li aħna għandna lingwa tagħna u aħna l-Maltin irridu niċħdu dan?

Ovvjament dan ma jgħoddx għal kull parti ta' Malta. F'ċertu postijiet Maltin, din il-problema tinħass ferm inqas minn postijiet oħrajn. Però wieħed ma jistax jiċħad il-fatt li hawn ċertu mentalità fil-pajjiż li jekk wieħed jitkellem bil-lingwa Maltija għandu xi ħaġa inqas mill-persuna li tagħżel li tikkomunika bl-Ingliż. Kulħadd

għandu d-dritt jitkellem b'liema lingwa jħossu komdu imma mhux għad-detriment tal-lingwa tal-post għaliex kull deċiżjoni ta' kull individwu tista' taffettwa l-mentalità ta' nies tal-madwar li tista' eventwalment issir problema nazzjonali.

U xi ngħidu għall-iskejjel tagħna? Personalment nemmen li għandu jkun hemm bilanċ. Nifhem li aħna żgħar u li jekk wieħed jixtieq jistudja barra mill-pajjiż (minħabba l-limitazzjonijiet tagħna) għandna nużaw iż-żewġ lingwi sabiex meta nkunu f'pajjiż barrani nkunu nistgħu nikkomunikaw mingħajr l-ebda problemi. Barra minn hekk nifhem ukoll li l-pajjiż tagħna, iktar minn qatt qabel, qiegħed jitħallat ma' nies minn pajjiżi differenti madwar id-dinja kollha. Għalhekk huwa importanti li ma nkunux segregati u maqtugħin minn nies li jħaddnu l-lingwa Ingliża jew anke nies li jistgħu jużaw il-lingwa Anglosassona sabiex jikkomunikaw ma' ħaddieħor.

Il-bilingwiżmu fil-pajjiż tagħna huwa importanti u għandna nrawmu lit-tfal Maltin jaqraw kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. L-istudenti għandhom jgħożżu l-lingwa tagħhom bħala għodda li ħallewlna missirijietna u bħala mezz ta' kif aħna nistgħu nagħrfu l-identità tagħna f'kuntest globali. Min-naħa l-oħra l-lingwa Ingliża għandha tkun il-muftieħ li jgħinna nrawmu relazzjonijiet ma' nies minn madwar id-dinja kollha.

Waħda mill-problemi bażiċi tas-seklu wieħed u għoxrin hija l-fatt li l-kulturi individwali u uniċi ta' kull pajjiż qegħdin jiġu mxekkla mill-globalizzazzjoni li ninsabu fiha. Il-lingwa hija għodda tajba sabiex l-identità tal-pajjiż tista' tinżamm u tiġi bbilanċjata mal-kurrenti ġodda li jidħlu kontinwament f'kull pajjiż Ewropew. Il-lingwa li hija parti integrali mill-kultura tal-pajjiż tista' tibqa' ħajja fl-arti tal-pajjiż, fit-tradizzjonijiet u fl-espessjoni artistika ta' kull individwu li għandu għal qalbu l-identità tal-post.

L-arti hija dik in-nisġa li trawwem u li xxettel dak li kien minn dejjem: **it-tradizzjonijiet u l-identità tagħna**. Il-mużika u l-arti viżiva huma mezz ta' kif il-kultura tal-post tista' żżomm ħajja. Kompożituri bħall-Professur Charles Camilleri u Carmelo Pace u l-artisti Gabriel Caruana u Emvin Cremona huma fost dawk li taw kontribut sħiħ u qawwi għall-kultura Maltija. Charles Camilleri, li għex il-parti l-kbira ta' ħajtu l-Amerika u l-Ingilterra, iddeskriva l-kompożizzjoni tiegħu *'Malta Suite'* billi qal dan:

> "This is the music of my people to my people"
> "I owe everything to my country, its people, its language and the sea that surrounds the island."

*Mariella Cassar hija Uffiċjal tal-Edukazzjoni għall-Mużika.*

**Maria Ciappara** (1)

L-ilsien Malti u l-pożizzjoni tiegħu fit-tagħlim u fl-użu

Il-Malti huwa waħda mil-lingwi użati fil-livell primarju u sekondarju, flimkien mal-Ingliż li bejniethom huma l-bażi tat-tagħlim fl-iskejjel, peress li l-lingwa taqdi l-bniedem f'kull aspett tal-ħajja tiegħu. Il-Malti jibqa' jintuża wkoll fil-livell postsekondarju u terzjarju, iżda hawn l-użu tiegħu jonqos.

Filwaqt li fil-livell primarju l-Malti jintuża għat-tagħlim tar-Reliġjon u l-Istudji Soċjali, suġġetti oħra bħall-Matematika u x-Xjenza huma mħeġġa li jiġu mgħallma bl-Ingliż. Dan jiġri minħabba li l-kotba użati għat-tagħlim ta' dawn is-suġġetti huma bil-lingwa Ingliża. L-għalliema jibdlu mill-Ingliż għall-Malti skont kemm l-istudenti tagħhom jifhmu dik il-lingwa partikulari. Għalkemm illum hawn għażla akbar ta' kotba bil-Malti fis-suq, aktar ma titla' 'l fuq fil-livell edukattiv, anqas issib din l-għażla. Pereżempju mhuwiex faċli li wieħed isib kotba bil-Malti dwar il-Fiżika jew il-Matematika. Ħafna mill-kotba li jintużaw għat-tagħlim ta' dawn jiġu mill-Ingilterra u għalhekk it-tagħlim tagħhom isir bl-Ingliż. Huwa ferm diffiċli għall-għalliema u l-istudenti biex jibdlu kliem tekniku jew terminoloġija relatata ma' ċertu suġġetti għall-Malti. Minn lenti oħra, tajjeb wieħed jgħid li kieku kien hawn kotba bil-Malti għal dawn is-suġġetti, l-użu tal-Malti bħala mezz ta' tagħlim kien ikun usa'.

Għal ħafna studenti fl-iskejjel tagħna, il-lingwa nattiva hija l-Malti. Ħafna skejjel jagħmlu enfasi kbira fuq it-tagħlim tal-Ingliż minħabba l-fatt li għal numru ta' studenti, dan huwa l-uniku ambjent fejn huma qegħdin jiġu esposti għal-lingwa Ingliża. F'xi skejjel independenti, privati, jew li mhumiex fit-tmexxija tal-istat, l-Ingliż huwa mogħti aktar importanza, forsi wkoll għaliex dawn l-iskejjel ifasslu l-kurrikulu tagħhom biex jaqdi l-bżonnijiet tal-istudenti li jattendu dawn l-iskejjel, li ħafna minnhom ma jkunux jitkellmu bil-Malti fid-djar tagħhom u fil-ħajja ta' kuljum. Jista' jiġri li meta xi wħud jaslu biex jagħmlu l-eżami tal-Matrikola jsibuha diffiċli biex jgħaddu. Dan huwa aspett negattiv meta wieħed iqis li l-Malti huwa wieħed mit-tliet suġġetti prinċipali fis-sistema edukattiva Maltija (il-Malti, l-Ingliż u l-Matematika).

Għal ħafna nies f'Malta, l-Ingliż huwa lingwa barranija u mhux it-tieni lingwa. Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jgħid li l-Malti u l-Ingliż għandhom jimxu id f'id.[3] Minħabba l-fatt li llum issib aktar riżorsi bil-lingwa Ingliża, huwa aktar faċli għall-istudent li jinforma ruħu dwar topik partikulari bl-Ingliż. Fil-livell postsekondarju u terzjarju, l-*assignments* u l-preżentazzjonijiet huma mistennija li jkunu bl-Ingliż. Nemmen li dan iseħħ għaliex ħafna kotba li hemm fil-libreriji u li huma relatati ma' suġġetti partikulari huma bl-Ingliż. Il-lingwa Ingliża tista' titqies bħala element pożittiv ħafna fl-edukazzjoni ta' Malta għax tiftaħ possibbiltajiet

[3] Ministeru tal-Edukazzjoni, *Kurrikulu Minimu Nazzjonali* (Malta, 1999), 38.

akbar mhux biss fil-qasam tax-xogħol f'Malta iżda f'pajjiżi oħra madwar id-dinja. Għalhekk f'ċertu skejjel l-Ingliż huwa mogħti aktar importanza minħabba l-fatt li l-Malti jista' jillimita ruħu għal pajjiżna biss.

Waqt li l-Malti huwa parti essenzjali mill-identità tagħna bħala poplu, għax fl-istess ħin jixhed il-passat ta' missirijietna u gżiritna, meta tqabblu ma' lingwi akbar jinsab fi żvantaġġ. Dan huwa għaliex xi wħud jistgħu jirraġunaw li bil-Malti biss ma tista' tagħmel xejn, filwaqt li bl-Ingliż tista' timraħ f'kull qasam tal-ħajja. Huwa argument li ftit nistgħu niġġilduh għax ir-realtà turi li f'era diġitali bħal din li qegħdin ngħixu fiha llum, iċ-ċittadini żgħar u kbar, minn snin bikrija qed ikollhom aċċess akbar għal-lingwa Ingliża milli dik Maltija. Bħala eżempju nistgħu nsemmu l-użu ta' kliem Ingliż li ma nistgħux ngħaddu mingħajru, minħabba l-fatt li l-lingwa hija ħajja u tinbidel skont iż-żminijiet biex taqdi l-bżonnijiet tal-bniedem. Xhieda ta' dan huma l-messaġġi bil-mowbajls, iċ-*chatting* u l-kliem imqassar. Dan jista' jwassal għal konfużjoni fl-ortografija tal-lingwa Maltija minħabba li ċertu vokabularju qed jintuża ta' kuljum. Fil-qasam soċjali hemm linja li taqsam bejn dawk li għandhom aċċess għat-teknoloġija u dawk li m'għandhomx (*digital divide*).

Is-suġġetti mgħallma bil-Malti huma ħafna drabi meqjusa bħala inferjuri għal oħrajn. Dan għaliex wieħed jista' jirraġuna li, biex tistudja s-suġġett b'lingwa oħra tkun qiegħed tħabbel aktar rasek biex tifhem il-lingwa nfisha u biex tifhem il-kontenut f'dak is-suġġett. Ma nsibux kotba bil-Malti dwar il-Fiżika, is-Soċjoloġija u l-Matematika. Ħafna studenti jsibuha diffiċli jifhmu l-kontenut ta' suġġett partikulari proprju minħabba l-fatt li l-lingwa Ingliża qiegħda sservi ta' barriera fit-tagħlim tagħhom. Filwaqt li studenti ta' pajjiżi oħra, jistudjaw suġġetti bħax-Xjenza u l-Matematika bil-lingwa tagħhom, l-istudenti Maltin qegħdin jistudjawhom b'lingwa oħra li tista' tpoġġihom f'diffikultà biex jifhmu. Nemmen li jkun hemm sitwazzjonijiet fejn studenti ma jkomplux bl-istudju tagħhom, jew juru nuqqas ta' interess fl-iskola, għax iħossu li l-lingwa Ingliża hija tqila għalihom, speċjalment fejn jidħlu xogħlijiet manwali jew snajja' li għaddejjin minn trasformazzjoni. Jista' jkun li biex din id-diffikultà tiġi mirbuħa, hemm bżonn ta' kotba lokali dwar suġġetti varji. Il-kliem tekniku u t-terminoloġija f'dawn is-suġġetti trid tiġi tradotta għall-Malti u fl-istess ħin l-għalliema jiġu mħarrġa fil-'lingwa' ġdida. Nemmen ukoll li bl-introduzzjoni ta' kotba bil-Malti aktar attraenti u addattati għaż-żminijiet tal-lum, inkunu qegħdin nirbħu nofs il-ġlieda. Dan ifisser żvilupp fil-lingwa tagħna li tkompli taqdi l-bżonnijiet u tibqa' effettiva fil-ħajja preżenti u fil-futur.

Ta' min isemmi wkoll li hemm qabża kbira fl-użu tal-lingwa bejn is-sekondarja u l-livell postsekondarju u terzjarju, meta l-użu tal-lingwa Maltija jonqos drastikament u fejn l-individwi li jafu jesprimu ruħhom bl-Ingliż għandhom vantaġġ peress li jkunu kapaċi jħaddmu l-lingwa Ingliża li nistgħu ngħidu hija l-mutur tal-Università.

Xi studenti fil-livell primarju u sekondarju, mhux biss isibuha diffiċli li jaħdmu karta tal-Matematika bl-Ingliż iżda wkoll ġieli l-livell ta' qari tagħhom ixekkilhom milli jsolvu l-problemi fil-karta. Nemmen li anke fil-kulleġġi rispettivi jista' jsir studju fejn studenti li jbatu fil-lingwa Ingliża jingħataw karta tal-Matematika bil-Malti. Qabel dan isir, il-lingwa tat-tagħlim tal-Matematika trid tkun mibdula wkoll u allura l-karta tal-eżami tkun tirrifletti x-xogħol li jkun sar matul is-sena. Jista' jkun li jrid jiġi żviluppat xi kliem tekniku għal metodi diversi li jintużaw. Jekk dawn jeżistu, hemm bżonn li jkunu mxerrdin biex hekk anke l-għalliema jħossuhom komdi jibdlu wara żmien twil jużaw kliem Ingliż.

Biex persuna tissejjaħ bilingwi trid tkun taf tuża ż-żewġ lingwi b'mod preċiż u kunfidenti. Fl-iskejjel, l-Ingliż qiegħed jiġi użat ukoll waqt l-*assembly* filgħodu biex l-istudenti jkollhom aktar opportunità jisimgħu l-lingwa mitkellma. Mill-esperjenza personali tiegħi meta kont ngħallem fi skola tal-Knisja u fejn l-Ingliż kien meqjus bħala l-lingwa uffiċjali, il-Malti kien jintuża biss waqt il-lezzjoni tal-Malti u ħafna studenti kienu jsibuha diffiċli ħafna jifhmu jew jaqraw testi bil-Malti għax fil-ħajja ta' kuljum kienu jitkellmu bl-Ingliż. F'dan il-każ qegħdin immorru minn estrem għal ieħor u m'aħniex qegħdin inżommu bilanċ san fit-tagħlim taż-żewġ lingwi li jintużaw f'pajjiżna.

L-Ewrobarometru (Frar, 2001)[4] jgħid li apparti l-ilsien nattiv fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, l-aktar lingwa użata hija dik tal-Ingliż. Iżda l-Ingliż f'dan l-istudju huwa meqjus bħala lingwa barranija u mhux bħala t-tieni lingwa (kif inhu l-każ ta' Malta).

Filwaqt li l-UE taħdem fuq l-għaqda bejn il-pajjiżi u temmen fid-diversità tal-lingwa u l-kultura, tħares lejn il-lingwa bħala mezz ta' djalogu u komunikazzjoni bejn il-pajjiżi Ewropej. Filwaqt li tirrikonoxxi l-użu dejjem usa' tal-lingwa Ingliża, tisħaq li dan m'għandux inaqqas mill-użu tal-lingwa proprja ta' pajjiż partikulari. Għalhekk tħeġġeġ li l-Ewropej ikunu jafu żewġ lingwi barranin flimkien mal-ilsien nattiv tagħhom. Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jgħid li l-istudenti jridu jsaħħu l-ewwel ilsien tagħhom u l-iskola tkompli ssaħħaħ il-familjarizzazzjoni tat-tieni, li fil-każ ta' Malta huwa l-Ingliż.[5]

Fl-istudju tal-UE, tmienja u għoxrin fil-mija tan-nies fl-Ewropa jafu żewġ lingwi barranin. Ħafna Maltin ukoll jafu jitkellmu bl-Ingliż, bit-Taljan, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż. Il-Malti huwa meqjus bħala lingwa uffiċjali fl-Unjoni Ewropea, iżda jista' jkun li f'soċjetà li saret tagħmel użu infinit tal-Ingliż (fil-postijiet tax-xogħol, uffiċċji, posta elettronika, eċċ.), il-Malti qiegħed ikun meqjus bħala l-lingwa tat-tieni klassi jew inkella huwa assoċjat ma' xogħlijiet manwali.

[4] http://europa.eu/languages/en/chapter/18
[5] Ministeru tal-Edukazzjoni, *Kurrikulu Minimu Nazzjonali*, 38.

Fejn hemm skejjel li mhumiex iżommu bilanċ fl-użu taż-żewġ lingwi uffiċjali qed tinkiser din l-idea tal-lingwa li, filwaqt li tixhed l-identità tagħna, taqdina fil-ħajja ta' kuljum kemm f'darna kif ukoll fil-postijiet tax-xogħol u lil hinn minn xtutna. Meta wieħed iqis kemm hi żgħira l-popolazzjoni ta' Malta meta mqabbla ma' pajjiżi akbar, jibda jifhem li l-lingwa Maltija tista' tasal f'periklu ta' estinzjoni. Jekk ma tingħatax l-importanza mistħoqqa se nitilfu element importanti f'dak li jagħmilna ġens distint u fejn il-lingwa Maltija tidentifikana bħala nazzjon uniku.

*Maria Ciappara (1) hija għalliema tal-primarja.*

**Maria Ciappara** (2)

- Mhux bilfors għandu jkun li fis-sistema edukattiva tagħna, iktar ma titla' iktar jonqos l-użu tal-Malti u jissaħħaħ l-Ingliż. Dan isir għax fis-sistema tal-edukazzjoni hu stabbilit li jkun hemm ċertu ammont ta' ħin iddedikat għal-lingwa Maltija u ammont ta' ħin ieħor iddedikat għal lingwi oħra fosthom l-Ingliż. Naqbel madanakollu li l-Ingliż għandu jingħata importanza kbira għax aħna gżira u rridu nikkomunikaw kważi dejjem bl-Ingliż mad-dinja ta' madwarna.

  Ma naqbilx li hu sewwa li l-użu tal-Malti jonqos. Aktar ma titla' 'l fuq fis-sistema edukattiva, aktar għandek tapprezza l-lingwa ta' art twelidek u jkollok ħeġġa biex taqra aktar bil-Malti. Is-suq Malti ma għadux limitat u ssib kotba kemm trid. Hu f'dan il-perjodu meta tkun qed tiżviluppa u tikber li bħala edukaturi għandna nimmotivawk u nħeġġuk biex il-Malti tapprezzah, tużah tajjeb u titkellmu kif suppost barra li nkomplu nintroduċuk mal-letteratura Maltija.

- Naqbel li xi suġġetti jkunu bl-Ingliż għal dawk l-istudenti li kapaċi jlaħħqu ma' dan il-livell għax b'hekk inkunu qed nagħtuhom aktar u aktar la kapaċi jlaħħqu miegħu. Dawn l-istudenti aktar 'il quddiem probabbilment ikomplu l-iskola u, jekk iridu, ikollhom il-bieb miftuħ ukoll biex jistudjaw barra minn Malta, u allura dak li jkunu kisbu mil-lingwa Ingliża jsibuh. Madanakollu dawk l-istudenti li jsibuha diffiċli li jistudjaw dawn is-suġġetti bl-Ingliż għandhom jingħataw l-opportunità li jistudjaw dawn is-suġġetti bil-Malti. Mhux sewwa li neskluduhom milli jitgħallmu xi suġġett sempliċiment għax dan jiġi mgħallem bl-Ingliż. Aħna qegħdin għall-istudent mhux l-istudent għalina. Għaldaqstant irridu ninkludu lill-istudenti kollha. Jekk student ikollu xi diffikultà biex jitgħallem, aħna bħala edukaturi għandna d-dover li nadattaw ruħna għalih u naraw x'nagħmlu biex ngħinuh. Għandna naqilbu għall-Malti u nfehmuh dak li ma jkunx fehem. Wara kollox, jekk fil-klassi jkollna student li ma jifhimx bil-Malti (u dawn qed jiżdiedu sewwa bl-istudenti li jitkellmu ilsna oħra), ma naqilbux għall-Ingliż biex ninkluduh ma' sħabu fil-klassi?

- Is-sistema mhix "ġusta" totalment għax la l-ilsien nazzjonali ta' Malta huwa l-Malti, it-tagħlim għandu jsir bil-Malti. Imma billi l-kotba li għandna huma bl-Ingliż, u wkoll minħabba l-fatt li jagħmlilna tajjeb li nitgħallmu kemm nistgħu bl-Ingliż, dan għandna nagħmluh għax favur tagħna jaħdem.

  B'għażla bħal din, prattikament u personalment ma nħossx li nkunu qed nonqsu mill-prestiġju, ladarba nkunu qed nużaw iż-żewġ lingwi li tant huma importanti għalina.

- Ma nħossx li qed inkunu ġusti fl-assessjar ma' dawk l-istudenti li jeħlu minn suġġetti għax ma jifhmux l-Ingliż. Jeżistu studenti bħal dawn u jibqgħu jbatu xi konsegwenzi billi jsiru jobogħdu s-suġġett partikolari u jibqgħu lura fih.

L-assessjar tagħna ta' dawn l-istudenti jista' jsir mod ieħor u għaldaqstant inkunu aktar ġusti magħhom għax inkunu qed nassessjaw tassew x'jafu u mhux nittestjaw kemm fehmu l-mistoqsija.

Inħoss li jista' jsir mod ieħor ta' assessjar fejn dawn l-istudenti jingħataw l-opportunità li flok jiktbu r-risposta, juru fehmux il-prinċipju partikolari tas-suġġett, permezz ta' orali jew intervista.

- Jien personali ma naqbilx li f'xi skejjel, fil-ħajja tal-iskola l-Malti jidħol biss fil-lezzjoni tal-Malti, minħabba l-fatt li, il-Malti jekk ma nipprattikawhx aħna l-Maltin u l-aktar f'Malta, inkunu qed 'inbarru lil min hu ta' ġewwa', imma wara kollox hi għażla tagħhom. Min jibgħat lil uliedu f'dawn l-iskejjel ikun għażel li jagħmel hekk hu stess. Ma hemmx min jibgħat lil uliedu fi skejjel bħal dawn jew fi skejjel oħra statali u jkellem lil uliedu bl-Ingliż għal raġunijiet li jafhom hu biss? Dawn huma għażliet tagħhom u, xi tfisser lingwa jiskopru aktar 'il quddiem u konsegwenzi diretti jew indiretti ta' din il-ħaġa jkun hemm żgur aktar 'il quddiem.

- Nikkwota x'tgħid l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam:

> The European Union contributes to the development of quality education through a commitment to lifelong learning. Languages are a basic building block behind these activities. Multilingual citizens are better equipped to take advantage of the educational opportunities created by an integrated Europe.'
>
> The EU's language policy promotes multilingualism and aims for a situation in which every EU citizen can speak at least two foreign languages in addition to his mother tongue. This follows the call by EU leaders at the March 2002 Barcelona European Council that every child in the EU should be taught at least two foreign languages from an early age.

Naħseb li fil-biċċa l-kbira l-politika lingwistika tal-iskejjel tagħna hi konformi magħha.

*Maria Ciappara (2) hija l-Prinċipal tal-Kulleġġ Santa Klara.*

**Lawrence Deguara**

L-Ilsien Malti fil-Kurrikulu Minimu Nazzjonali

1. Fil-primarja, mill-ħames suġġetti li jiltaqgħu magħhom l-istudenti, il-kotba ta' tlieta minnhom jiġu miktuba bl-ilsien Malti. Huma l-Ingliż u l-Matematika li jiġu mgħallma minn fuq kotba miktuba bl-Ingliż u li jibqgħu jiġu mgħallma hekk sal-ogħla livelli tas-sistema edukattiva tagħna. Sal-primarja l-maġġoranza tas-suġġetti akkademiċi jiġu mgħallma minn fuq kotba miktuba bl-ilsien Malti.

   Il-folja tinqaleb fis-sekondarja. Filwaqt li l-Malti, ir-Reliġjon, l-Istorja u l-Istudji Soċjali jibqgħu jiġu mgħallma minn fuq kotba miktuba bil-Malti, it-tendenza hi li s-suġġetti l-oħra jiġu mgħallma minn fuq kotba bl-Ingliż. Din is-sitwazzjoni tibqa' hekk sal-livell terzjarju u universitarju.

   Biss ta' min wieħed jiftakar li l-użu ta' lingwa partikulari mhux marbut biss mal-kitba stampata. Nemmen li l-Malti jintuża mill-għalliema fil-maġġoranza tas-suġġetti. Huma ftit is-sitwazzjonijiet fil-klassi fejn l-għalliem juża esklużivament l-Ingliż (jew xi lingwa barranija oħra).

   Filwaqt li huwa minnu li xi termini jkollhom jingħadu bl-Ingliż, l-użu tal-Malti mill-għalliema tal-Fiżika, il-Matematika, il-PSD u l-bqija ma jonqosx. Fl-ispjegazzjoni tagħhom fil-klassi dawn l-għalliema jibqgħu jużaw il-Malti anke jekk il-kotba li fuqhom ikunu qed jaħdmu huma miktuba bl-Ingliż.

   Ma nħossx li b'daqshekk wieħed għandu jallarma ruħu wisq dwar din is-sitwazzjoni. Kieku din is-sitwazzjoni verament qed issaħħaħ l-Ingliż a skapitu tal-Malti, kieku l-livell tal-Ingliż huwa ferm iktar ogħla minn dak li realment hu bħalissa.

2. Il-Malti, l-Istudji Soċjali, ir-Reliġjon u l-Istorja jiġu mgħallma minn fuq kotba bil-Malti. Imma dan għaliex huma suġġetti ta' valur affettiv jew inkella għaliex huma suġġetti marbuta ma' identità nazzjonali? Qegħdin jiġu mgħallma minn fuq kotba bil-Malti għax ma nistgħux nagħmlu mod ieħor? Għax m'hawnx kotba għal dawn is-suġġetti bl-Ingliż?

   Il-bqija tas-suġġetti jiġu mgħallma minn fuq kotba bl-Ingliż. Hawn ta' min jiftakar li l-għejun ta' dawn is-suġġetti mhumiex Maltin. Aħna nixorbu x-xjenza u t-teknoloġija minn għejun barranin. Il-lingwa Maltija hija lingwa mitkellma minn numru żgħir ta' nies u l-pubblikaturi mhumiex imħajra li joħorġu kotba li jafu li se jinbiegħu minn numru ristrett ta' persuni. Irridu u ma rridux ikollna ninqdew b'pubblikaturi barranin li s-suq tagħhom huwa ferm ikbar minn tagħna.

   Jekk din hijiex sitwazzjoni ġusta jew le, naħseb li mhijiex. Nemmen li f'suġġetti obbligatorji (il-Matematika u l-Fiżika fost oħrajn) għandna naraw sforz ikbar

sabiex jiġu ppubblikati kotba bil-Malti. F'suġġetti bħal dawn il-pubblikaturi jistgħu jserrħu rashom li s-suq mhux ħa jkun żgħir għaliex l-istudenti **kollha** se jidħlu għal dawn is-suġġetti.

Rigward suġġetti oħra huwa diffiċli li l-pubblikaturi jiġu mħajra joħorġu kotba bil-Malti għaliex huma suġġetti li jiġu magħżula u għalhekk is-suq għall-kotba tagħhom se jkun żgħir.

3. Iktar 'il fuq semmejt il-Matematika u l-Fiżika bħala eżempji ta' suġġetti li fihom għandhom jiddaħħlu kotba bil-Malti. Dan mhux biss biex jogħla l-prestiġju tal-lingwa tagħna imma wkoll għaliex dan huwa **bżonn**.

   Għandna tendenza li naħsbu li ċ-ċittadini Maltin kollha jafu jitkellmu u jaqraw bl-Ingliż. Iżda dan hu 'l bogħod mir-realtà. Għandna numru kbir ta' studenti li ma jħossuhomx komdi jitħaddtu u jaqraw bl-Ingliż. Kieku wieħed kellu jagħtihom għażla sabiex jaħdmu karta tal-eżami tal-Matematika, jagħżlu li tkun bil-Malti. Fis-sistema edukattiva tagħna għandna studenti li marru ħażin fil-Matematika (u anke fil-Fiżika) għax ma fehmux l-Ingliż fil-karta tal-eżami.

   Nemmen li huwa d-dmir tal-awtoritajiet Maltin li joffru lil dawn l-istudenti l-għażla sabiex tingħatalhom karta tal-eżami bil-Malti, almenu f'dawk is-suġġetti obbligatorji. Fuq kollox, studenti barranin li joqogħdu għall-eżami tal-Istudji Soċjali tal-Junior Lyceum għandhom l-għażla li tingħatalhom karta bl-Ingliż. Allura għaliex studenti Maltin m'għandhiex tingħatalhom l-istess opportunità? B'daqshekk wieħed ma jkunx qiegħed inaqqas mill-importanza tal-Ingliż imma biss jagħti liċ-ċittadini Maltin dak li hu tagħhom bi dritt – li bejniethom jużaw l-ilsien li għaddewlhom ta' qabilhom.

4. Skejjel li l-Malti jidħol biss fil-lezzjoni tal-Malti m'għandhomx problema ta' lingwa imma problema ta' identità. Ma nafx kemm skejjel bħal dawn jistgħu jiffurmaw **b'mod sħiħ** ċittadini Maltin. Jistgħu jiffurmaw xjenzati tajbin, inġiniera li m'hawnx aħjar minnhom, tobba li jafu jivvintaw kura ġdida imma mhux ċittadini Maltin li, filwaqt li jafu jagħrfu l-limitazzjonijiet tal-pajjiż tagħhom, jafu wkoll japprezzaw il-wirt li ġie mgħoddi lilhom. Ma nistax nimmaġina kif skejjel bħal dawn jistgħu qatt irawmu fl-istudenti l-imħabba lejn l-ambjent Malti, lejn il-wirt storiku Malti u l-bqija. Jidhirli li din hi sitwazzjoni li tmur 'l hemm mil-lingwa.

5. Niddubita kemm studenti li jattendu skejjel bħal t'hawn fuq qegħdin konformi mal-politika lingwistika tal-UE li timmira li kull ċittadin tal-UE jkun jaf jitkellem b'mill-inqas żewġ lingwi barranin **minbarra l-lingwa tiegħu**. Din il-politika ma teskludix il-lingwa nattiva iżda żżid magħha. Il-politika tal-UE tisħaq li l-lingwi Ewropej **kollha** għandu jkollhom l-istess valur u l-istess dinjità u **kollha** jagħmlu parti mill-wirt kulturali tal-Ewropa.

Il-fatt li l-ilsien Malti jingħatalu l-prestiġju li jistħoqqlu ma jeskludix l-importanza ta' lingwi oħra. Is-sitwazzjoni tal-Malti fl-iskejjel għandha fejn titjieb, speċjalment fejn jidħlu kotba ta' suġġetti obbligatorji. Naħseb li dan ikun pass għaqli lejn it-twettiq tal-politika lingwistika tal-UE sabiex kull lingwa, żgħira kemm hi żgħira, jingħatalha l-valur u d-dinjità li jixirqilha.

*Lawrence Deguara huwa għalliem tas-sekondarja.*

**Annabel Desira**

- Meta nkomplu navvanzaw fl-istudji tagħna, awtomatikament jidħlu suġġetti aktar speċjalizzati. Fid-dinja li ngħixu fiha llum, jekk wieħed irid sempliċement jagħmel riċerka ma jistax iħalli barra aspetti tal-istess riċerka b'xebh ma' dak li qed jiġri barra minn Malta. L-ewwel sors għall-informazzjoni llum huwa l-internet. Il-lingwa tal-internet l-aktar imxerrda hi l-Ingliż. Għaldaqstant, ma nistgħux nilbsu għamad u neliminaw lingwa bħall-Ingliż iżda jekk ir-riċerka qed tiġi ppreżentata bil-Malti huwa xieraq li jkun hemm bilanċ fil-mod kif inhi maħsuba u miktuba.

  Ma nara xejn ħażin li wieħed ifittex sorsi barranin speċjalment iktar u iktar fejn riċerka ddokumentata bil-Malti ma jkunx hemm jew ikun hemm ftit li xejn. Meta jitqies id-daqs tal-pajjiż tagħna, wieħed irid ikun konxju tal-limitazzjonijiet li għandna bħala pajjiż u jrid jaċċetta l-fatt li bħala prinċipju ma fiha xejn ħażin li wieħed ifittex u jirriċerka x'sar lil hinn minn xtutna. Huwa bit-tiftix dwar dak li diġà sar li nistgħu naslu għal għażliet aktar sensibbli.

- Li kieku nagħtu ħarsa lejn is-sistema edukattiva kif inhi mingħajr ma nifhmu r-razzjonal warajha, żgur naslu ngħidu li fis-sistema kif inhi qed nippreferu aktar l-Ingliż mill-Malti sempliċement għax tliet suġġetti biss huma mgħallma bil-Malti filwaqt li l-oħrajn huma kollha bl-Ingliż.

  Fir-realtà tal-klassi nemmen li għalkemm l-eżami finali ta' bosta suġġetti huwa bl-Ingliż, ħafna mill-ħin u f'ħafna mill-iskejjel it-tagħlim, b'mod partikolari l-ispjegazzjoni tas-suġġett innifsu, isir bil-Malti. Nieħdu suġġetti bħalma huma dawk tax-xjenza: mill-esperjenza tiegħi bħala studenta, l-għalliema dejjem fehmuna l-kunċetti bil-Malti u meta raw li aħna fhimna tassew imbagħad dorna għall-ħendawts jew *past papers* u dawwarna dak li fhimna bl-Ingliż għax il-kitba kellha ssir b'dil-lingwa.

  Filwaqt li l-użu tal-Ingliż f'bosta suġġetti ħalla anki konsegwenzi tajbin, nista' nifhem l-inkwiet li jkollhom bosta għalliema meta jiltaqgħu ma' studenti li tassew ikunu fehmu l-kontenut iżda minħabba limitazzjoni li għandhom fil-lingwa Ingliża jeħlu mill-eżami tas-suġġett li finalment mhuwiex l-Ingliż.

  Minn dan l-aspett, nistgħu nirraġunaw u ngħidu li s-sistema edukattiva għamlet diskriminazzjoni qawwija ma' dawn l-istudenti għax ma weħlux biss mill-Ingliż iżda minn diversi suġġetti oħrajn li setgħu minflok ibbrillaw fihom.

  Min-naħa l-oħra, jinkwetani ħafna l-aspett l-ieħor. Min jaf li kieku kellna nagħmlu bħalma għamlet l-Italja snin ilu meta daħħlet il-kotba tas-suġġetti kważi kollha bit-Taljan? Bosta tfal fehmu diversi kunċetti għax kienu spjegati u miktuba bil-lingwa nattiva tagħhom iżda l-istess tfal batew ħafna meta waslu f'livell aktar avvanzat u kellhom bilfors ifittxu sorsi lil hinn minn pajjiżhom li ma kinux neċessarjament ippreżentati bit-Taljan.

Nemmen li jekk issir dil-bidla, l-ewwel u qabel kollox ma ssirx f'daqqa u fis-suġġetti kollha iżda ssir biss bħala tentattiv almenu f'suġġett bħall-Matematika li huwa wieħed mis-suġġetti bażiċi. Il-Matematika tgħin ħafna l-iżvilupp tal-loġika u f'każ ta' suġġett bħal dan ma nistgħux nissagrifikaw il-kontenut saħansitra mill-ewwel stadji tal-iskejjel primarji fejn l-istudenti jkunu għadhom ibatu anki minn struttura fi lsien twelidhom: f'dal-każ il-Malti.

Fil-każ tal-Matematika, diġà sar xi xogħol f'dar-rigward. Diane Farrugia, fit-teżi li ppreżentat "Glossarju ta' Termini Matematiċi użati fit-Tagħlim tal-Matematika fl-Iskejjel Maltin fil-Livell Primarju" (Sett. '07) elenkat lista ta' termini bil-Malti li l-għalliem jista' jirreferi għalihom fit-tagħlim tal-Matematika sabiex it-tagħlim ikun wieħed sħiħ fi spjegazzjoni kompletament f'lingwa waħda u f'ambjent li fih jitnaqqas dejjem aktar il-Malti mitkellem imħallat mal-Ingliż. L-istess glossarju jista' jkun bażi tajba għal persuni li huma mħajra jippreżentaw kotba tal-Matematika li jakkumpanjaw din l-ideoloġija li ta' min isseħħ fuq bażi nazzjonali. Nemmen li l-istess sistema taf tkun aktar ġusta speċjalment meta l-għalliem jasal biex jassessja lill-istudent fuq ix-xogħol tas-suġġett innifsu.

Iffukajt l-iktar fuq il-Matematika għaliex nemmen li fl-iskejjel primarji huwa dak is-suġġett li l-iktar jixhed inkwiet u taħbil il-moħħ fost l-istudenti. Fil-każ tal-iskejjel sekondarji nemmen li jekk it-tfal jingħataw bażi tajba biżżejjed fil-livell primarju jkunu kapaċi jsegwu aktar suġġetti bl-Ingliż speċjalment fejn fit-Tielet sena jintgħażlu l-Options bħal *Computer Studies, Business Studies, European History,* il-Bijoloġija u l-Kimika li ma nimmaġinax li naqilbuhom kompletament għall-Malti għax inkunu qed nirristrinġu lit-tfal tagħna għal dak li jdawwarna f'dil-gżira u xejn lil hinn minnha. Mentri fid-dinja tal-lum, li permezz tal-użu mifrux tat-teknoloġija qiegħda dejjem aktar tiċkien, nispiċċaw ma nagħtux l-istampa vera tas-suġġett innifsu jekk ma nikkunsidrawx riċerka ulterjuri b'xebh ma' pajjiżi barra minn Malta.

- Il-bilanċ hu importanti f'kollox u jekk aħna bħala edukaturi nemmnu li qed nippreparaw lill-istudenti tagħna għall-ħajja ta' barra mill-ħitan tal-iskola, ma tagħmel l-ebda sens li l-lingwa Maltija ndaħħluha biss waqt il-lezzjoni tal-Malti. Din hija sitwazzjoni sinonima ma' drawwiet riċenti li daħlu fil-kalendarju Malti li mhux ta' min jikkundannahom iżda fl-istess ħin lanqas hu sew li wieħed iwarrab dawk li huma drawwiet tagħna bħala Maltin. Nemmen li bħalma l-użanzi antiki u moderni jistgħu jitħaddnu f'sintonija, hekk ukoll iż-żewġ lingwi: il-Malti u l-Ingliż.

  L-istudenti jqattgħu sitt sigħat kuljum fl-iskejjel tagħhom u f'dan il-ħin irid ikollhom espożizzjoni għal-lingwa kemm Maltija u dik Ingliża għax b'hekk biss nistgħu nserrħu moħħna u ngħidu li t-tfal qed jisimgħu u qed jidraw l-istrutturi tajba fil-lingwa u li tassew qed nesponuhom għal ambjent bilingwi.

  Ftit snin ilu, fl-iskola fejn ngħallem, jiena u l-għalliema tal-Ingliż għamilna daqsxejn ta' esperiment ma' grupp partikolari. Ikkoreġejna l-esejs bħalma konna

nagħmlu dejjem iżda ħloqna skema simili li biha nħarsu lejn il-kitba. Meta lestejna x-xogħol ikkumparajna l-kitbiet tal-istess studenti kemm fil-Malti kif ukoll fl-Ingliż. Ħaġa tal-għaġeb kif f'bosta każijiet, l-istudenti batew mill-istess ħaġa kemm fl-istruttura tal-Malti kif ukoll f'dik tal-Ingliż. Huwa inutli li ssaħħaħ wieħed u mhux l-ieħor. Għalhekk insostni li l-akbar enfasi għandha ssir fl-istadju tal-iskejjel primarji fejn it-tfal għadhom miftuħin iktar għal sistemi u strutturi ċari li fuqhom jistgħu jkomplu jibnu 'l quddiem. B'daqshekk, mhux qed ngħid li ladarba jispiċċaw il-primarja m'hemmx bżonn ta' tkomplija u tisħiħ iżda hu ferm iktar faċli li ssaħħaħ u tkompli fejn diġà għandek il-pedament. Fl-istess dawl, ta' min nikkonsidraw li għall-inqas fl-aħħar tliet snin tal-primarja, ikollna għalliema kkwalifikati fis-suġġett innifsu u mhux għalliem li jgħallem kemm il-Malti, l-Ingliż u l-Matematika. Dis-sistema diġà sseħħ f'xi skejjel privati u tal-knisja u nemmen li għandha tissaħħaħ aktar bħala ideoloġija.

- Skont il-politika lingwistika tal-UE, huwa d-dover tal-pajjiż innifsu li jfassal u jikkordina s-sistema edukattiva tiegħu f'dan ir-rigward. L-UE tħeġġeġ l-użu ta' mill-inqas żewġ lingwi oħra apparti dik nattiva u dan tagħmlu billi tippromwovi t-tagħlim tal-lingwi u d-diversità lingwistika f'diversi programmi li tħaddan. Minkejja dan kollu, huma bosta dawk il-pajjiżi li huma kapaċi jitħaddtu u jużaw l-Ingliż daqs l-ilsien nattiv tagħhom. F'dan id-dawl, aħna ma nistgħux nagħmlu pass lura, anzi nistgħu nħossuna tassew ivvantaġġjati li nafu nużaw dil-lingwa daqstant tajjeb tant li ma ħolqotilniex ħitan f'dan is-sens.

  Ma tkunx idea ħażina li jitfassal pjan li huwa iktar relattiv għas-sitwazzjoni tal-istudenti tal-lum li fid-dinja t'għada ser isibu l-lingwa Ingliża aktar b'saħħitha minn qatt qabel. Għaldaqstant, nerġa' nsostni li l-ewwel enfasi għandha ssir fuq il-lingwa nattiva u fl-iskejjel primarji għax b'hekk biss nistgħu ngħinu lit-tfal jifformulaw struttura b'saħħitha tant li t-tagħlim tal-lingwi l-oħra jseħħ b'mod aktar faċli u awtomatiku.

*Annabel Desira hija għalliema tas-sekondarja u Malta Writing Programme Tutor.*

**Rosalba Ebejer Catania**

- Mill-esperjenza tiegħi bħala għalliema fl-iskejjel sekondarji nista' ngħid li għalkemm huwa minnu li fil-klassijiet il-biċċa l-kbira tal-kotba li jintużaw huma bl-Ingliż, xorta waħda l-użu tal-Malti huwa qawwi ħafna. L-użu tal-Ingliż isir kważi obbligatorju fi klassijiet fejn ikun hemm studenti barranin li ma jifhmux il-Malti u dan il-fenomenu issa qed jiżdied b'rata mgħaġġla ħafna. Dan qed iwassal biex l-għalliema jitkellmu aktar bl-Ingliż sabiex ħadd ma jħossu eskluż, iżda dan spiss ikun ta' detriment għal dawk l-istudenti li jbatu biex isegwu lezzjoni bl-Ingliż. Fil-każ ta' lezzjonijiet ta' lingwi barranin bħat-Taljan, il-Franċiż u oħrajn, l-għalliema jużaw l-aktar dik il-lingwa li jkunu qed jgħallmu sabiex l-istudenti jidraw jisimgħu u jifhmu dik il-lingwa partikolari.

  Mhux sewwa li l-użu tal-Malti jonqos fl-iskejjel aktar ma titla' għax dan jillimita anke t-taħdit u l-kitba tal-istudenti nfushom li ma jibqgħux esposti għal Malti korrett. It-temi diskussi fl-iskejjel primarji huma differenti minn dawk proposti fl-iskejjel sekondarji u terzjarji. Il-lingwa mitkellma u miktuba trid tiżviluppa u timmatura pass pass mal-bniedem. Ħafna huma dawk li jammettu li ma jafux jiktbu bil-Malti, li jieħdu ħafna żbalji u li kważi kważi jippreferu jiktbu bl-Ingliż minkejja l-fatt li huma jużaw l-aktar il-Malti fit-taħdit. Għalhekk il-bilanċ f'dan il-każ huwa importanti ħafna.

- Is-sistema tal-Kurrikulu qed twassal biex studenti barranin ma jsegwux lezzjonijiet li jingħataw bil-Malti pereżempju lezzjonijiet tal-Malti nnifsu, l-Istudji Soċjali u r-Reliġjon. Donnhom dawn is-suġġetti qed jiġu ttimbrati bħala inqas importanti la l-istudenti jistgħu ma jsegwuhomx filwaqt li suġġetti li jingħataw bl-Ingliż irid isegwihom kulħadd indipendentement minn jekk hux kapaċi jsegwi bl-Ingliż jew le. Naħseb f'dan il-każ qed jiġu ddiskriminati l-istudenti Maltin li ma jistgħux jagħżlu li jsegwu lezzjoni ta' suġġett bil-lingwa li jagħżlu huma.

- Din hija problema reali għaliex huwa minnu li xi studenti jmorru ħażin għax ma jifhmux il-karta tal-eżami bl-Ingliż. Huwa minnu wkoll li suppost dawn l-istudenti jiġu eżaminati fl-għarfien tagħhom tal-Matematika u mhux tal-Ingliż u għalhekk m'għandhomx jiġu ppenalizzati minħabba l-lingwa li tintuża fil-karta tal-eżami. Il-problema ewlenija hija li l-kotba tal-Matematika huma bl-Ingliż iżda l-għalliema ħafna drabi jispjegaw bil-Malti. Fl-Italja l-Matematika tiġi mgħallma bit-Taljan, allura aħna ma nistgħux ngħallmu l-Matematika bil-Malti? Soluzzjoni waħda tista' tkun li l-istess karta tal-eżami tiġi ppreżentata bl-Ingliż u bil-Malti u l-istudenti jagħżlu b'liema lingwa jwieġbu. It-traduzzjoni għall-Malti għandha ssir minn persuni kkwalifikati biex ma jiżdiedx il-piż fuq l-għalliema tas-suġġett.

- Ma nistax nitkellem dwar skejjel fuq bażi individwali. Li naf żgur huwa li fl-iskejjel sekondarji tal-Gvern il-Malti għadu jintuża ħafna però dejjem akkumpanjat mill-Ingliż – il-kapijiet tal-iskola jagħtu l-avviżi bil-Malti u bl-Ingliż

minħabba l-istudenti barranin, iċ-ċirkularijiet joħorġu bil-Malti u bl-Ingliż. Hemm ukoll il-ħtiġijiet tal-kurrikulu fejn jidħlu l-lingwi, pereżempju lezzjoni tat-Taljan trid tingħata bit-Taljan, tal-Ingliż bl-Ingliż, eċċ. Ix-xjenzi jiġu mgħallma bl-Ingliż minħabba li l-kotba li jintużaw huma bl-Ingliż però l-għalliema jispjegaw bil-Malti wkoll. Idea tajba u effikaċi hija dik tal-ġranet iddedikati lil-lingwi, pereżempju nhar ta' Erbgħa fl-iskola nitkellmu bl-Ingliż. Tkun ħaġa sabiħa li kieku niddedikaw ġurnata oħra għall-Malti fejn it-tfal, minkejja l-fatt li normalment jitkellmu bil-Malti, joqogħdu aktar attenti għall-kliem li jlissnu. Dan żgur li jpoġġi l-Malti u l-Ingliż fuq l-istess livell għax l-istudenti jagħtu aktar kas ta' dak li jkunu qed jgħidu.

Jiena nemmen li mhux *kemm* hu mitkellem il-Malti hu importanti iżda *kif*. *Fejn* qed jintuża u *għaliex*. F'liema okkażjonijiet inwarrbuh u nippreferu l-Ingliż. Personalment ma naqbilx mal-idea li f'Jum il-Premjazzjoni jsiru rappreżentazzjonijiet teatrali bl-Ingliż biss – donnu dan jagħti aktar prestiġju lis-serata! Il-bilanċ bejn iż-żewġ lingwi huwa indispensabbli.

L-għalliema kollha (mhux tal-Malti biss) jekk jużaw il-Malti fl-iskola jridu jaraw li l-Malti tagħhom huwa korrett – jekk se jagħtu xi noti lill-istudenti jaraw li ma fihomx żbalji ortografiċi u, fejn għandhom dubju, jistaqsu. Hekk inżidu r-rispett lejn il-Malti filwaqt li ma niċħdux il-ħtieġa għall-Ingliż.

- Il-politika lingwistika tal-UE tħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex iħarrġu lit-tfal tal-iskola fil-lingwa nazzjonali u f'żewġ lingwi Ewropej oħra. L-importanza li l-UE tagħti lil-lingwi differenti tidher ukoll mill-fatt li għandna Kummissarju Ewropew inkarigat mill-Multilingwiżmu, li bħalissa huwa r-Rumen Leonard Orban. Dan għandu jgħin il-multilingwiżmu u d-djalogu interkulturali kif ukoll il-mobbiltà tal-persuni minn stat għal ieħor tal-UE. Jekk inħarsu lejn din il-politika b'mod superfiċjali jidher li Malta ilha għexieren ta' snin tagħmel dan minkejja li m'ilhiex daqshekk membru fl-UE. Fl-iskejjel it-tfal sa minn ċkunithom huma esposti għall-Malti u għall-Ingliż u mbagħad fl-iskola sekondarja jagħżlu li jistudjaw lingwa barranija oħra jew f'xi każijiet żewġ lingwi barranin oħra.

  Iżda dan ma jfissirx li l-istudenti kollha joħorġu mill-iskejjel tagħna bħala persuni bilingwi bl-għarfien tat-tielet lingwa barranija. Ma ninsewx li għad hemm studenti li xorta joħorġu mill-iskola ta' 16-il sena bla ma jkunu kapaċi jiktbu u jaqraw sew la bil-Malti u lanqas bl-Ingliż.

  Nenfasizza hawnhekk il-punt li l-Malti huwa lingwa uffiċjali tal-UE daqs kull lingwa uffiċjali oħra mitkellma fl-Istati Membri l-oħra u huwa għajb kbir għal min iqis il-Malti bħala lingwa sekondarja li nistgħu ngħaddu mingħajrha. Dan jgħodd kemm għall-barranin iżda wisq iktar għall-Maltin li jxejnu l-valur tal-ilsien tagħna.

B'sodisfazzjon kbir tħabbar ftit tal-jiem ilu li l-Parlament Ewropew laqa' emenda mressqa mill-Ewro-Parlamentari Malti Simon Busuttil biex, fil-baġit tas-sena d-dieħla, ikun hemm vot li jipprovdi għajnuna għall-promozzjoni ta' lingwi anqas użati. Id-deċiżjoni finali issa tittieħed f'Diċembru u nittama li tkun waħda pożittiva. Għalkemm il-Malti hu wieħed mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu wieħed mil-lingwi anqas mitkellma. Il-proposta hi maħsuba biex ikun hemm għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea biex dawn il-lingwi jkunu magħrufa aktar. Għalhekk dan il-vot se jservi biex jitfasslu proġetti pilota minn stati membri żgħar, biex jippromwovu l-prattika tal-lingwi uffiċjali Ewropej. Din għandha tkun okkażjoni fejn jiġi diskuss bil-għaqal kif u fejn jistgħu jintużaw ir-riżorsi miksuba.

Proġett minnhom jista' jkun it-tagħlim tal-Malti għat-tfal barranin li jattendu l-iskejjel sekondarji f'Malta – dan biex ikunu jistgħu jsegwu l-lezzjonijiet kollha u biex jintegraw aktar malajr f'ambjenti fejn il-lingwa mitkellma hija l-Malti. F'dan il-każ il-Malti jiġi offrut bħala lingwa barranija.

Huwa importanti ħafna li l-iskejjel Maltin jippromwovu l-multilingwiżmu għax huwa ta' benefiċċju għall-mobbiltà taż-żgħażagħ iżda dan qatt m'għandu jsir għad-detriment tal-Malti.

Jistgħu jiġi sfruttati aħjar ir-riżorsi kollha offruti mill-Istituzzjonijiet tal-UE għall-iskejjel. Pereżempju "European Schoolnet" joffru kompetizzjonijiet u riżorsi marbuta mal-UE u l-paġni web tagħhom huma tradotti fil-lingwi kollha tal-UE inkluż il-Malti. Però l-interess tal-iskejjel Maltin f'dawn l-inizjattivi għadu baxx ħafna meta mqabbel ma' Stati Membri oħra. Dan jista' jkun għaliex is-sillabu tant hu estensiv li l-għalliema qajla jsibu ħin jinkludu attivitajiet oħrajn fil-klassi tagħhom. Tkun ħaġa pożittiva ferm li kieku dawn l-inizjattivi u oħrajn bħalhom jiġu adottati mill-iskejjel – żgur li l-istudenti jħossuhom parti ħajja mill-UE.

*Rosalba Ebejer Catania hija traduttriċi u għalliema tas-sekondarja.*

**Frank Fabri**

Riflessjoni fuq il-Lingwa

## L-importanza tal-kuntest

Eżerċizzju ta' riflessjoni, analiżi u diskussjoni bħalma hu dan jitlobni li qabelxejn għandi nillokalizza u nikkontestwalizza l-pożizzjoni tiegħi biex wara nkun nista' nikkumpara u nikkorrelata. Wara kull pożizzjoni meħuda għandha tikseb is-sens tagħha mill-kuntest li fih issir. Għalhekk, il-kuntest u l-pożizzjoni huma interrelatati.

X'inhi t-tradizzjoni edukattiva primarja u sekondarja qabel it-twaqqif tal-Kulleġġi f'Malta? Hija favur l-ekwità, il-kwalità u l-istandards? L-edukazzjoni primarja tiegħi (1978-1985) ksibtha fl-iskola primarja tal-Istat waqt li bejn l-ewwel u l-ħames sena sekondarja (1986-1990) għaddejthom fl-iskejjel sekondarji tal-Gżira, l-Imtarfa u Santa Venera. Ma kontx attendejt il-Liċeo peress li kont weħilt darbtejn mill-eżami tal-Junior Lyceum u dan kien ikklassifikani kulturalment bħala student tat-tielet klassi fejn l-aspettazzjoni minna l-istudenti kienet waħda baxxa. Naħseb li kont meqjus bħala student tat-tielet klassi għaliex qabli kelli quddiemi lill-istudenti fl-iskejjel Indipendenti u tal-Knisja, u lill-istudenti fil-liċej tal-Istat. Dan jinkwadra tajjeb ħafna mal-klassiżmu soċjali kif definit b'mod elementari! Kuntestwalment, il-politiku Malti, is-*civil servant* u l-akkademiku mmaturaw ħafna fil-qasam edukattiv u llum, kif ser nispjega aktar 'il quddiem, f'mument ta' riformi ambizzjużi ħafna f'dan il-qasam qed naraw direzzjoni ġdida mhux biss fl-iskejjel tal-Istat iżda wkoll fil-politika lingwistika sa mill-edukazzjoni bikrija.

L-edukazzjoni postsekondarja (1991-1992) rċevejtha l-ewwel fil-Higher Secondary School u mbagħad fis-Sixth Form minn fejn dħalt l-Università ta' Malta għall-Baċellerat fl-Edukazzjoni, fil-Fakultà tal-Edukazzjoni (1993-1997), fejn is-suġġetti ewlenin tiegħi kienu l-Malti (letteratura u lingwistika) u l-*Early and Middle Years*. Kif temmejt dan il-kors universitarju, b'teżi bil-Malti dwar it-tagħlim tal-letteratura fl-iskejjel sekondarji, issoktajt bl-istudji fil-livell ta' Masters fl-Arti fid-Dipartiment tal-Malti, fil-Fakultà tal-Arti, fejn speċjalizzajt b'teżi bil-Malti fuq il-letteratura soċjorealista u l-edukazzjoni. Wara dan il-grad, bdejt id-dottorat fl-Università ta' Londra, l-Istitut tal-Edukazzjoni, b'teżi bl-Ingliż bi speċjalizzazzjoni fuq it-taħriġ u l-iżvilupp ta' mexxejja edukattivi f'qafas kollaborattiv ġdid.

## Kuntest li jgħallem

X'tgħallimt minn dan il-kuntest? Tgħallimt ħafna.

Tgħallimt li teżisti rabta bejn il-kuntest soċjali li tinzerta titwieled u titrabba fih (mingħajr għażla personali) u t-tip ta' edukazzjoni li tingħata. Niftakarni ngħaddi sigħat twal nilgħab barra ma' tfal li huma wkoll kienu jabitaw bħali fil-*flats* tal-Gvern, li kienu jattendu bħali l-iskejjel tal-Istat (b'differenza għal xi wħud

minnhom li kienu għaddew mill-eżami tal-Junior Lyceum u għalhekk, mhux bħali, kienu attendew il-liċeo li kien jistenna ħafna aktar mill-istudenti mill-iskejjel sekondarji minna) u kultant konna nitħalltu (aktarx niġġieldu) ma' tfal li soċjalment kienu b'saħħithom aktar minna, kienu jabitaw fi djar mogħtija mill-Gvern u li kienu jattendu skejjel privati/indipendenti jew tal-Knisja.

Tgħallimt li teżisti rabta bejn il-kuntest soċjali, it-tip ta' edukazzjoni u l-lingwa ta' komunikazzjoni. Għalina t-tfal tal-*flats*, li konna mmorru skejjel tal-Istat, kellna lingwa komuni li tgħaqqadna u tiddistingwina mit-tfal tad-djar tal-Gvern. Aħna konna nħaddmu l-lingwa Maltija u huma l-lingwa Ingliża.

Tgħallimt li l-lingwa tal-komunikazzjoni kienet iġġorr livell distint ta' prestiġju. Ħaddieħor kien jifhimha l-lingwa tagħna iżda kien juża l-lingwa Ingliża li għalina kienet ftit diffiċli biex naħkmuha u nħaddmuha b'tant flessibbiltà.

Tgħallimt kemm hija sabiħa u utli l-lingwa Maltija daqskemm hija neċessarja l-lingwa Ingliża. Dan għaliex kisbiet futuri li saħansitra jiddeterminaw liema bieb jinfetaħ u liema jingħalaq (partikolarment fil-kuntest internazzjonali) kienu ser jiddependu essenzjalment mill-ħakma taż-żewġ lingwi.

Fuq kollox intbaħt li d-dinja hija akbar minn Malta.

Tgħallimt ukoll li l-maturità personali tikkorrelata tajjeb mal-maturità edukattiva nazzjonali fejn minn edukazzjoni selettiva (fuq livelli differenti inkluż fost is-suġġetti mgħallma, fost l-istudenti, fost l-iskejjel u l-bqija) għal sistema kollaborattiva li qed tinbena fuq il-bżonn individwali, inkluż dak tal-lingwa. B'riferenza għal-lingwi, minn sistema edukattiva li tiddistingwi bejn il-Malti u l-Ingliż f'sens ta' livelli distinti ta' prestiġju bejn it-tnejn għal sistema edukattiva li tirrikonoxxi l-valur tal-lingwa b'rabta mal-kuntest.

### Il-lingwa bħala għodda

Wara l-istudji tiegħi fil-livell ta' Masters fhimt li l-lingwa għandha żewġ attrazzjonijiet partikolari. L-ewwel attrazzjoni hija għaċ-ċittadin li jagħmel użu minnha biex jasal sal-punt 'il barra minnu. B'dan il-mod, il-lingwa hija meqjusa bħala għodda u bħala għodda hija magħżula skont l-esiġenzi u l-bżonn tal-kuntest. It-tieni attrazzjoni hija għall-istudjuż li jistudja l-lingwa fiha nnifisha.

Personalment, kif nispjega fit-tabella t'hawn taħt, meta nħares lura ninnota kif imxejt mill-ewwel attrazzjoni lejn il-lingwa Maltija fi tfuliti bħala mezz ta' protezzjoni, għat-tieni attrazzjoni fil-perjodu tal-istudju tiegħi fil-livell ta' Baċellerat u f'perjodu fil-livell ta' Masters, u mill-ġdid għall-ewwel attrazzjoni fil-perjodu tal-istudju tiegħi fil-livell ta' Masters u dottorat għal-lingwa Maltija u Ingliża.

Meta kont għadni tifel nilgħab barra ma’ tfal li l-lingwa naturali tagħhom kienet il-Malti, kultura li kompliet tikkonsolida għal raġunijiet differenti mill-iskejjel sekondarji tal-Istat, il-lingwa Maltija kienet l-għodda li kienet taqdina tajjeb fil-kuntest soċjali fi żmien partikolari fejn ma tantx konna nitħalltu ma’ tfal li jabitaw fid-djar tal-Gvern u jattendu skejjel tal-Knisja u Indipendenti għajr biex niġġieldu kontrihom. Il-lingwa naturali ta’ dawn it-tfal kienet il-lingwa Ingliża.

Matul l-istudji bikrin tiegħi fl-Università ta’ Malta t-taħlit soċjali twessagħli ftit, għalkemm mhux wisq. Dan għaliex is-suġġett ewlieni tiegħi kien il-Malti fil-Fakultà tal-Edukazzjoni li, minnha nnifisha, attirat studenti b’kuntest soċjali medju. B’xorti tajba iżda, kien proprju f’dan il-perjodu fejn iltqajt ma’ għalliema u professuri tal-Malti li tawni perspettivi ferm usa’ mil-lingwa u mil-letteratura Maltija. Kienu huma li nisslu fija l-bżonn tal-istudju serju.

B’dan l-għarfien u l-konvinzjoni għaddejt għat-tielet fażi, dik li l-lingwa kisbet sens għalija bħala għodda. F’dan il-perjodu fhimt li l-lingwa hija l-passaport għaċ-ċittadinanza għall-anqas Ewropea. F’dan il-perjodu fhimt kemm hija miskina u inutli l-pika ta’ min ikeskes il-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża. Fhimt l-utilità reali tal-lingwa Maltija u tal-lingwa Ingliża.

| Tfulija | Żgħożija bikrija | Żgħożija |
|---|---|---|
| Edukazzjoni primarja u sekondarja | Edukazzjoni postsekondarja u bidu ta’ studju fil-livell terzjarju | Studju avvanzat fil-livell terzjarju |
| Il-lingwa Maltija marbuta popolarment ma’ nuqqas ta’ edukazzjoni u li tiddistingwi mill-kwalità<br>Il-lingwa Ingliża marbuta popolarment ma’ edukazzjoni ta’ kwalità | Familjarizzazzjoni isħaħ mal-lingwa Ingliża u taħlit bejn il-lingwa Maltija u Ingliża | Distinzjoni bejn il-lingwa Maltija u Ingliża bħala tisħiħ tal-Identità Nazzjonali, Ewropea u Internazzjonali |

Korrelazzjoni

Maturità

**Il-lingwa nazzjonali u l-lingwa uffiċjali**

Il-lingwa Maltija għandha t-titlu kostituzzjonali ta' Lingwa Nazzjonali. Dan it-titlu jikseb is-sens u l-valur tiegħu fil-kuntest nazzjonali u dejjem f'rabta maż-żmien. Meta kont tfajjel, għalija l-Lingwa Nazzjonali kienet l-identità assoluta tiegħi f'ċirku soċjali ristrett ħafna u omoġenju. Fil-perjodu tal-istudji bikrija tiegħi fl-Università, il-Lingwa Nazzjonali għalija kisbet rilevenza akbar għaliex ikkonsolidat l-identità nazzjonali tiegħi bħala ċittadin Malti f'kuntest soċjali ferm usa', differenti u ta' sfidi ġodda. F'dan il-mument, il-ftuħ fl-istudju f'dan il-livell kien joffri fih innifsu sfida oħra għalija u għal studenti bħali, ċjoè dik li biż-żieda fil-qari ta' letteratura internazzjonali bil-lingwa Ingliża u bit-taħlit soċjali mqar fl-istess faxxa soċjali (din id-darba mhux bi ġlied iżda pjuttost l-oppost) l-Lingwa Nazzjonali setgħet tiddakkar mhux bl-aħjar mod minn xi lingwa oħra, fil-każ tiegħi mil-lingwa Ingliża. Fuq in-naħa l-oħra, l-avvanz fl-istudju, u miegħu aktar maturità, għalija l-Lingwa Nazzjonali u l-Lingwa Uffiċjali reġgħu kienu definiti mill-ġdid skont prinċipji stabbiliti minni nnifsi b'rispett lejn iż-żewġ lingwi f'kuntest li jiddefinihom.

**L-edukazzjoni li twieġeb**

Ir-riforma ambizzjuża li Malta qed timplimenta qed twieġeb għal numru mdaqqas ta' mistoqsijiet li ilhom madwar 25 sena jiġu mistoqsija bla ma jitwieġbu prattikament. Dan jista' jidher minn evidenzi lokali bikrija ta' prattika favur it-tisħiħ u r-rispett lejn il-lingwi kif jidher hawn taħt.

Id-Direttorati f'kollaborazzjoni mal-Kulleġġi tal-Istat illum qed jintroduċu pożizzjonijiet ġodda bħalma huma l-*Whole School Approach Teacher* u l-*Core Competence Teachers* fuq bażi ta' Kulleġġi fejn tal-ewwel tiffoka fuq il-litteriżmu tul is-snin kollha fil-primarja u fil-livelli kollha (amministrattivi, pedagoġiċi u l-bqija) waqt li tat-tieni ser jiffokaw fuq tfal fil-klassijiet mill-ewwel sar-raba' sena tal-primarja. Dawn, flimkien mal-għalliema tal-klassi u l-*Complementary Teachers* ser jaħdmu strateġikament sabiex ikun indirizzat il-qasam tal-litteriżmu fil-kumplessità tiegħu. F'dan is-sens, id-distinzjoni lingwistika marbuta mal-klassi soċjokulturali li għext fi tfuliti tkun effettivament indirizzata strateġikament.

Id-Direttorati f'kollaborazzjoni mal-Kulleġġi qed joffru l-possibbiltà li għalliema bħalma huma tal-Ġografija jgħallmu bil-Malti waqt li l-karti tal-eżamijiet ta' nofs is-sena u annwali jkunu kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż (għall-għażla tal-istudenti). F'dan is-sens, l-istudenti ma jibqgħux ikunu assessjati fuq bażi ta' lingwa iżda fuq bażi ta' għerf. U ma jkunux iġġudikati ħażin kif kont iġġudikat jiena fi tfuliti.

Eżempju ieħor simili hu s-suġġett tal-Matematika fejn għandna test tal-Matematika li hu bilingwi. Dan il-pass għandu jkompli jimmatura u forsi jsegwi l-eżempju tal-Ġografija, waqt li dan l-aħħar suġġett għandu jsegwi l-eżempju tal-Matematika fir-rigward ta' testi.

Nista' nikkwota wkoll sensiela oħra ta' eżempji prattiċi meħudin fuq bażi ta' Kulleġġi individwali.

Fil-każ tal-Kulleġġ Santa Tereża, amministrattivament l-iskejjel primarji u sekondarji kollha tiegħu qed jaħdmu fuq politika ta' komunikazzjoni, fejn ikunu definiti meta tintuża l-lingwa Maltija u meta tintuża l-lingwa Ingliża. Din il-politika hija ispirata mill-prinċipju fejn il-lingwa hija għodda għal komunikazzjoni effettiva b'rabta mal-kuntest. Xi eżempji huma:

- It-telefonati jitwieġbu bil-Malti (peress li t-telefonati ġeneralment isiru mill-ġenituri). Il-konverżazzjoni ssegwi bil-Malti. F'każ li t-telefonata ssir lill-iskola bil-lingwa Ingliża, l-iskola tikkomunika bl-Ingliż;
- Il-komunikazzjoni elettronika ssir bil-Malti bejn l-iskejjel tal-Kulleġġ, mal-Uffiċċju tal-Prinċipal, mad-Direttorati, mal-Ministeru u ma' strutturi lokali oħra. Issir bl-Ingliż meta l-korrispondenza ssir ma' barranin;
- L-immaġini korporattiva tal-Kulleġġ hija bbażata fuq il-lingwa Maltija (li tinkludi l-pubblikazzjoni (*newsletter*) u l-*website* uffiċjali tal-Kulleġġ;
- L-iskejjel primarji kollha introduċew fil-livell ta' kindergarten l-inizjattiva 'take a book home' fejn kull tifel u tifla jieħdu ktieb magħhom id-dar;
- L-iskejjel primarji kollha offrew taħriġ lill-ġenituri dwar l-importanza u l-użu differenti tat-'take a book home';
- L-iskejjel primarji kollha introduċew il-*Kindergarten Literacy Rooms* (apparti l-libreriji tal-iskola);
- L-iskejjel primarji kollha adattaw l-istess skema ta' qari bl-Ingliż (*Oxford Reading Scheme*);
- L-iskejjel primarji kollha introduċew l-*Oxford Reading Online* fejn kull tifel u tifla fil-primarji kollha jingħataw *password* li biha jkollhom aċċess għar-riżorsi animati u interattivi marbuta mal-*Oxford Reading Scheme*;
- L-iskejjel sekondarji tas-subien introduċew il-*Foundation Classes* b'attenzjoni akbar fuq il-lingwa Maltija u Ingliża.

**Mod ġdid ta' kollaborazzjoni**

L-akbar lezzjoni li <u>tgħallimna</u> r-riforma edukattiva preżenti hija li għandna naħdmu f'kollaborazzjoni. Dan japplika ħafna wkoll fil-qafas li qed nikteb dwaru hawn.

---

Ħerġin minn kuntest edukattiv fejn l-għalliema, l-amministraturi u l-iskejjel ħadmu f'iżolament u deħlin f'kuntest ta' kollaborazzjoni bejn l-għalliema, l-amministraturi, l-iskejjel, id-Direttorati u strutturi oħra.

Ħerġin minn kuntest fejn in-nies jaħdmu f'dipartimenti (eż. id-Dipartiment tal-Malti u d-Dipartiment tal-Ingliż) u f'iżolament mill-bqija tad-dipartimenti u deħlin

f'kuntest ġdid fejn dipartimenti differenti qed jaħdmu flimkien (eż. id-dipartimenti tal-lingwi).

Ħerġin mill-kuntest li jiddistingwi f'sens ta' esklużjoni (eż. il-Malti u l-Ingliż) għal kuntest assimilattiv (eż. il-litteriżmu).

Ħerġin mill-kuntest fejn l-importanza tal-lingwi tqieset fiha nnifisha (eż. il-Malti għall-għalliema tal-Malti) u deħlin f'kuntest fejn il-Malti u l-Ingliż isiru proprjetà kollettiva (eż. *Whole School Literacy Approach*).

Ħerġin minn kuntest konservattiv (eż. il-lingwi jintrabtu biss mal-għalliema tal-lingwi) għal kuntest ġdid fejn it-tim huwa akbar bl-introduzzjoni ta' pożizzjonijiet ġodda (eż. *Core Competence Teachers*, *Whole School Approach Teacher*) li flimkien mal-għalliema tal-klassi u l-għalliema kumplimentari jaħdmu fuq strateġija operattiva u funzjonali waħda.

**Konklużjoni**

Personalment ninsab fil-pożizzjoni ta' Prinċipal tal-Kulleġġi b'għażla personali u fost il-miri li għandi hija li t-tfal u ż-żgħażagħ jesperjenzaw kuntest differenti minn dak li għext jiena fi tfuliti u fiż-żgħożija bikrija.

*Frank Fabri huwa l-Prinċipal tal-Kulleġġ Santa Tereża.*

**Ray Fabri**

Il-bilingwiżmu f'Malta

## Introduzzjoni

L-ewwel nixtieq niċċara xi fatti fuq il-bilingwiżmu.

1. Fil-kuntest lingwistiku globali, il-bilingwiżmu, jew aħjar il-multilingwiżmu, huwa n-norma, u mhux l-eċċezzjoni. Infatti, f'ħafna komunitajiet fid-dinja, il-membri tal-komunità jużaw aktar minn żewġ lingwi fil-ħajja ta' kuljum. Il-bilingwiżmu huwa sitwazzjoni lingwistika komuni ħafna fil-kuntest globali.

2. Ir-riċerka turi biċ-ċar li l-bilingwiżmu huwa 'naturali' għat-tfal, jiġifieri li jekk tifel jew tifla jikbru f'ambjent bilingwi, dawn jitgħallmu l-lingwi li jisimgħu madwarhom mingħajr problemi ta' xejn. Il-bilingwiżmu huwa ta' vantaġġ kbir fl-iżvilupp mentali (konjittiv) tal-kelliema (ara, fost oħrajn, Garcia 1997 u r-referenzi li jagħti). Fil-fatt, skont Garcia (1997: 409), 'Bilingualism and multilingualism are important for both language majorities and minorities for *cognitive, social,* and *psychological* reasons' (Il-bilingwiżmu u l-multilingwiżmu huma importanti kemm għall-maġġoranza lingwistika kif ukoll għall-minoranza lingwistika għal raġunijiet konjittivi, soċjali u psikoloġiċi.)

3. M'hemmx qbil fuq definizzjoni preċiża tal-bilingwiżmu/multilingwiżmu (ara pereżempju Clyne 1997). Hawn ħafna definizzjonijiet u hawn ħafna tipi ta' bilingwiżmu. Fil-fatt, hawn Malta wkoll għandna tipi differenti ta' bilingwiżmu. Biex nieħu xi eżempji: hemm il-bilingwiżmu bbilanċjat, meta l-għarfien li l-kelliem ikollu dwar iż-żewġ lingwi huwa l-istess għaż-żewġ lingwi; u hemm il-bilingwiżmu fejn lingwa waħda tiddomina fuq oħra, jiġifieri l-kelliem 'jaf' lingwa waħda aħjar minn oħra, għalkemm jista' jesprimi ruħu sew fit-tnejn.

## Il-bilingwiżmu fis-sistema edukattiva

Bħalma hawn tipi differenti ta' bilingwiżmu, hawn ukoll ħafna tipi differenti ta' sistemi edukattivi bilingwi (ara Garcia 1997: 410, għal lista tagħhom) u metodoloġija tat-tagħlim bilingwi. L-għan ewlieni tal-edukazzjoni bilingwi f'Malta għandu jkun il-bilingwiżmu bbilanċjat li, imbagħad, iwitti t-triq għall-bilitteriżmu, jiġifieri li wieħed ikun kapaċi jaqra u jikteb sew b'żewġ lingwi. Hemm bżonn li l-awtoritajiet responsabbli jagħmlu l-almu tagħhom biex jirriċerkaw is-sitwazzjoni lingwistika f'Malta bir-reqqa, u jinvestu f'sistema li toħloq kemm jista' jkun sitwazzjoni ta' bilingwiżmu u bilitteriżmu bbilanċjat. Biex nieħu eżempju personali: jiena inħoss li nista' ngħid jiena bilingwi jekk jiena kapaċi nagħmel lekċer bil-Malti, u mbagħad nagħmel l-istess lekċer bl-Ingliż mingħajr ma jkolli problemi biex nesprimi ruħi la fil-Malti u lanqas fl-Ingliż. L-istess għandu japplika għal kull tip ta' xogħol,

b'mod partikolari, però, għall-għalliema, li għandhom iħossuhom 'komdi' fiż-żewġ lingwi u li jservu ta' 'eżempju' għall-istudenti tagħhom.

Hawn Malta, il-maġġoranza tat-tfal jibdew l-iskola bil-Malti bħala l-lingwa li jużaw l-aktar barra mill-iskola (id-dar, fil-ħanut, fil-każin, eċċ), u mbagħad l-iskola jibdew jitgħallmu l-Ingliż. Naturalment, ħafna tfal (imma mhux kollha) diġà jkun kellhom xi kuntatt mal-Ingliż qabel jidħlu l-iskola, speċjalment minħabba t-televixin, u forsi minħabba xi kotba tat-tfal li jkunu raw; imma dan il-kuntatt ikun minimu u mhux sistematiku. Sistema li fiha student jibda l-skola b'lingwa waħda u mbagħad tiżdiedlu lingwa oħra magħha tissejjaħ addittiva (*additive*) jew qawwija (*strong*). B'kuntrast ma' dan, sistema li biha l-istudent l-ewwel jitgħallem żewġ lingwi biex imbagħad, f'xi stadju, taqa' waħda minnhom biex tissoda ruħha l-oħra biss tissejjaħ suttrattiva (*subtractive*) u dgħajfa. Is-sistema suttrattiva mhijiex adattata għall-kuntest Malti; anzi, din hija ta' ħsara, kemm għall-kelliema, kif ukoll, f'dan il-każ, għall-ilsien Malti nnifsu, li f'għajnejn l-istudenti jitlef fl-importanza tiegħu. Jiġri wkoll li l-livell tal-għarfien tal-istudenti fil-lingwa li tinqata' jibqa' lura meta mqabbel mal-lingwa l-oħra.

### Il-bilanċ lingwistiku

Ninsisti li s-sitwazzjoni ideali fejn jidħlu l-Malti u l-Ingliż hawn Malta għandha tkun waħda ta' bilanċ, jew aħjar ta' parità, f'kull livell u f'kull stadju tal-iżvilupp. Fejn ikun hemm żbilanċ kontra lingwa waħda, għandu jkun hemm kumpens għal-lingwa l-oħra. Fil-fatt, l-iżbilanċ favur l-Ingliż fis-sistema edukattiva hawn Malta jibda diġà fil-kinder u fil-primarja: ħafna mill-kotba u l-materjali li jużaw it-tfal huma bl-Ingliż. Għalkemm is-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' materjali bil-Malti tidher li qiegħda titjieb bil-mod bil-pubblikazzjoni ta' aktar kotba u materjali bil-Malti, jidher li għad baqa' ħafna xi jsir f'dal-qasam biex ikun hemm bilanċ veru.

Biex nieħu eżempju konkret: jidher li hemm tendenza li t-tfal iż-żgħar jitgħallmu n-numri bl-Ingliż l-ewwel (u dan anki mid-dar) għaliex il-kotba s-sbieħ u interessanti fuq in-numri jkunu bl-Ingliż; mela mbagħad m'għandniex neħduha bi kbira jekk tifel jirrispondi 'tri' meta tistaqsih 'Kemm-il sena għandek?', u dan jibqa' jagħmlu sakemm jixjieħ. Idealment għandu jirrispondi 'tlieta' jew 'tliet snin' għal din il-mistoqsija, imma jirrispondi 'three' (jew tree?) għall-mistoqsija 'How old are you?'. Dan huwa l-bilingwiżmu bbilanċjat. Bis-sistema edukattiva żbilanċjata kif inhi, qed jiġri li l-Malti (ħafna drabi mħallat bl-Ingliż) qiegħed isir aktar u aktar il-lingwa li wieħed juża meta jitkellem, waqt li l-Ingliż jissoda ruħu bħala l-lingwa miktuba u, bħala riżultat t'hekk, l-Ingliż isir il-lingwa aktar prestiġjuża.

Hija ħaġa ovvja li jekk, f'xi fażi ta' ħajtu, l-istudent sa jkun espost aktar għal lingwa waħda, dik il-lingwa sa tiddomina u l-oħra sa tbati. Li jiġri mbagħad huwa li jkollna ħafna nies li meta jiġu biex jitkellmu bil-Malti, ma jkunux jistgħu jsibu l-kelma jew

l-espressjoni li jkollhom bżonn għax l-ewwel ma tiġihom f'rashom hija dik il-kelma jew espressjoni li tgħallmu bl-Ingliż.

Mela, l-iżvilupp għandu jkun idealment parallel u ndaqs, u l-awtoritajiet għandhom l-obbligu li joħolqu kuntest edukattiv fejn il-metodoloġija tissoda l-idea tal-bilanċ lingwistiku. Dan ifisser ukoll li m'għandux ikun hemm diviżjoni skont is-suġġett. Din il-problema hija simili fl-effetti tagħha għal dik li ddiskutejt s'issa, għalkemm mhijiex eżatt l-istess ħaġa. Żgur, però, li wieħed mill-effetti ta' politika lingwistika li tgħallem suġġett wieħed b'lingwa u suġġett ieħor b'oħra huwa li toħloq nies li, f'suġġett partikolari, huma kapaċi biss jesprimu rwieħhom sew b'lingwa waħda, waqt li fl-oħra jbatu għax ma tgħallmux it-terminoloġija u l-istrutturi sintattiċi li huma kurrenti u relevanti għal dak il-qasam.

B'riżultat ta' dan ikollna l-problema, li ħafna nies igergru fuqha, li pereżempju fil-midja ħafna drabi xi 'esperti' ma jkunux kapaċi jesprimu rwieħhom bil-Malti fuq il-qasam li huma suppost esperti fih. Dan jiġri spiss fi programmi fuq ix-xjenza jew fuq temi speċjalizzati, fejn wieħed jisma' pereżempju affarijiet bħal 'Mela minn dan l-*experiment* naraw li l-*chemicals* ...', jiġifieri taħlita tal-lingwi (*code-mixing/ switching*). Riżultat ieħor, gravi ħafna, ta' din il-politika hi li l-Malti qatt ma jirnexxilu jiżviluppa terminoloġija adegwata f'ċerti oqsma, u mbagħad, bħala riżultat ta' dan, it-tradutturi, pereżempju, ikollhom problemi kbar meta jiġu biex jittraduċu kitbiet xjentifiċi jew tekniċi, u kulħadd jivvinta t-terminoloġija hu, jew, agħar minn hekk, jispiċċa juża l-Ingliż.

Nixtieq nagħmel punt importanti hawn ukoll, li però ma nistax nidħol fid-dettall fuqu, li t-taħlit tal-lingwi (*code switching/mixing*) minnu nnifsu mhuwiex neċessarjament xi ħaġa ħażina. Fil-fatt it-taħlit huwa fenomenu naturali u komuni ħafna f'sitwazzjonijiet ta' kuntatt lingwistiku, u, kif juri sew ix-xogħol pereżempju ta' Antoinette Camilleri (Camilleri 1995), fost oħrajn, it-taħlit tal-lingwi jkun qed isir mingħajr ma l-kelliema jkunu konxji li qed jaqbżu minn lingwa għal oħra.

### L-iżbilanċ lingwistiku

Minn dak kollu li għidt s'issa, jidher ċar li jiena naħseb li idealment għandu jkun hemm bilanċ bejn iż-żewġ lingwi. Dan mhuwiex il-każ bħalissa. Il-każ estrem huwa dak ta' xi skejjel li jidher li qed jenfasizzaw aktar l-Ingliż u jwarrbu l-Malti kważi għalkollox. Dan huwa żball kbir, u dawn l-iskejjel qed jagħmlu ħażin. Din is-sistema hija ta' dannu kemm għall-istudenti nfushom, li qegħdin jgħixu f'kuntest fejn, iridu jew ma jridux, il-lingwa Maltija tiddomina, għall-inqas fil-mitkellem, u kemm għall-iżvilupp u l-immodernizzar tal-ilsien Malti stess, kif diġà wrejt hawn fuq.

Min-naħa l-oħra hemm il-problema li sikwit it-tfal li jkunu batuti fl-Ingliż ikollhom problemi mhux għaliex moħħhom ma jagħtihomx, imma għax ma jkunux jistgħu jifhmu l-lingwa li biha qegħdin jipprovaw jitgħallmu. Dan jiġri l-aktar fil-Matematika,

fejn il-*problems* u l-eżerċizzji l-oħrajn huma kollha bl-Ingliż. Il-lingwa m'għandhiex tkun ta' xkiel għall-iżvilupp intellettwali tal-persuna, anzi, bil-kontra, għandha tgħin biex wieħed jesprimi ruħu u jkun jista' jifhem dak li jkun qed jingħad jew dak li jkun qed jaqra. Idealment, f'kuntest vera bilingwi, din is-sitwazzjoni ma tinħoloqx; fir-realtà nafu li din hija problema li spiss tkun ta' żvantaġġ għal min diġà jkollu żvantaġġi u problemi oħra li jxekkluh u jżommuh lura.

Jekk il-materjali jkunu bilingwi, inkluż, b'mod partikolari, il-karti tal-eżami, din il-problema ma tinqalax. Veru li, biex toħloq sitwazzjoni bbilanċjata, hemm bżonn ta' aktar ħin, xogħol u flus għall-preparazzjoni tal-materjali u tal-karti tal-eżami, imma huwa għalhekk li naħseb li hemm bżonn ta' aktar investiment bis-serjetà fis-sistema edukattiva. Nimmaġinaw din is-sitwazzjoni: ktieb tal-Matematika fil-primarja jkun kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. L-għalliema, li jkunu wkoll bilingwi, jużaw daqqa lingwa waħda u daqqa lingwa oħra, u daqqa t-tnejn. Xi tkun il-perċezzjoni tal-istudent: li hemm żewġ lingwi, li t-tnejn għandhom l-istess valur u qawwa, li bniedem jista' jesprimi ruħu sew bit-tnejn, li hu jaqbillu jekk ikun jista' jifhimhom u jużahom it-tnejn; però, fl-istess ħin, fejn jeħel f'waħda, l-istudent ikun jista' juża l-oħra biex tgħinu. Dan hu l-bilingwiżmu ideali: il-bilanċ taż-żewġ lingwi.

### Il-politika lingwistika

L-Unjoni Ewropea tinkoraġġixxi l-multilingwiżmu bħala prinċipju bażiku u tħeġġeġ b'mod partikolari liċ-ċittadini tagħha biex jużaw il-lingwi tal-minoranzi u l-lingwi 'ż-żgħar'. Il-politika tal-UE hija bbażata fuq tliet prinċipji:

1. li tiżgura li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal-leġiżlazzjoni, proċeduri u informaz-zjoni tal-UE fil-lingwa tagħhom,
2. li tenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom il-lingwi u l-multilingwiżmu fl-ekonomija Ewropea, u li tfittex modi kif tiżviluppa dawn il-lingwi,
3. li tinkoraġġixxi liċ-ċittadini kollha biex jitgħallmu u jitkellmu aktar lingwi, sabiex ikun hemm ftehim u komunikazzjoni aħjar bejn iċ-ċittadini

(http://ec.europa.eu/education/languages/eu-language-policy/doc99_en.htm)

Fil-prinċipju, l-UE tittratta l-lingwi kollha, u mhux biss dawk kbar, bl-istess kejl. Dan għandu jkun rifless fil-politika tal-pajjiżi membri tal-UE. Jiġifieri f'Malta wieħed jistenna li kemm il-Malti kif ukoll l-Ingliż għandhom jingħataw l-istess importanza; l-għan tal-politika lingwistika hu li tiggarantixxi li lingwa waħda ma tiddominax fuq l-oħra, la fil-ħajja ta' kuljum, la f'oqsma speċifiċi, u anqas fis-sistema edukattiva.

### Konklużjoni

Hemm ħafna u ħafna x'wieħed jgħid fuq il-bilingwiżmu u fuq l-edukazzjoni bilingwi. Pereżempju, aspett importanti li ma ttrattajtx hawnhekk huwa r-rwol tal-ġenituri fl-edukazzjoni tat-tfal: il-profiċjenza tagħhom fil-lingwi u l-istrateġiji lingwistiċi li

għandhom diġà ġużaw mat-tfal tagħhom. Nispera li l-konferenza tkun tista' tesplora l-aspetti kollha tal-bilingwiżmu, speċjalment dak lokali, b'mod oġġettiv u kostruttiv.

## Referenzi


Camilleri, Antoinette (1995) *Bilingualism in Education. The Maltese Experience.* Heidelberg: Julius Groos

Clyne, Michael (1997) *Multilingualism*. F'Coulmas, F. (1997) *The Handbook of Sociolinguistics*. Cornwall: Blackwell

Garcia, Ofelia (1997) *Bilingual Education*. F'Coulmas, F. (1997) *The Handbook of Sociolinguistics*. Cornwall: Blackwell



*Dr Ray Fabri huwa l-President tal-Istitut tal-Lingwistika, l-Università.*

**Raymond Facciol**

- L-ewwel nett nixtieq nesprimi l-qbil kważi għalkollox mal-fehmiet li hemm fil-paragrafi tal-bidu tal-istedina tal-Kunsill. Dejjem ħassejt illi l-Malti, fil-forom tiegħu (dijakronikament u sinkronikament) huwa r-ruħ tal-kultura tagħna. Jiena fil-fatt ma naqbilx illi l-Ingliż ikun fuq l-istess livell bħall-Malti fil-Kostituzzjoni. Ma narax, għajr għall-pubblikazzjoni ta' dokumenti uffiċjali, għalfejn għandu jkun dan.

  Jiena nemmen illi fil-bidu għandna nisħqu ħafna fuq il-Malti, imma ma ddejjaqnix illi jinbeda l-Ingliż ukoll. It-tfulija bikrija huwa ż-żmien meta bniedem jixrob il-kompetenzi tal-bażi (filwaqt li aħna qed naħlulu l-ħin b'ħafna ħmerijiet li ma jiswewx daqs il-ħiliet fl-ilsna). It-tfal jifilħu għal-lingwi.

  Mingħajr ma nintilef f'polemiċi, ma naħsibx illi nistgħu nevitaw ix-xaqliba lejn l-Ingliż aktar ma l-istudent jimxi 'l quddiem. Dan mhux fatt "politiku" iżda fatt li ġej minn realtà tmissha b'idejk fil-libreriji fejn il-materjal huwa b'lingwi oħra.

- Jiena naħseb illi ma tista' tarmi xejn. Il-Malti huwa AĦNA imma l-Ingliż u l-lingwi l-oħra huma bibien għall-bqija tad-dinja. Poplu li jmut bil-ġuħ la jikteb poeżiji u lanqas itella' teatri. Il-prestiġju jrid jiġi garantit mod ieħor: mhux x'lingwa juża l-għalliem fil-klassi imma kemm tidher li hija stmata tassew il-lingwa. Għaliex il-Malti ma għandux ħin daqs għall-inqas il-lingwi l-oħra fil-klassijiet? Għaliex filwaqt li ma tistax tgħallem jekk ma tkunx taf bil-Malti, student fl-Università ma jiġix obbligat illi jrid jagħti biċċa mill-ħin tiegħu (ngħidu aħna 28 siegħa fuq 4 snin) lill-Malti?

- Għalija hija skuża fjakka li għadd ta' studenti moħħhom tajjeb jeħlu minn xi suġġetti għax ma jifhmux l-Ingliż li biha tkun miktuba l-karta tal-eżami. L-Ingliż tal-karti ma jkunx dak ta' xi Virginia Woolf ... wisq nibża' illi jekk tassew ma jifhimx l-Ingliż ma jifhimx lanqas il-Malti. Ir-riċerka turi li meta student ma jifhimx fil-qari l-problema ma tkunx l-għażla tal-lingwa, imma l-livell ta' familjarità ma' dak li qiegħed jaqra. Ma nistgħux lanqas, min-naħa l-oħra, nippretendu li għalliem ikellem lill-istudenti s-sena kollha bil-Malti u mbagħad jistenna li dawn se jifhmu l-karta dakinhar tal-eżami.

- Huwa nuqqas li f'xi skejjel il-Malti jidħol biss fil-lezzjoni tal-Malti. Imma għalina. Huwa wkoll espressjoni kulturali ta' min ma jarax lilu nnifsu fil-bżonn li jitkellem bil-Malti.

  Ma ninsewx illi l-ġenituri jkunu għażlu li jibagħtu lil uliedhom f'dawn l-iskejjel. Filwaqt illi nemmen li għandha ssir kampanja sabiex il-Malti jżomm ġieħu, u illi min imexxi fl-Edukazzjoni jrid jara li ma naqgħux tassew fl-assurd, ma nistax ma ngħidx illi fl-aħħar mill-aħħar, *Min ma jridekx m'għandekx xi tridu.* Kultura ma tibdilhiex bl-impożizzjoni.

- Jiena personalment jidhirli li l-UE ma tantx għandha politika lingwistika. Il-Kunsill tal-Ewropa jinvesti ħafna u l-ħsieb ewlieni huwa li jiġi promoss il-multilingwiżmu.

  Hawn Malta, mhux talli mhux qed nagħmlu dan, talli nemmen li se nitilfu l-istatus tradizzjonali tagħna ta' plurilingwi. Il-wasla ta' ħafna stazzjonijiet bil-Malti għalija hija "mixed blessing". Inħoss ukoll illi mexjin lejn xifer l-irdum meta ma nqisux x'lingwi se jkollna bżonn daqs għaxra, għoxrin sena oħra u dawn mhux se jkunu biss l-Ingliż.

  Jiena nħoss illi għandha tittieħed id-deċiżjoni li tiġi mfassla politika lingwistika nazzjonali.

  It-tifsil ta' dan id-dokument, li jkollu saħħa ta' liġi, irid isir bis-sehem wiesa' ta' partijiet soċjali bħall-industrija, l-edukazzjoni u l-oqsma kulturali.

  Dan id-dokument għandu:

  - jiggarantixxi l-istatus ewlieni tal-lingwa Maltija u jgħid kif se jsir dan;
  - jistabbilixxi x'inhu l-istatus tal-lingwi Ewropej skont il-ħtiġijiet tal-pajjiż kemm illum u fil-futur, u kemm mil-lat utilitarju kif ukoll mhux;
  - jaħseb biex jipproteġi l-istatus plurilingwi tal-Maltin billi jara fejn dan it-tagħlim qed jiġi ttraskurat jew għandu jiġi garantit;
  - jaħseb biex il-Maltin ikollhom aċċess ukoll għal lingwi li se jkunu fuq quddiem fid-dinja tal-futur;
  - jipproteġi dawk il-lingwi li għax meqjusa mejta saru impossibbli li titgħallimhom, anke jekk tixtieq.

  *Raymond Facciol huwa Uffiċjal Edukattiv.*

**Frank Gatt**

- Wieħed jifhem li f'ċerti suġġetti mhux faċli ssib kotba bil-Malti. Kieku jkollna kotba bil-Malti fis-suġġetti kollha, allura wieħed jista' jkollu l-għażla li jista' jagħmel l-aħjar użu miż-żewġ lingwi.

- Nerġa' ngħid li xi suġġetti huma mgħallmin bl-Ingliż minħabba l-iskarsezza ta' kotba addattati bil-Malti. Ġusta jew le din hi r-realtà. Bla dubju dan jista' jnaqqas mill-prestiġju għal-lingwa tagħna. F'pajjiżi oħra dan ma jsirx.

- Hi verament ħasra li għadd ta' studenti moħħhom tajjeb jeħlu għax ma jifhmux l-Ingliż li biha tkun miktuba l-karta tal-eżami. Din trid tiġi rrimedjata mill-aktar fis possibbli. Mhux daqshekk diffiċli tagħmel karti bil-Malti, anke fil-Matematika u x-Xjenza, anke jekk isir *code switching* ta' ċerti termini.

- Ħasra li f'xi skejjel fil-ħajja tal-iskola l-Malti jidħol biss fil-lezzjoni tal-Malti. Hija mentalità kolonjali li qed tnaqqas, anke jekk inkonxjament, wirt li kulħadd għandu jgħożż u jkun kburi bih.

- Il-politika lingwistika tal-UE hija ċara daqs il-kristall. Il-Lingwa tagħtina identità: jekk ma nibżgħux għaliha aħna, dan ikun ifisser li nitilfu dak li jagħmilna Maltin u Għawdxin. Nitgħallmu lingwi barranin imma le nbarru lil min hu ta' ġewwa.

- SUĠĠERIMENT: Issa li ser ikun hemm eżamijiet orali, jien issuġġerejt li dawn isiru bil-Malti u bl-Ingliż fis-suġġetti li mhumiex eżaminati formalment: il-Matematika, ix-Xjenza u l-oħrajn kollha. B'hekk nassiguraw li dawn is-suġġetti jiġu mgħallma bl-aħjar mod possibbli bil-Malti u/jew bl-Ingliż kif tassew jixirqilhom.

*Frank Gatt huwa l-Prinċipal tal-Kulleġġ t'Għawdex.*

**Stephen Grima**

Il-Lingwa fl-Edukazzjoni Fiżika

Il-lingwa ssawwar lill-bniedem, tgħinu jifhem id-dinja ta' madwaru. Il-lingwa tinsab f'kuntest personali, soċjali u kulturali. Dawn iż-żewġ punti għandhom ikunu l-pern li fuqhom il-ħsieb għandu jimraħ.

- L-Edukazzjoni Fiżika fl-iskejjel statali hi mgħallma bil-Malti. Ħafna għalliema jħossuhom komdi jesprimu ruħhom bil-lingwa Maltija, għalkemm hemm eċċezzjonijiet.

- **Il-Livell Primarju**

  Fil-lezzjoni tal-edukazzjoni fiżika, l-għalliem jitkellem kważi esklużivament bil-lingwa Maltija. Iħoss li t-tfal jifhmu aktar u l-għalliem hu aktar komdu sabiex jesprimi ruħu bil-Malti. L-ambjent fis-settur primarju donnu jesiġi li kull tip ta' komunikazzjoni sseħħ bil-Malti. L-għalliem ħafna drabi joħloq logħob u eżerċizzji mingħajr ma jidħol fi kliem tekniku u għalhekk iħoss li jkun aktar faċli sabiex it-tfal jifhmu l-messaġġ u jkunu jistgħu jittrasformaw l-ispjegazzjoni f'attività fiżika.

  L-għalliem juża dak li Bernstein jirreferi għalih bħala r-*restricted code* u jipprova jinżel għal-livell tat-tfal u jimpurtah aktar minn kemm kien effettiv biex iwassal il-messaġġ. Aktar kemm it-tfal ikunu żgħar, aktar l-għalliem juża l-Malti u jitkellem b'lingwa sempliċi.

- **Il-Livell Sekondarju** (General)

  L-affarijiet qajla jinbidlu. L-għalliem jibqa' jinsisti li jitkellem bil-lingwa Maltija. Fil-Junior Lyceums jidher li kultant ikun hemm aċċenn għal-lingwa Ingliża għalkemm ġeneralment dan iseħħ fil-forma ta' *code mixing* b'taħlita ta' frażijiet bil-Malti u bl-Ingliż u xi kultant ta' kliem Ingliż li jitkissru bil-Malti.
  '*Pass the ball* u mur irċevih ħdejn il-marker ....'; 'ilbes il-bib il-blu'; 'ippassja l-ballun u iġri biex tagħti sapport'.
  F'dan il-każ kemm hu minnu li l-lingwa Maltija qed tintuża sabiex l-istudenti jifhmu aktar?

  Il-*code mixing* joħloq konfużjoni bejn il-lingwi u ma jgħinx lill-istudent jifhem aktar jew aħjar, anzi probabbilment joħloq konfużjoni f'moħħ l-istudent ukoll. L-għalliem irid ikun konxju wkoll li għandu responsabbiltà li jgħaddi messaġġ b'użu korrett tal-lingwa sabiex jiffaċilita l-iżvilupp ħolistiku. Hemm każi iżolati fejn għalliema jgħallmu predominantement bil-lingwa Ingliża għalkemm il-*code mixing* ma jonqosx hawn ukoll.

- PE Option
  Fil-lezzjonijiet tat-teorija hemm doża qawwija ta' kliem tekniku u l-lingwa Ingliża tidħol aktar. Hawnhekk il-*code mixing* u l-*code switching* iseħħu ħafna b'tal-ewwel tkun aktar frekwenti.

  Il-lingwa Ingliża tonqos ħafna ma' dawk it-tfal li ma jkunux għaddew għall-Junior Lyceum.

- Din id-distinzjoni bejn l-istudenti għandha tonqos. Kemm għal dawk l-istudenti li jeħtiġilhom jagħmlu eżami tal-Option bl-Ingliż, kif ukoll għal dawk l-istudenti li jattendu l-lezzjonijiet tal-General, l-għalliem għandu jassigura l-użu korrett tal-lingwa. Il-lingwa Ingliża għandha tkun il-lingwa li biha jseħħ it-tagħlim f'dan il-qasam.

- L-għalliem għandu juża l-lingwa b'mod korrett. Mhux aċċettabbli li wieħed jitkellem dwar jekk l-istudenti fehmux jew le. L-iżvilupp tal-lingwa jimxi id f'id mal-iżvilupp tas-suġġett u l-iżvilupp tas-suġġett għandu jsaħħaħ l-iżvilupp fil-lingwa. L-edukazzjoni fiżika għandha tkun mgħallma bl-Ingliż kif jistabbilixxi l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali. Dan m'għandux jeskludi *code switching* fejn l-għalliem jittraduċi b'użu korrett tal-Malti sabiex jiffaċilita l-fehim. Dan għandu jonqos hekk kif l-istudenti jifhmu aktar il-lingwa Ingliża. Dan mhux b'disprezz lejn il-lingwa Maltija. L-għażla tal-Ingliż fuq il-Malti għandha tittieħed biss min-natura tas-suġġett li hu mogħni bi kliem tekniku li qajla ssibhom fil-lingwa Maltija. Dan kemm fil-General – *wall pass*, *side line*, *loose ball* .... kif ukoll fl-Option – *carotid pulse*, *metatarsals*, *overload*....

- Numru mdaqqas ta' studenti jibqgħu batuti fil-lingwa Ingliża. Dan iseħħ għal bosta raġunijiet. L-għalliem
  - jista' jagħżel li jitkellem bil-Malti u għalhekk ma jiżviluppax il-lingwa fis-suġġett
  - jaf isibha bi tqila biex jitkellem bl-Ingliż. Kemm hu mħarreġ l-għalliem sabiex jgħallem il-kontenut bl-Ingliż u kemm hu fluwenti l-għalliem bl-Ingliż?
  - jista' jġib skuża li l-istudenti ma jifhmux kelma bl-Ingliż. Jekk ma jesponix lill-istudenti għall-kliem tekniku u għall-mod kif ħa jkunu eżaminati, l-istudenti ħa jibqgħu lura.

  Student jista' jkun li fehem il-kunċett fis-suġġett imma m'għandux abbiltà lingwistika li jesprimi ruħu bl-Ingliż. F'dan il-każ, il-mod ta' assessjar għandu jkun aktar formattiv u għandu jitnaqqas l-aċċenn fuq dak summattiv. L-għalliem għandu jwassal l-istudent biex jifhem is-suġġett imma għandu wkoll jagħti l-ħiliet bażiċi sabiex l-istudent ikompli jiskopri u jiżviluppa fil-qasam li hu jkun fehem. Il-mod ta' assessjar formattiv għandu jitwaħħad mal-ħtieġa li l-istudent jibqa' jitgħallem tul il-ħajja.

Għandna ngħinu lill-istudent mill-aħjar li nistgħu imma x'użu għandu li nkellmu lill-istudent bil-Malti u possibbilment infasslu karta tal-eżami bil-Malti jekk il-lingwa li tintuża fil-kotba u fis-siti elettroniċi hi l-Ingliż? Dan jgħodd għall-ħiliet li kull student għandu jibqa' jikseb tul il-ħajja. L-istudent ma tgħinux billi taqtgħu mir-realtà imma billi tgħinu jagħraf ir-realtà u jiżviluppa kemm fil-lingwa kif ukoll fis-suġġett.

- Il-Malti għandu jidħol dejjem sakemm ikun Malti ta' livell tajjeb u jgħin l-iżvilupp tas-suġġett. Bil-*code switching* il-Malti għandu rwol importanti biex jgħin lill-istudenti jirrinforzaw dak li jkunu tgħallmu bil-lingwa Ingliża. Is-sitwazzjoni fil-klassi trid tkun fluwida fejn l-għalliem jagħraf id-diffikultajiet li qed iħossu l-istudenti u jmexxihom għall-pass li jmiss kemm fil-lingwa kif ukoll fis-suġġett.

- L-Unjoni Ewropea tisħaq fuq il-multilingwiżmu. Fl-istess ħin ir-realtajiet ipoġġu l-Ingliż fuq nett bil-Franċiż u l-Ġermaniż isegwu mill-bogħod. Il-lingwa Maltija tagħtina identità bħala poplu u tidentifikana kulturalment u soċjalment. Madanakollu f'dinja dejjem aktar globalizzata u bil-miri ta' soċjetà msejsa fuq l-għerf dejjem aktar persistenti, l-użu ta' lingwi importanti li jgħinuna sabiex nibnu pont bejn Malta u l-bqija tad-dinja jsiru aktar fattwali. Irridu dejjem aktar nirrispondu għas-swieq tax-xogħol bi speċjalizzazzjonijiet li dan jirrikjedi.

Ħafna drabi, it-tagħlim tas-suġġetti fl-iskejjel jiddependi mill-għalliem innifsu. L-istudent għandu x'jiggwadanja jekk it-tagħlim iseħħ bil-lingwa li biha ħa jaqra fuq is-suġġett tiegħu u li biha ħa jkun eżaminat. M'għandux ikun l-għalliem individwali li jiddeċiedi jekk ikunx aħjar jekk jgħallem bil-Malti jew bl-Ingliż. Min isostni li l-aqwa li l-istudenti jifhmu, ikun qed jaħrab mir-realtà u jkun qed ixekkel il-progress kemm fil-lingwa kif ukoll fis-suġġett.

L-iskejjel għandu jkollhom politika aktar ċara f'dan il-qasam.

*Stephen Grima huwa l-Uffiċjal Edukattiv tal-Edukazzjoni Fiżika.*

**Mario Mallia**

Dawn il-ftit linji hawn isfel huma mnebbħa mill-esperjenzi tiegħi fil-qasam edukattiv, imħallta ma' kompetenza limitata fis-suġġett li jnaqqar mill-għarfien tiegħi ta' soluzzjonijiet aħħarija, imma fl-istess waqt xprunati dejjem minn imħabba lejn ilsien art twelidi. Imxejt mal-linji gwida ssuġġeriti mill-Kunsill biex ma ndurx mal-lewża. Jalla d-dibattitu jitkebbes.

- Filwaqt li jista' jkun hemm tentattiv uffiċjali biex fis-sistema edukattiva jkun il-każ li, iktar ma titla', aktar jonqos l-użu tal-Malti ġaladarba l-eżamijiet tas-SEC ħafna minnhom huma bl-Ingliż, ir-realtà taf tkun mod ieħor. Fl-iskejjel bi tfal fejn il-Malti huwa l-lingwa mitkellma d-dar, iktar ma jikbru, l-istudenti pjuttost jirreżistu l-użu tal-Ingliż u jaqilbu tista' tgħid kompletament għall-Malti, almenu għal dak li għandu x'jaqsam mat-taħdit. Fejn teżisti *policy* ta' immersjoni fl-Ingliż, din tkun kemxejn effettiva f'età żgħira. Lejn nofs is-sekondarja madanakollu, il-lingwa Maltija tieħu post l-Ingliż kważi b'mod eskużiv. Dan b'tali mod li anke l-lezzjonijiet li mingħalina qed isiru bl-Ingliż fil-fatt isiru bil-Malti bl-inklużjoni ta' kliem tekniku li jibqa' bl-Ingliż. Apparti l-kumdità tal-istudenti, din is-sitwazzjoni tista' tkun dovuta wkoll għall-fatt li mhux l-għalliema kollha huma komdi li jesprimu ruħhom bl-Ingliż. Dan jaqdef kontra dak mitlub mis-SEC li jitlob artikolazzjoni tajba tal-lingwa Ingliża għall-biċċa l-kbira tas-suġġetti. Fuq l-artikolazzjoni tal-Ingliż bil-kitba, is-sitwazzjoni qajla titbiddel tul l-esperjenza edukattiva; nibqgħu ninsistu mal-istudenti li jesprimu ruħhom bl-Ingliż.

  F'dan il-kuntest, tajjeb jingħad ukoll li l-eżamijiet tagħna għadhom wisq ankrati mal-komunikazzjoni bil-kitba bħallikieku meta niġu għall-assessjar, ilsienna jkollu jiżvinta biex nikkomunikaw biss bit-taħżiż fuq il-karta. Dan meta t-taħdit possibbilment huwa l-ingredjent l-iktar użat fil-lingwa fil-ħajja ta' kuljum. Veru, l-orali fl-assessjar qed jikber. Madanakollu, rajna d-dawl biss fit-tagħlim u assessjar tal-lingwa. Wasal iż-żmien li l-possibbiltà li l-orali tingħata wkoll f'oqsma oħrajn.

  Dan kollu jrid jiġi inkwadrat fil-kuntest tal-pedagoġija prevalenti fl-iskejjel tagħna. L-edukazzjoni tagħna għadha wisq mibnija fuq il-kontenut. Il-ħiliet jispiċċaw jitgħattnu taħt piramida ta' kontenut li ma tispiċċa qatt. Jaf li wisq lezzjonijiet għadhom mimlija bi 'treddin' tal-għalliema. L-istudenti jkollhom ċans jesprimu ruħhom jekk jifdal il-ħin. U t-tfal, min-naħa tagħhom, jirreżistu din is-sitwazzjoni billi jisfurzaw il-parteċipazzjoni feles tagħhom b'modi oħra li jispiċċaw itellfuhom il-qaleb u l-ġbejna. Dan ikun il-mod tagħhom kif jinterpretaw ir-rilevanza tal-ħin fil-klassi fuq is-sitwazzjoni li jkunu qed iġarrbu. Biex tkompi tgħaxxaqha, xi minn daqqiet, flok nindirizzaw is-sors tal-problema, inkomplu nħarrxu d-dixxiplina/tirfis taħt it-takkuna b'konsegwenzi mat-tfal li jkomplu jaljenaw lit-tfal mill-proċess edukattiv.

- Il-fatt li skont il-Kurrikulu, xi suġġetti huma bil-Malti waqt li oħrajn huma bl-Ingliż, tistħajlu tentattiv biex jinstab bilanċ fl-użu taż-żewġ lingwi. Forsi hija reazzjoni għall-punti mtennija iktar 'il fuq: jiġifieri li għal biċċa l-kbira tal-istudenti, iktar ma jikbru, iktar iħossuhom komdi li jesprimu ruħhom bil-Malti milli bl-Ingliż. Dan iwassal biex dawk is-suġġetti fejn l-istudenti huma l-iktar imħajra biex jesprimu ruħhom, isiru bil-Malti. Dan jgħaddi tliet messaġġi sottili:

   a. **Li hemm suġġetti fejn nistennew li l-istudenti jingħataw ċans ikbar li jesprimu ruħhom u f'oħrajn inqas.** Dan ifisser kważi rassenjazzjoni li l-parteċipazzjoni tal-istudenti ser tibqa' waħda dgħajfa. Ifisser ukoll li l-qabża kwalitattiva minn *teaching* għal *learning* (fil-Malti għandna kelma waħda biss – tagħlim) għadha ma seħħitx kif mixtieq. Il-proċess ta' tagħlim (*learning*) għandu jinvolvi l-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti. Il-proċess ta' internalizzazzjoni tal-għerf, jinkludi t-tentattiv ta' riinterpretazzjoni b'bixriet differenti u personali. It-tfal iridu jagħġnu l-għerf biex jagħmluh tagħhom, jagħmlu sens minnu u jiġġeneraw għerf ġdid. B'mod ġenerali iżda, dan il-proċess jaf li mhux qed jingħata biżżejjed ħin. Għadna wisq ikkakkmati ma' metodi li jagħmlu mir-rwol tal-għalliem magna taz-zalzett li ddeffes u tissikka d-dgħif u x-xaħam f'moħħ l-istudenti.

   b. **Li għadna nibqgħu nikkuntentaw b'sistema ta' eżamijiet li jmexxu l-proċess edukattiv minn imnieħru.** Is-SEC baqa' jikkundizzjona l-politika lingwistika tal-iskejjel flok ma jirriflettiha. Il-politika ta' assessjar għandha tiġi magħġuna fuq il-politika ta' tagħlim u mhux it-tagħlim jispiċċa skjav ta' eżami.

   c. **Li l-Malti huwa l-lingwa tal-'kċina'**; tajjeb għal ċerti oqsma tal-ħajja soċjali imma mhux għal oħrajn. Fl-oqsma l-oħra fosthom dawk tekniċi, il-Malti qisu m'hemmx postu. Din is-sitwazzjoni toffri wkoll sfida kulturali li taf taljena numru konsiderevoli ta' studenti li għalihom l-użu tal-Malti huwa eqreb milli huwa l-Ingliż. Filwaqt li huwa tajjeb li nagħmlu pressjoni biex intejbu dak li nistgħu nkunu batuti fih, irridu noqogħdu b'seba' mitt għajn li dan ma jservix ta' xkiel aħħari li jaqta' qalb it-tfal tagħna.

- Anke jekk ix-xafra tal-argument li, għadd ta' studenti moħħhom tajjeb jeħlu minn xi suġġetti għax ma jifhmux l-Ingliż taqta' minn żewġ naħat, naħa minnhom taqta' fil-laħam il-ħaj iktar mill-oħra.

  Mingħajr komunikazzjoni m'hemmx eżami. Il-lingwa bħala mezz ta' komunikazzjoni hija l-ħolqa bejn l-istudent u l-eżaminatur. Għal numru mdaqqas ta' tfal li jirnexxu fis-sistema edukattiva tagħna, dan skoll żgħir li jsibu rkaptu tiegħu f'ħakka t'għajn. Għal ħemel studenti oħra iżda, il-lingwa taf qed tkun dak il-ħajt inkejjuż li jxellef il-komunikazzjoni bil-kbir. Għal din it-tieni kategorija ta' studenti, dan il-ħajt iwassal għal falliment mill-eżami; gambetta tajba li xi wħud

qajla jqumu minnha. Ir-riżultat? Fuq kollox, hija daqqa ta' stallett emottiva. Terġa' u tgħid, jekk ma' dan iżżid l-aspett tal-artikolazzjoni tal-lingwa esklużivament jew kważi, permezz tal-kitba, l-istampa tkompli titgħajjeb. Jiżdied in-numru ta' tfal mitlufa tul it-triq. Il-possibbiltà ta' espressjoni orali u bil-lingwa preferita, mhux iktar tagħti ċans li l-istudenti jesprimu dak li jafu? Jewwilla mhux dan huwa l-iskop ta' eżami?

Isir l-argument li jekk l-eżamijiet isiru kollha bil-Malti, nitgħażżnu fl-użu tal-Ingliż. Titnissel il-biża' li nkunu qed naħarqu l-pont li jgħaqqad din l-art ħelwa mad-dinja. Din biża' li tifhimha. Fl-istess waqt iżda, il-fatt li numru ta' eżamijiet isiru bl-Ingliż ma jfissirx li t-tagħlim qed isir bl-Ingliż biex jiffaċilita l-esperjenza tal-eżami. Jixref rasu s-suspett li tas-SEC jipproponu u l-iskejjel jiddisponu. Biex mingħalina qed nimbuttaw l-Ingliż, inħassru l-possibbiltà ta' ħafna tfal li jirnexxu.

Bejn iż-żewġ argumenti, il-miżien għandu jxaqleb lejn il-jedd tal-istudenti li jesprimu ruħhom b'liema lingwa jixtiequ. Fl-istess waqt, biex jiġi indirizzat il-bżonn reali tal-Ingliż, dan jista' jkun **parti** mill-eżami. B'xi mod irridu naħsbu f'modi kif parti mill-eżami tinkludi wkoll assessjar tal-użu tal-lingwa Ingliża għal dik il-kompetenza li qed tiġi eżaminata mingħajr ma dan l-aspett ikun il-giljottina sistematika li tikkundanna l-istudent fuq l-eżami kollu.

Ma' dan, jiżdied ix-xenarju li joħroġ mir-riċerka ta' Mifsud li jindika li, min għandu diffikultà fl-użu tal-Ingliż, għandu wkoll diffikultajiet fl-użu tal-Malti u viċiversa. Dan jipponta lejn il-bżonn ta' titwila iktar bir-reqqa lejn it-tagħlim tal-lingwi b'mod ġenerali li jisboq id-diskors ta' lingwa partikolari. Jista' jkun li għadna rridu ninfatmu min-niċeċ li jifirduna bħala lingwi biex naraw xi proċessi komuni għandna bżonn nindirizzaw u nadottaw.

- Il-lingwa hija ingredjent essenzjali li jagħti sens ta' identità. Il-Malti huwa dak li jagħmilna uniċi f'kuntest globalizzat fejn min jiflaħ jibla' lill-kumplament. Fl-aħħar mill-aħħar li nibżgħu għal-lingwa tagħna huwa att politiku ċar. Li jkollok skejjel li jinjoraw l-obbligu li jrawmu l-ħiliet fil-lingwa tagħna huwa att kriminali li jiżola u jaljena lit-tfal soċjalment u kulturalment mill-komunità li għandhom ikunu parti minnha. Dan irawwem kumpless ta' superjorità vojta fil-konfront ta' dak kollu li huwa Malti li jfixkel l-iżvilupp b'saħħtu ta' identitajiet nazzjonali miftuħin għal xulxin. Jimmina wkoll is-sens inklużiv billi jdaħħal lill-istudenti fi sqaq mentali egoċentriku f'soċjetà li kulma tmur qed issir mogħnija b'diversità ikbar. Huwa biss b'għeruq sodi li l-possibbiltà ta' rispett lejn id-diversità jkun possibbli. Il-lingwa f'dan il-kuntest hija pern ewlieni.
- Il-politika ta' multilingwiżmu fl-Unjoni Ewropea hija ċara kristall. Ma ninsewx li l-Unjoni Ewropea għandha 23 lingwa uffiċjali. Jintefqu l-miljuni biex jiġi assigurat li kull lingwa tingħata l-importanza li jixirqilha f'kull istituzzjoni tal-UE. F'Mejju li

għadda, l-UE ħejjiet qafas biex jibda jsir xogħol ħalli kemm jista' jkun ċittadini tagħha jitgħallmu żewġ lingwi oħra apparti lsien twelidhom. Tħejja pjan ta' azzjoni li għalih l-istati membri ġew mitluba jikkontribwixxu b'rapport nazzjonali fuq l-implimentazzjoni. B'xorti ħażina, jidher li Malta naqset milli tibgħat il-kummenti tagħha lill-Kummissjoni. Hemm xi raġuni? F'Malta konvint li għandna ħafna prattika tajba li għandna naqsmuha ma' pajjiżi membri oħra, filwaqt li nieħdu l-okkażjoni li nitgħallmu mingħandhom.

Il-proġetti ta' skambji, fosthom ġemellaġġi, programmi Leonardo u Socrates speċifikament għat-tagħlim tal-lingwi, skambji għall-iskejjel fosthom Comenius, Erasmus u e-Twinning jimmiraw lejn għarfien u apprezzament tad-diversità, inkluż dik fil-lingwa. Il-motto tal-Unjoni ta' 'unità fid-diversità' jenfasizza dan il-punt.

Minn dan il-lat, jidher li l-iskejjel f'Malta huma attivi ħafna billi numru konsiderevoli ta' skejjel qed ikunu involuti f'dawn il-programmi. Mil-lat lingwistiku, dawn l-iskambji jżidu l-apprezzament ta' lsienna qalb l-istudenti tagħna u jagħmluhom kburin bih.

Ta' min jgħid ukoll li s-sistema tagħna hija konformi wkoll mal-pjan ta' azzjoni biex it-tagħlim tat-tieni lingwa jinbeda mill-inqas mat-tielet sena tal-primarja.

Issir ukoll enfasi fuq il-bżonn ta' għarfien ta' lingwi ta' komunitajiet immigranti. Forsi fuq dan l-aspett għadna ftit lura frott is-sens ta' assedju li nibet fil-psike nazzjonali li ma jħalliniex nesploraw ir-rikkezzi anke lingwistiċi li jġibu magħhom l-immigranti.

*Mario Mallia huwa Kap ta' skola sekondarja.*

**Victor Martinelli**

- Il-fehma li fis-sistema edukattiva tagħna, iktar ma titla' iktar jonqos l-użu tal-Malti u jissaħħaħ dak tal-Ingliż hija korretta. Insostni li filwaqt li l-użu tal-Malti għandu jibqa' għal dak li hu diskors wiċċ imb wiċċ ta' kuljum u li għandu postu wkoll fit-tagħlim, wieħed ma jistax jinjora l-użu ta' lingwa internazzjonali bħall-Ingliż li tagħtina aċċess mhux biss għall-kotba u pubblikazzjonijiet numerużi imma li permezz tagħha nitħarrġu fil-*medium* ta' komunikazzjoni bl-Ingliż li sar kważi l-lingwa franka Ewropea u anki, f'ċerti każi, dinjija. Madankollu, wieħed irid ikompli jsaħħaħ l-użu tal-Malti f'fora interni minħabba, jekk xejn iktar, identità nazzjonali.

- L-użu tal-Ingliż huwa bażiku għal dik li hija teknoloġija fis-sens wiesa' tal-kelma u jekk wieħed ma jkunx kapaċi f'din il-lingwa jkun qiegħed jinqata' minn sors ta' għerf, jew jekk ma jinqatax, ikun qed idaħħal ostakolu għal ċerti oqsma ta' tagħlim. Għalhekk naqbel li f'ċerti oqsma, l-użu tal-Ingliż għandu jiġi mħarreġ. Nifhem iżda, li l-Malti għadu jżomm postu wkoll u li waħda ma ssirx għad-detriment tal-oħra.

- Ma naħsibx li l-istudenti għandhom jiġu ppenalizzati minħabba defiċenza fil-*carrier language* għalkemm nisħaq li l-użu tal-Ingliż fit-teknoloġija partikolarment huwa importantissimu. Milli naf mis-sistema tal-eżamijiet, normalment, studenti ma jiġux ippenalizzati fuq il-lingwa.

- Ma naqbilx li fil-ħajja tal-iskola l-Malti jidħol biss fil-lezzjoni tal-Malti u nħoss li għandu jkun il-lingwa franka flimkien mar-riżors tal-Ingliż f'bilanċ sħiħ.

*Dr Victor Martinelli huwa għalliem fil-Fakultà tal-Edukazzjoni, l-Università.*

**Charles L. Mifsud**

Jien nemmen bis-sħiħ li:

- Kull tifel u tifla għandhom id-dritt għal edukazzjoni sħiħa li tagħraf x'inhuma l-bżonnijiet tagħhom u tfittex li twassalhom għall-milja tal-iżvilupp personali, soċjali, intellettwali u emozzjonali tagħhom. Dan huwa dritt bażiku.
- Dan id-dritt hu ta' kull tifel u tifla irrespettivament mill-kapaċitajiet lingwistiċi tagħhom kemm fil-Malti, kemm fl-Ingliż jew f'xi lingwa oħra. Dan huwa dritt rikonoxxut mill-UE anke fejn jidħlu l-lingwi inqas mifruxa.
- Għandu jsir dak kollu possibbli sabiex it-tfal jingħataw l-aħjar edukazzjoni bil-lingwa/i li jġibu magħhom mid-dar u bil-lingwa/i li bihom iħossuhom l-iżjed komdi. Għandhom jiġu pprovduti l-għalliema mħarrġa b'mod xieraq, il-faċilitajiet u r-riżorsi li jistgħu jwasslu għal dan.
- M'hemmx għalfejn u mhux sewwa li jonqos l-użu tal-Malti iktar ma titla' fis-sistema edukattiva tagħna. Nemmen li l-Malti jista' jaqdina f'kull livell edukattiv u f'kull qasam tal-għerf.
- Hu artifiċjali u inġust, kemm għal dawk li jmexxu iżjed bil-Malti u kif ukoll għal dawk li jmexxu iżjed bl-Ingliż, li ġie deċiż li xi suġġetti tal-Kurrikulu jsiru bil-Malti u oħrajn bl-Ingliż. Il-politika u l-prattika f'dan il-qasam għandhom jitmexxew mill-bżonnijiet tat-tfal.
- Mhux sew li xi tfal jaqgħu lura għax ma jkunux jistgħu juru l-ħiliet tagħhom minħabba l-lingwa li tkun miktuba biha l-karta tal-eżami. Irridu niżguraw li l-assessjar u l-karta tal-eżami jkunu bil-lingwa li t-tifel/t-tifla jħossuhom l-iżjed komdi biha u li permezz tagħha jistgħu juru l-ħiliet tagħhom bl-aħjar mod.
- Għad baqa' ħafna xi jsir sabiex il-Malti jieħu l-vera post tiegħu. Sinċerament nemmen li għalkemm jintqal ħafna, għadna 'l bogħod milli naraw il-Malti bħala lingwa ħajja u versatili li tintuża kemm bħala mezz ta' komunikazzjoni ta' kuljum u kif ukoll fl-oqsma diversi tal-ħsieb u tal-għerf.
- Dan jista' jsir biss jekk mill-paroli ngħaddu għall-azzjoni u niżguraw li jkun hemm ir-riżorsi meħtieġa sabiex tassew il-Malti jsir għodda effikaċi fil-ħajja moderna u jlaħħaq mal-iktar żviluppi riċenti fil-mezzi moderni tal-komunikazzjoni u tat-teknoloġija. Diġà ġie ppruvat li dan jista' jsir imma hemm bżonn ta' ħafna iżjed sostenn.
- Dan kollu jrid isir lil hinn minn kull forma ta' preġudizzju lejn lingwa jew oħra u lejn dawk li jitkellmuha. Għandu jkun hemm għarfien sħiħ tal-importanza kemm tal-Malti u kif ukoll tal-Ingliż fil-ħajja Maltija.

*Prof. Charles L. Mifsud jaħdem fil-Fakultà tal-Edukazzjoni, l-Università.*

**Mary Rose Mifsud**

1. Il-bilingwiżmu tal-Malti u l-Ingliż hu parti mill-personalità tal-Maltin. Dawk li rnexxew barra minn pajjiżna għamlu dan mhux għax kienu jiddubbaw bl-Ingliż iżda għax kienu jipposseduh. Matul is-snin l-Ingliż tana vantaġġ enormi fuq popli oħra li jgawdu ħafna iżjed vantaġġi minna f'oqsma oħra.
2. Jeħtieġ li dan id-don inżommuh u nkattruh.
3. Għal dan il-għan hemm bżonn li l-aħjar imħuħ li għandu l-pajjiż fil-Malti u fl-Ingliż jaħdmu flimkien fuq pjan nazzjonali tal-lingwa.
4. Dan il-pjan għandu jkollu s-sapport politiku, jekk jista' jkun anki s-saħħa tal-liġi.
5. Għandu jkun hemm Kunsill Nazzjonali għal-Lingwa li jinkorpora fih il-Kunsill tal-Malti u ieħor daqsu tal-Ingliż.
6. Kull skola għandu jkollha l-istrateġija lingwistika tagħha, però din trid tkun inkwadrata fil-politika u l-pjan tal-pajjiż.
7. Għandna mhux biss nimmiraw għal bilingwiżmu bbilanċjat iżda għandna wkoll noħolqu strateġiji għall-fertilizzazzjoni bejn iż-żewġ lingwi u għal dak li ġie msejjaħ fil-kummenti 'il-kontinwità bejn il-lingwi'.
8. Kwalunkwe pjan uffiċjali għandu jkun kemm jista' jkun komprensiv (i.e. jmur 'l hemm mill-iskejjel) u jħares lejn dawk id-diversi sorsi li l-aktar qed jinfluwenzaw il-lingwa.
9. Dan il-pjan għandu jinkludi monitoraġġ sħiħ biex ma nħallux kollox għal riħu.
10. Jeħtieġ li jingħataw ir-riżorsi neċessarji marbutin mal-kundizzjoni li wieħed jagħti rendikont (f'sens ta' riżultati) tagħhom.

*Mary Rose Mifsud hija eks-Direttur tal-Edukazzjoni.*

**Maria Montebello**

Ilsienna: "Maltija kienet l-ewwel kelma"

L-idea li aħna bilingwi hi pjuttost falza. L-Ingliż u l-Malti huma lingwi sekondarji skont l-individwu. Ftit huma dawk li huma kapaċi jgħixu u jaħsbu biż-żewġ lingwi b'mod mexxej.

Minkejja kollox dan ma jeskludix il-ħtieġa li nkunu nafu t-tieni, it-tielet jew ir-raba' lingwa. Dan jaqdina għall-fatt li niddependu minn pajjiżi oħrajn fl-ekonomija tagħna.

Is-sistema edukattiva tpoġġina dipendenti għalkollox mill-Ingliż u dan narawh mil-livell sekondarju u terzjarju fejn bosta suġġetti fosthom il-Matematika, il-Fiżika, il-Kimika, il-Bijoloġija, il-Ġografija, il-Filosofija u l-Psikoloġija qegħdin ikunu mgħallma bl-Ingliż. Dan hu fattur ewlieni għaliex bosta studenti mhumiex jikkommettu ruħhom li jkomplu dan is-suġġett. Student Taljan irid jaffronta l-problema tal-Matematika bit-Taljan, mentri student Malti jrid jaqbeż l-ostaklu tal-Ingliż qabel ma jkun kapaċi jasal għall-konklużjoni tal-problema matematika.

Il-problema kruċjali tagħna hi l-finanzi. Sabiex il-Malti jkun tassew ilsien uffiċjali nemmen li jrid ikollna r-riżorsi ta' kotba, *flashcards*, *charts*, CDs bil-Malti.

Bosta studenti jeħlu mill-Matematika għax ma jkunux jifhmu sew bl-Ingliż. Ma nħossx li bniedem għandu jkun ippenalizzat fis-suġġett tal-Matematika minħabba li jħossu dgħajjef fl-Ingliż. Il-problema ser tkun it-termini ġodda tal-Matematika użati fil-Malti. Sakemm ikunu introdotti ser jinħassu strambi, imma l-użu kontinwu tagħhom jagħmilhom familjari u biż-żmien jindraw ukoll. Ma rridux ninsew li l-lingwa tinħoloq mill-poplu u mhux mill-grammaturgi.

Min-naħa l-oħra jista' jagħti l-każ li f'xi skejjel tinħass predominanza tal-Malti. Nemmen li l-lingwi għandhom ikunu introdotti b'mod kreattiv, wiri ta' DVDs, wiri ta' reklami ta' prodotti li jolqtu lill-etajiet differenti b'lingwi differenti, smigħ ta' kant u wiri ta' żfin folkloristiku. Jinħtieġ ngħallmu lil uliedna jgħożżu kulturi differenti l-ewwel u mhux nimponu fuqhom regoli grammatikali. Dawk bżonjużi wkoll imma jiġu wara li tkun esponejt u ħajjart lill-istudenti jsiru kurjużi biex jitgħallmu aktar.

F'pajjiż bħal tagħna wasal iż-żmien nindirizzaw sitwazzjonijiet ġodda. Irridu strutturi li jaqdu l-lingwa *vis-à-vis* studenti b'diffikultajiet biex jitgħallmu, bi problemi fl-imġiba, studenti li sabu ruħhom f'sitwazzjonijiet familjari li qed iġorru problemi ta' kuljum l-iskola u li qed ibarruhom milli jitgħallmu.

*Maria Montebello hija aġent Kap ta' skola primarja.*

**Frank Muscat**

Il-qagħda tal-Malti

Naħseb li wasal iż-żmien li l-awtoritajiet jibdew jaħsbu serjament biex il-kotba tas-suġġetti tax-Xjenza, tal-Matematika, l-Ekonomija u suġġetti kummerċjali li jintużaw fl-iskejjel bħala testi jinkitbu jew jiġu tradotti għall-Malti ħalli l-istudenti ma jkollhomx bżonn jieħdu kedda biex jifhmu kunċetti xi minn daqqiet tqal b'lingwa li mhix tagħhom. Kull wieħed u waħda minna nafu tfal li huma tajbin ħafna fil-Matematika u fl-Osservazzjoni Xjentifika imma jsibu dawn is-suġġetti tqal għaliex il-kompetenza tagħhom fl-Ingliż ma tkunx fuq l-istess livell tal-kompetenzi matematiċi u xjentifiċi, u għalhekk ma jkunux jistgħu jifhmu xi jridu jagħmlu jew jiżbaljaw għax ikunu fehmu l-istruzzjonijiet ħażin. Jekk tippermettuli analoġija, qisu xi ħadd qiegħed jorganizza tellieqa u lil wieħed jgħidlu, 'Trid terfa' kantun tul it-tellieqa' u lill-ieħor jgħidlu, 'Int terfa' xejn ħalli tkun komdu'. Ma naħsibx li din hi sitwazzjoni ġusta. Anzi hi sitwazzjoni li toħloq frustrazzjoni fost it-tfal. Żgur li ma tgħinx biex kull tifel jew tifla tirnexxi. Wasal iż-żmien li l-karti tal-eżamijiet tas-suġġetti, apparti l-lingwi barranin, għandhom ikunu bil-Malti u bl-Ingliż, ħalli l-inklużjoni f'pajjiżna ma tkunx kelma fiergħa użata għall-konvenjenza.

Hemm min iġib l-argument li jekk il-maġġor parti tal-kotba li jintużaw fl-iskejjel ikunu miktuba bil-Malti, allura l-livell tal-Ingliż ikompli sejjer lura. L-ewwel nett, min joħroġ b'dawn l-istqarrijiet ma jforni l-ebda statistika li tikkonferma li l-istandards ta' kompetenza fl-Ingliż tat-tfal tagħna ddgħajfu jew sejrin lura bħal granċ, bħalma qiegħed jiġi allegat. Barra minn dan, il-kuntatt mal-Ingliż irid ikun beda ferm qabel ma t-tifel jew it-tifla jkunu qegħdin jaqraw il-kotba tal-bijoloġija jew tal-kimika biex jiġi żgurat li l-ħiliet lingwistiċi jiġu żviluppati.

Imbagħad issib min iġib argument ieħor – dak li aħna bilingwi u għalhekk xieraq li l-kotba li jintużaw l-iskola jkunu miktubin bl-Ingliż. Għalkemm dan l-argument hu sa ċertu punt validu, ma ninsewx li hemm forom u livelli differenti ta' bilingwiżmu. Barra minn dan, naħseb li mhux sewwa li ngħidu li kulħadd hu bilingwi f'Malta u Għawdex. Hemm ħafna li huma monolingwi fil-Malti u ftit li xejn iħossuhom komdi meta jiġu biex jifhmu l-Ingliż mitkellem jew miktub. Dawn iridu jiġu rrispettati jekk irridu nipprattikaw il-prinċipju tal-inklużjoni.

Hawnhekk nixtieq inżid li mhix prassi tajba li f'intervisti għall-postijiet mal-Gvern li ma jkunux marbuta ma' speċjalizzazzjoni fl-Ingliż, il-membri tal-Bord tal-Għażla jistaqsu bl-Ingliż u jistennew li tirrispondi bl-Ingliż. Veru li min ikun imlaħħaq u jkollu livell għoli tal-edukazzjoni jkun kapaċi jitkellem bl-Ingliż f'pajjiżna. Biss mhux kulħadd għandu l-istess kompetenza fl-Ingliż. Wara kollox, għala m'għandux wieħed jitkellem bil-Malti u b'hekk iħossu iżjed komdu biex ikun jista' jaqta' figura aħjar u jkollu ċans aħjar li jakkwista xogħol jew promozzjoni? Din il-prassi tmur kontra l-inklużjoni, u tivvantaġġja lil min għandu kompetenza ikbar fl-Ingliż.

Bħala Maltin, irridu nkunu kburin bil-lingwa tagħna li hi parti ewlenija tal-identità tagħna u wieħed mill-modi kif nistgħu nuru dan hu li nipprovaw nużaw il-Malti meta nkunu mal-Maltin u nżommu ruħna aġġornati ma' kull deċiżjoni fuq il-Malti li ttieħdet mill-Kunsill Nazzjonali tal-Malti. Issib min bilkemm ma jitkażax bik jekk tibgħatlu ittre bil-Malti. Mill-esperjenza tiegħi nista' ngħid li hemm persentaġġ mhux ħażin ta' nies imlaħħqa li kif tgħidilhom jiktbu xi ħaġa bil-Malti qisek sparajtilhom u malajr jaqtgħu qalbhom. Ir-raġuni hija li tant ikunu draw jiktbu ittrejiet, rapporti u dokumentazzjoni varji bl-Ingliż li ma jibqgħux iħossuhom komdi jiktbu bil-Malti.

Din hija kwistjoni ta' mentalità, ta' kultura u ta' drawwa. S'issa għadha l-prassi li ħaddiema fis-Servizz Ċivili jużaw l-Ingliż meta jiktbu lil xulxin u lis-superjuri tagħhom fuq livell personali u professjonali. Dan jgħodd mhux biss għall-ittrejiet iżda jgħodd ukoll għall-messaġġi bil-mowbajl. Issa li l-Malti ġie rikonoxxut bħala lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, tkun veru ħasra li ma nagħmlux ħilitna biex intejbu l-qagħda tal-Malti f'pajjiżna.

Fl-aħħar, nixtieq nitkellem fuq it-tħassib ta' ħafna ħbieb personali u kollegi tiegħi li ma tantx qablu ma' xi wħud mid-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kunsill Nazzjonali tal-Malti. Iħossuhom li qishom iridu jerġgħu jitgħallmu l-Malti mill-ġdid. Veru li s-sitwazzjoni hi kumplessa għax l-ortografija fil-Malti bħal lingwi oħra timxi fuq diversi prinċipji, u mhux faċli li tikkonvinċi lil kulħadd li ċerti bidliet saru fl-interess tas-sempliċità, konsistenza u kumdità għal min jikteb bil-Malti.

Dwar il-kelmiet li l-Malti qed jissellef mill-Ingliż, żgur li kulħadd jaqbel li l-kelmiet li l-Malti ssellef mill-Ingliż, speċjalment fl-oqsma tat-Teknoloġija u x-Xjenza qed jgħinu l-Malti jistagħna u jadatta ruħu aħjar għall-bidliet li qed isiru madwarna. L-adattabilità tal-Maltin għar-realtajiet ta' madwarhom ikkaratterizzat il-poplu tagħna matul iż-żminijiet. Nifhem li wieħed mill-għanijiet tal-Kunsill Nazzjonali tal-Malti għandu jkun li kelmiet li nieħdu mill-Ingliż u lingwi oħra nadattawhom għall-grammatika u l-fonoloġija tal-Malti.

Jien nemmen li x-xogħol li qiegħed jagħmel il-Kunsill Nazzjonali tal-Malti ser iwassal biex jinstabu soluzzjonijiet ċari u aċċettabbli fit-tfassil ta' regoli tal-kitba tal-Malti ħalli kull min irid jikteb bil-Malti jħossu komdu u ma jiddejjaqx jikteb u jitkellem bl-ilsien ta' art twelidu.

*Frank Muscat huwa Uffiċjal tal-Edukazzjoni – Ingliż.*

**Anthony Sammut**

Fis-sistema edukattiva tagħna, l-ilsien Malti ma jingħatax l-importanza li jingħata l-Ingliż, minkejja li huwa l-ilsien nazzjonali u wieħed mill-ilsna uffiċjali. Fil-livelli differenti tas-sistema edukattiva, l-aktar fil-livell sekondarju u postsekondarju, jinħass sew l-iżbilanċ fl-użu taż-żewġ ilsna, bl-użu tal-Ingliż jibqa' jingħata importanza akbar. Naturalment, mhux bilfors għandu jkun hekk, il-Malti wkoll huwa għodda effettiva ta' tagħlim. Is-sistema edukattiva, jekk ma tagħrafx tisfrutta l-potenzjal tas-sitwazzjoni lingwistika ta' pajjiżna, bħala pajjiż bilingwi, tkun qed tonqos milli tissodisfa l-ħtiġijiet soċjali taċ-ċittadini tagħna.

Skont il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (2000), iż-żewġ ilsna uffiċjali għandhom jaqdu funzjoni partikolari:

- Fil-livell primarju, l-Ingliż jintuża fit-tagħlim tal-Ingliż innifsu, kif ukoll fit-tagħlim tal-Matematika, ix-Xjenza u t-Teknoloġija, il-bqija tas-suġġetti bil-Malti.
- Fil-livell sekondarju, l-għalliema tal-ilsna jgħallmu bl-ilsien tas-suġġett tagħhom. Il-bqija tas-suġġetti l-oħra huma mgħallma bl-Ingliż, għajr għall-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon u l-Iżvilupp Personali u Soċjali (PSD), li jiġu mgħallma bil-Malti.
- L-użu tal-*code switching* (meta l-għalliem jew l-istudent jaqleb minn lingwa għal oħra bl-iskop li jfiehem jew li jifhem aħjar) jintuża biss kull meta l-użu tal-Ingliż jew tal-Malti jkun ta' xkiel għall-istudenti.

Din is-sistema, fejn ċerti suġġetti importanti bħall-Matematika, ix-Xjenza u t-Teknoloġija, huma mgħallma bl-Ingliż, tista' tiffavorixxi lil xi wħud mill-istudenti waqt li tinjora għalkollox lil oħrajn. Aktar minn hekk, din is-sistema tiddiskrimina kontra r-rwol li jista' u għandu jkollu l-ilsien Malti, kemm bħala lsien nazzjonali u kemm bħala lsien uffiċjali, bil-konsegwenza li l-Ingliż jibqa' meqjus bħala l-ilsien ta' prestiġju.

Ngħidu aħna, bosta huma dawk l-istudenti li, minkejja li jkollhom moħħhom tajjeb, jeħlu minn xi suġġett partikolari proprju għax ma jifhmux l-Ingliż li bih tkun miktuba l-karta tal-eżami. Dan imur kontra kull prinċipju ta' assessjar. It-test miktub m'għandux għalfejn ikun assessjat (sakemm ma jkunx xi eżami tal-lingwa), l-enfasi għandha tkun fuq ir-riżultati miksuba.

Kieku kellna naħsbu ftit fuq possibbiltajiet differenti ta' metodi ta' assessjar, bħal fil-każ ta' eżamijiet orali, jekk mhux ukoll bl-użu tal-lingwa nattiva, wisq probabbli t-tweġibiet tal-istudenti jkunu wkoll differenti. Dan m'għandux jgħodd biss fil-każ tal-assessjar tal-lingwi, anzi, ċerti suġġetti oħra, bħall-Istudji Ambjentali u r-Reliġjon, ukoll nistgħu nassessjawhom permezz ta' eżami orali. Fil-kuntest lokali, qatt daqs illum ma ngħatat daqstant importanza l-lingwa mitkellma. Hu proprju għalhekk li l-politika tat-transizzjoni tal-istudenti mill-primarja għas-sekondarja għandha l-għan li timbotta 'l quddiem il-ħiliet tat-taħdit. Jekk din tidħol fis-seħħ, inkunu għamilna pass ieħor 'il quddiem fis-sistema edukattiva ta' pajjiżna.

Jekk tabilħaqq nemmnu fil-prinċipji kurrikulari, fosthom il-ħtieġa li nirrispettaw id-diversità, il-politika tal-inklużjoni u t-tisħiħ tal-bilingwiżmu, għaliex m'għandniex noħolqu karti ta' eżamijiet b'lingwi differenti? X'fiha ħażin li student jagħti tweġiba bil-Malti waqt eżami tal-Ġografija jekk l-iskop tal-eżami mhuwiex wieħed lingwistiku? Tabilħaqq, hemm bżonn li dawn il-mistoqsijiet nibdew nindirizzawhom.

Min-naħa l-oħra, wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll ir-rwol tal-Kulleġġi fit-tħaddim tal-politika tal-ilsna uffiċjali. Saħansitra, il-Kurrikulu attwali jitkellem dwar kif kull skola sekondarja għandha toħroġ bil-politika tagħha dwar l-ilsna uffiċjali. Għaldaqstant, huwa d-dmir ta' kull Kulleġġ li jagħti stampa ċara tal-qagħda ġenerali tal-iskejjel tiegħu f'dan is-settur u liema strateġiji għandhom jintużaw biex jitjieb it-tagħlim tal-ilsna fl-iskola li tkun, inkluż l-ilsna uffiċjali. Ngħidu aħna, l-enfasi tista' tkun fuq:

- Strateġiji pedagoġiċi,
- Sistemi effettivi ta' assessjar, u
- Programm rimedjali.

Il-ħajja skolastika, flimkien ma' dik tal-komunità li tagħmel parti minnha, tagħti lok għal ħafna opportunitajiet ta' tagħlim, kemm formali, informali u mhux formali. F'xi skejjel, biex jintlaħaq dan l-iskop, l-użu tal-Malti hu b'saħħtu, iżda f'xi skejjel oħra, post il-Malti huwa biss fil-lezzjoni tal-Malti. Il-Kurrikulu attwali, pereżempju, jisħaq fuq il-ħtieġa li t-tfal, sa mill-ewwel snin tal-edukazzjoni bikrija, fil-livell tal-kinder, jitgħallmu jużaw tajjeb il-lingwa Maltija, waqt li fl-istess ħin jibdew jakkwistaw għarfien tal-lingwa Ingliża, iżda r-realtà f'ċerti skejjel turina mod ieħor. F'dan il-perjodu bikri tal-edukazzjoni, diġà nsibu numru ta' skejjel li jagħfsu l-aktar fuq l-Ingliż, jekk ma jwarrbuhx għalkollox il-Malti. Hemm imbagħad skejjel oħra, f'dan l-istess livell, fejn l-użu tal-Malti jinsab biss fil-periferija tal-attivitajiet tat-tagħlim. Attivitajiet li huma ta' aktar importanza bħal, ngħidu aħna, waqt ir-rakkuntar tal-istejjer, wiri ta' films, għanjiet u taqbiliet, l-Ingliż jieħu preċedenza. Wieħed ma jistax jinjora l-fatt li f'Malta stess kellna wkoll xi skejjel li kienu jikkastigaw lill-istudenti tagħhom jekk jitkellmu bil-Malti! X'għajb!

Il-qabża li hemm bżonn nagħmlu hi wkoll waħda ta' mentalità. Fil-qasam tal-ekonomija tal-għarfien, id-diversità lingwistika hija waħda mill-vantaġġi ewlenin tal-Ewropa. Fil-fatt, id-diversità lingwistika hija wieħed mill-fatturi li jiddistingwu lill-Unjoni Ewropea. Ir-rispett lejn id-diversità tal-lingwi tal-Unjoni Ewropea huwa prinċipju fundamentali tal-Komunità Ewropea. Fid-dawl ta' dan kollu, il-politika lingwistika tal-Unjoni Ewropea tinsisti li, fuq il-bażi tal-ilsien nattiv u nazzjonali, jinbena l-għarfien tal-ilsna l-oħra. Din hija l-politika li titħaddem fil-pajjiżi Ewropej u din għandha tkun il-filosofija tas-sistema edukattiva ta' pajjiżna li tqarribna lejha.

*Anthony Sammut huwa l-Prinċipal tal-Kulleġġ San Nikola u lettur fil-Fakultà tal-Edukazzjoni.*

**Karl Scicluna**

- Fil-fehma tiegħi, irridu nżommu quddiem għajnejna l-kwadru usa' tal-kurrikulu sħiħ tal-iskejjel. Is-sistema edukattiva tagħna hija mgħobbija b'ħafna suġġetti akkademiċi, u billi l-istudenti huma mistennija li jersqu għall-eżami tas-SEC fl-aħħar tal-ħames klassi tas-sekondarja, fil-parti l-kbira tas-suġġetti li jistudjaw, biex ma ngħidx tas-suġġetti kollha, l-orarju tal-istudenti huwa ppakkjat b'lezzjonijiet akkademiċi. L-Ingliż u l-Matematika jieħdu l-akbar ammont ta' sigħat fil-programm tal-ġimgħa minħabba l-importanza u t-'toqol' tagħhom.

- Sfortunatament, fil-perspettiva tal-istudenti (biex ma ngħidx ukoll tal-ġenituri u l-għalliema) il-Malti huwa meqjus wieħed mis-suġġetti l-'ħfief'. B'riżultat ta' din il-mentalità l-istudenti ħafna drabi jagħtuh inqas attenzjoni u importanza. In-numru relattivament żgħir ta' lezzjonijiet fil-ġimgħa li għandu l-Malti huwa rifless ta' din il-mentalità. Ir-riżultat huwa li qed ikollna ħafna studenti li, minkejja li jirnexxilhom jitkaxkru mill-eżami tas-SEC tal-Malti, qed jiktbu Malti ortografikament żbaljat u sintattikament ħażin. Biex ma nsemmux ukoll in-nuqqas ta' apprezzament tal-letteratura Maltija, li ħafna drabi jqisuha żejda.

- Għaldaqstant il-problema naraha waħda 'utilitarja': ġaladarba s-sistema edukattiva hi li hi, u s-sigħat tal-istudenti fl-iskola huma li huma, minn liema suġġett/i se naqbdu nnaqqsu l-lezzjonijiet biex inżiduhom mal-Malti? Jiena nemmen li t-tagħlim tal-Malti jeħtieġ jissaħħaħ, anke billi jiżdidulu s-sigħat (għalkemm il-problema mhijiex biss waħda kwantitattiva imma wkoll kwalitattiva), iżda rridu noqogħdu attenti ħafna li fil-proċess ma nkomplux indgħajfu t-tagħlim tal-Ingliż li neħtiġuh ħafna.

- Fil-livell universitarju, l-użu tal-Malti jkompli jonqos u jintuża l-aktar, biex ma ngħidx biss, f'dawk it-taqsimiet ta' studju li huma b'xi mod marbutin mal-lingwa Maltija. Huwa fatt stabbilit li l-istudenti kollha tal-Università għandu jkollhom ħakma eċċellenti tal-Ingliż. Naqbel perfettament li l-Ingliż ikun fost is-suġġetti rekwiżiti għad-dħul f'kull tarġa tal-edukazzjoni, u anke fl-Università.

- Però, ma rridux ninsew li aħna lkoll Maltin u li l-Malti huwa parti mill-identità tagħna. Jidhirli li tkun ħaġa tajba li kieku l-akkademiċi Maltin jagħtu kontribut lil nieshom u lil pajjiżhom billi jiġu żviluppati terminoloġija u idjoma akkademika Maltija. Wara kollox, hija l-Unjoni Ewropea stess li għażlet il-Malti bħala lsien uffiċjali tagħha u tiżgura li kull dokument tagħha jinqaleb għall-Malti.

- ♦ Il-kompetenza tat-tfal tagħna fl-ilsien Malti hija ħafna ikbar mill-kompetenza tagħhom f'ilsna oħra, inkluż l-Ingliż. Dan wieħed malajr jifhmu billi l-Malti huwa l-ilsien matern. Għaldaqstant suġġetti bħall-Malti, l-Istudji Soċjali, u r-Reliġjon għandhom ħafna x'jiggwadanjaw mill-fatt li huma mgħallma bil-Malti. Fil-fatt, mill-esperjenza tiegħi bħala għalliem nista' ngħid li dawn is-suġġetti huma fost l-aktar popolari mal-istudenti Maltin.

- ♦ Min-naħa l-oħra, l-Ingliż huwa meqjus bħala suġġett kemxejn iebes, u għalkemm huwa fost is-suġġetti li l-istudenti l-aktar li jeħlu fihom, kemm fil-livell primarju kif ukoll f'dak sekondarju, dan l-element ta' sfida li hemm marbut mal-Ingliż iżidlu mhux ftit il-prestiġju fost l-istudenti li jirnexxilhom iġibuh fl-eżamijiet tagħhom. Akbar mhi l-isfida, akbar huwa l-prestiġju. L-istess jista' jingħad għas-suġġetti li huma mgħallma bl-Ingliż.

- ♦ Għal din ir-raġuni nħoss li, sa ċertu punt, l-Ingliż igawdi vantaġġ fuq il-Malti minħabba li għadd ta' suġġetti huma mgħallma b'dan l-ilsien. Naħseb li wasal iż-żmien li suġġetti bħall-Matematika u x-Xjenzi li, fl-aħħar mill-aħħar, mhuma marbuta mal-ebda lingwa, għandhom jibdew ikunu mgħallma bil-Malti, bħalma wkoll il-karti tal-eżamijiet tagħhom għandhom ikunu bil-Malti, jew għall-inqas biż-żewġ lingwi għall-perijodu ta' tranżizzjoni.

- ➢ L-istudenti t-tajbin, speċjalment dawk li għandhom ħakma tajba tal-Ingliż, rari jiltaqgħu ma' din il-problema. Però, hemm dawk l-istudenti li, minkejja li jkunu tajbin fil-Matematika, imorru ħażin jew saħansitra ma jgħaddux mill-eżami tal-Matematika għax ma jifhmux l-Ingliż li biha tkun miktuba l-karta tal-eżami. Mhux ta' b'xejn li, wara l-Ingliż, il-Matematika huwa dak is-suġġett li minnu jeħlu l-akbar numru ta' studenti fl-eżamijiet tal-Junior Lyceum.

- ➢ F'dawn l-aħħar snin, l-aktar wara l-introduzzjoni tal-kotba tal-Abacus fl-iskejjel primarji, rajna titjib fit-tfassil tal-karti tal-eżami tal-Matematika. Fost it-tibdil, il-karta qiegħda tkun aktar orjentata favur l-istudent. Qed ikun hemm aktar stampi li jgħinu lill-istudenti jifhmu aktar x'għandhom jagħmlu. Il-kliem matematiku, bħal pereżempju l-kelma *average*, qiegħed jinkiteb b'tipa grassa biex l-istudent jinduna mal-ewwel daqqa t'għajn xi jrid jagħmel f'dik is-somma partikolari. M'għadekx tara ħafna *problems* fil-karti tal-eżami u, il-ftit li jkun hemm, ikunu gradati b'mod li l-istudent ikun jista' jikseb xi marki anke jekk jaħdem tajjeb l-ewwel parti tas-somma biss. Anke l-użu tal-Ingliż qiegħed ikun aktar limitat u m'għadekx tara paragrafi sħaħ ta' kitba bl-Ingliż.

- ➢ Barra minn hekk, wara li jiġu kkoreġuti l-karti, issir analiżi tal-karti tal-eżami u jinkiteb rapport fuqhom; fejn marru tajjeb l-istudenti u fejn le, u anke l-mod kif wieġbu għad-domandi. Dan ikun jista' jindika liema somom l-istudenti jkunu

sabu l-aktar diffiċli, jew forsi dawk li ma fehmux, u b'hekk il-livell tal-karta jkun jista' jittejjeb minn sena għal oħra. Dawn il-miżuri huma kollha tajbin u qegħdin jgħinu aktar lill-istudenti biex l-Ingliż ma jkunx ta' xkiel għalihom fl-eżami tal-Matematika.

- Minkejja dawn l-isforzi, xorta waħda nistaqsi – għaliex il-karta tal-eżami tal-Matematika, suġġett daqshekk importanti, m'għandhiex tkun ukoll bil-Malti? Għaliex il-kotba tal-Matematika huma kollha bl-Ingliż? F'pajjiżi oħra bħal Spanja, l-Italja, Franza, il-Ġermanja, u l-bqija kollha għandhom il-kotba tal-Matematika bil-lingwa tagħhom.

- Il-problema hija forsi waħda finanzjarja. Biex tistampa mill-ġdid eluf ta' kotba, sempliċement biex ikollhom verżjoni bil-Malti tiswa lill-Gvern ammont konsiderevoli ta' flus. Iżda, xi ngħidu għall-kotba tal-Abacus? Dawn il-kotba bdew jintużaw fl-iskejjel tagħna fl-2007 biex is-sena ta' wara kellhom jiġu stampati kollha mill-ġdid biex saret verżjoni ġdida bl-ewro. It-tibdiliet kienu ftit ħafna iżda l-ispiża, m'għandniex xi ngħidu, kienet tammonta għal eluf kbar ta' ewro. U xi ngħidu għall-kotba tal-Istudji Soċjali fl-aħħar sena tal-iskola primarja? Hawnhekk insibu tliet kotba li fuqhom jitfassal is-sillabu. Il-ktieb *Ambjent Soċjali*, biex nagħti eżempju, li fih kważi 150 paġna, jintużaw biss 25 faċċata minnu iżda l-ktieb jiġi stampat kollu kemm hu sena wara l-oħra.

- Għas-suġġetti tar-Reliġjon u l-Istudji Soċjali, fl-aħħar sena tal-iskola primarja, isiru żewġ karti tal-eżami, waħda bl-Ingliż u l-oħra bil-Malti. Din is-sistema tista' faċilment tiġi addottata fil-Matematika wkoll billi, fin-natura tiegħu, dan is-suġġett mhu marbut ma ebda lingwa. Barra minn hekk, eżerċizzju bħal dan ma joħloq l-ebda problema finanzjarja.

- Fl-2007, fil-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija, ġie ppubblikat ktieb tal-Matematika għal dawk l-istudenti li jkunu se jagħmlu l-eżami tas-SEC. Il-ktieb jismu *Understanding Mathematics / Nifhmu l-Matematika*. Dan il-ktieb tnieda f'żewġ verżjonijiet, waħda bl-Ingliż ta' Mark A. Caruana u l-oħra maqluba għall-Malti minn David Muscat.

- Naħseb li, fuq dan l-eżempju, u f'din l-istess direzzjoni, jista' jkun hemm aktar kotba simili li joffru l-opportunità lill-istudenti li jitgħallmu dan is-suġġett bil-lingwa materna tagħna wkoll, l-istess kif isir f'pajjiżi oħra.

- Konvint li bis-saħħa ta' miżuri bħal dawn, l-assessjar tagħna ta' dawn l-istudenti jista' jkun aktar korrett u nkunu verament qegħdin inkejlu l-abbiltà tagħhom fil-Matematika, u mhux fil-lingwa Ingliża.

- Il-tfal Maltin jibdew jakkwistaw l-għarfien formali tal-Malti u l-Ingliż sa mill-ewwel klassi tal-iskola primarja. Però, teżisti diskrepanza fin-numru ta' sigħat mogħtija għat-tagħlim tal-Malti u tal-Ingliż.

- Huwa għajb li f'Malta għad għandna xi skejjel – nemmen li huma ftit ħafna fin-numru – li fihom il-Malti huwa mgħallem biss fil-lezzjoni tal-Malti. L-aktar li tidher din id-differenza hija bejn l-iskejjel tal-gvern u dawk privati. Barra minn hekk, l-istudenti jiġu mħeġġa, biex ma ngħidx sfurzati, jitkellmu bl-Ingliż anke bejniethom fl-ambjent tal-iskola u mal-għalliema tagħhom. F'xi skejjel privati jista' jkun hemm tfal li jkunu ġejjin minn familji Ingliżi jew li d-dar jitkellmu biss bl-Ingliż għalkemm studenti bħal dawn insibuhom ukoll fi skejjel statali.

- Wara ħamsa u erbgħin sena ta' indipendenza, u issa wkoll li l-ilsien Malti huwa wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hija ħasra u ħaġa tal-mistħija li għad għandna din is-sitwazzjoni. Dan ma jirriflettix ikrah fuq l-istudenti li jattendu dawn l-iskejjel daqskemm fuq id-diriġenti tal-istess skejjel li forsi jemmnu li l-Malti ma jistħoqqlux il-ġieħ ta' ilsna oħra. Jekk jemmnu hekk, dan jirrifletti s-sens ta' inferjorità li dawn in-nies ibatu minnu. Mhux il-Malti huwa inferjuri, iżda min jaħseb li l-Malti huwa inferjuri.

- Billi l-Malti huwa l-ilsien matern, it-tfal Maltin ma jesprimu ruħhom tajjeb bl-ebda lsien ieħor aktar milli bil-Malti. Il-ħsibijiet ta' moħħhom u kunċetti akkademiċi jistgħu jaslu li jesprimuhom tajjeb bi lsien ieħor, iżda l-esperjenzi li jgħaddu minnhom u l-ħsus ta' qalbhom huma wisq intimi u personali biex jesprimuhom tajjeb daqs bl-'ilsien li tathom ommhom'.

- Ħadd m'għandu juża l-Ingliż biex juri sens ta' superjorità fuq xi sezzjoni tal-poplu jew għax jemmen li b'hekk se jkollu xi vantaġġi fit-tagħlim. Huwa dritt ta' kull ċittadin li jitgħallem, juża u jikkomunika bil-Malti. Ħadd m'għandu d-dritt li jċaħħad dan id-dritt lit-tfal kemm fid-dar jew fl-iskola.

- Il-fatt li aħna poplu bilingwi, li nużaw l-Ingliż u l-Malti, m'għandux iservi biex neqirdu dak li hu naturali, jiġifieri l-Malti, imma li permezz tal-Ingliż niftħu orizzonti ġodda ta' tagħlim u komunikazzjoni wara li nkunu tgħallimna sewwa l-lingwa naturali tagħna. It-tfal tagħna jsiru tassew bilingwi meta jkollhom ħakma tajba taż-żewġ lingwi u jkunu kapaċi jikkomunikaw u jiktbu tajjeb bit-tnejn li huma.

- Il-bilingwiżmu għandu jintuża bil-għaqal u bis-sens. L-Ingliż u l-Malti m'għandhomx ikunu f'konfront ma' xulxin imma għandhom iservu biex ifissru b'mod sħiħ il-ħajja tal-Maltin. Kif jissuġġerixxi l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, "L-ewwel u t-tieni lsien għandhom jimxu id f'id fil-livelli kollha."

- Fil-fehma tiegħi, l-awtoritajiet tal-edukazzjoni f'pajjiżna għandhom jintervjenu u jaraw li din il-prassi lingwistika f'xi skejjel ta' pajjiżna tinbidel illum qabel għada.

- L-UE tippromwovi d-diversità lingwistika u kulturali tal-popli tagħha. Tagħmel hekk permezz tat-tagħlim tal-lingwi. L-ambizzjoni tal-UE hija li tippermetti liċ-ċittadini jitgħallmu u jkunu fluwenti f'żewġ lingwi oħra minbarra lsien art twelidhom.

- Il-lingwi qegħdin fil-qalba tal-proġett Ewropew. Huma jirriflettu l-kulturi differenti tagħna u fl-istess ħin huma essenzjali biex aħna nifhmuhom. Iċ-ċittadini li jitkellmu aktar lingwi jistgħu jiksbu l-benefiċċji kollha tal-moviment ħieles fl-Unjoni Ewropea u jistgħu jintegraw b'mod aktar faċli f'pajjiż ieħor għall-istudju u għax-xogħol.

- L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom 23 lingwa uffiċjali. Ir-raġunijiet li għalihom l-Unjoni Ewropea tuża 23 lingwa uffiċjali huma d-demokrazija, it-trasparenza u d-dritt li tkun taf. Id-diversità lingwistika tinkludi mhux biss it-23 lingwa uffiċjali tal-UE iżda l-lingwi reġjonali u minoritarji wkoll. Hemm 'il fuq minn 60 minn dawn, għalkemm in-numru attwali jiddependi mid-definizzjoni ta' lingwa (meta mqabbla ma' djalett, pereżempju).

- Kull sena l-Jum Ewropew tal-Lingwi jkun imfakkar fis-26 ta' Settembru. L-idea wara dan l-avveniment hija li jinħoloq għarfien pubbliku dwar il-lingwi kollha mitkellma fl-Ewropa u l-importanza tat-tagħlim tal-lingwi fit-tixrid tat-tolleranza u l-ftehim reċiproku. Il-Jum Ewropew tal-Lingwi fl-iskejjel tagħna ġie ċċelebrat fl-20 ta' Ottubru. L-iskejjel Maltin, kemm primarji kif ukoll dawk sekondarji, kienu mħeġġa jiċċelebraw dan il-jum billi jorganizzaw attivitajiet li jinkludu fost l-oħrajn - logħob, mużika, reċti, poeżiji u stejjer biex titqajjem kuxjenza dwar l-importanza tat-tagħlim tal-lingwi.

- L-UE dejjem kienet lesta li tgħin id-drittijiet taċ-ċittadini tagħha għal mobilità personali u professjonali, u fl-abilità tagħhom li jikkomunikaw ma' xulxin. Dan twettqu permezz ta' numru ta' programmi ta' finanzjament biex tippromwovi t-tixrid u t-tagħlim tal-lingwi Ewropej. Dawn il-programmi, b'għan wieħed komuni, jinkludu proġetti li jinvolvu msieħba minn diversi pajjiżi tal-UE. Dawn il-programmi joħolqu kuntatt bejn pajjiżi differenti permezz ta' proġetti komuni biex itejbu l-impatt tat-tagħlim tal-lingwi.

- Mill-2007 dawn il-programmi kienu inklużi taħt il-kappa tal-programm tal-UE tat-tagħlim matul il-ħajja. Kull wieħed minn dawn huwa responsabbli għal settur partikolari ta' tagħlim. L-ewwel wieħed, Comenius ikopri l-edukazzjoni primarja u sekondarja. Il-programm Erasmus huwa programm speċjali ddisinjat

biex iħeġġeġ studenti universitarji u għalliema jqattgħu ħin f'università f'pajjiż ieħor tal-UE u jipprovdi korsijiet intensivi fil-lingwa għall-parteċipanti qabel l-avventura tagħhom barra l-pajjiż. Il-programm Leonardo da Vinci jiffoka fuq l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ. Ir-raba' programm huwa Grundtvig li jispeċjalizza fit-tagħlim għall-adulti.

- B'mod ġenerali, dawn il-programmi jinkoraġġixxu t-tagħlim tal-lingwi f'kull livell ta' edukazzjoni; itejbu l-aċċess għar-riżorsi tat-tagħlim tal-lingwi madwar l-Ewropa; jiżviluppaw u jxerrdu metodi ta' tagħlim innovattivi; jiffaċilitaw il-firxa ta' għodod ta' tagħlim għall-istudenti tal-lingwi u joħolqu għarfien tal-importanza tal-multilingwiżmu bħala valur ekonomiku u soċjali tal-UE. Insibu ċentri nazzjonali tal-informazzjoni f'kull pajjiż, li jagħtu dettalji dwar kif wieħed għandu japplika biex jipparteċipa f'dawn il-programmi.

- F'laqgħa li saret fl-2002 f'Barċellona, il-Kapijiet tal-Istat u l-Gvern impenjaw ruħhom politikament biex itejbu l-kisbiet bażiċi tal-lingwi, partikolarment bit-tagħlim ta' żewġ lingwi barranin minn età żgħira. L-UE hija konxja li l-għarfien tal-lingwi mhuwiex imqassam b'mod uniformi bejn il-pajjiżi u l-gruppi soċjali. Il-firxa ta' lingwi barranin mitkellma minn ċittadini tal-UE mhix waħda kbira. L-UE temmen li l-għan ta' "lsien art twelidek u tnejn oħra" huwa ambizzjuż, iżda mhux impossibbli. It-tagħlim tal-lingwi huwa attività matul il-ħajja, li jibda l-iskola (jew anki qabel) u jkompli fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u l-fażijiet tal-ħajja.

- Filwaqt li tirrikonoxxi l-Ingliż bħala l-aktar lingwa mitkellma fl-Ewropa, l-Unjoni trid tiżgura li din ma ssirx, matul iż-żmien, fattur li jillimita d-diversità lingwistika fil-konfini tagħha. Huwa għalhekk li tisħaq fuq il-benefiċċji personali, soċjali u ekonomiċi tal-multilingwiżmu u r-raġuni li nediet l-għan ambizzjuż li tħeġġeġ kemm jista' jkun ċittadini tal-UE jitgħallmu żewġ lingwi oħra minbarra lsien art twelidhom.

- Filwaqt li t-tagħlim għandu jibda kmieni, dan jagħmel sens biss jekk l-għalliema jkunu mħarrġa biex jgħallmu l-lingwi lit-tfal iż-żgħar. Barra minn hekk, id-daqs tal-klassi għandu jkun relattivament żgħir, u biżżejjed ħin għandu jkun iddedikat fil-kurrikulu skolastiku għat-tagħlim tal-lingwi. L-iskejjel jeħtieġ li jwieġbu għall-isfida billi joffru firxa kemm jista' jkun wiesgħa ta' lingwi u għandhom ukoll jingaġġaw u jħarrġu aktar għalliema.

- L-adulti wkoll għandu jkollhom aktar opportunitajiet biex jakkwistaw u jużaw l-abilitajiet lingwistiċi tagħhom. L-UE tisħaq biex ikunu mgħallma l-lingwi kollha, inklużi dawk reġjonali u minoritarji, li jkunu pprovduti aktar postijiet għat-tagħlim tal-lingwi, li jsir użu aktar wiesa' mill-internet għat-tagħlim tal-lingwi, u li jkunu pprovduti aktar sottotitli fuq it-televixin u fiċ-ċinema.

- L-UE nediet pjan ta' azzjoni "Nippromwovu t-tagħlim tal-lingwi u d-diversità lingwistika 2004-2006". Fuq livell nazzjonali, il-Pjan ta' Azzjoni ntuża bħala qafas għall-azzjoni. Xejra lejn ir-riforma tas-sistemi edukattivi biex jikkonformaw mal-prinċipju ta' "lingwa nattiva u żewġ lingwi oħra" mħabbar f'Barċellona kienet diġà tidher f'numru ta' Stati Membri, għalkemm xi wħud minnhom irrappurtaw li l-Pjan ta' Azzjoni influwenza d-deċiżjonijiet tagħhom li jniedu riformi. Wara tliet snin, il-ħarsa ġenerali lejn il-politiki nazzjonali tal-lingwa tidher aktar konsistenti. Hemm konsensus ġenerali fuq kwistjonijiet bażiċi bħall-importanza tal-lingwi bħala kompetenza fil-perspettiva tat-tagħlim tul il-ħajja, il-bżonn li l-istudenti jiġu mgħallma żewġ lingwi fl-edukazzjoni inizjali, u l-bżonn tat-tagħlim tal-lingwi ta' kwalità u valutazzjoni trasparenti.

- Matul l-aħħar erba' snin, il-parti l-kbira tal-Istati Membri rriformaw l-edukazzjoni primarja tagħhom sabiex jibdew jgħallmu lingwa barranija qabel. Ix-xejra hi li tinbeda t-tieni lingwa qabel, ġeneralment fl-ewwel tliet snin tal-edukazzjoni primarja.

- L-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-multilingwiżmu ssaħħaħ fil-ġenerazzjoni tal-programm il-ġdid għall-2007-2013, (Programmi ta' Tagħlim tul il-Ħajja, Kultura, Żgħażagħ Attivi, L-Ewropa għaċ-Ċittadini) kemm bit-twaqqif ta' tagħlim tal-lingwi u diversità lingwistika bħala mira ġenerali u biż-żieda ta' fondi ddedikati lill-azzjonijiet lingwistiċi. Il-Kummissjoni stqarret li se ssegwi l-implimentazzjoni tagħhom biex tassigura l-użu strateġiku tagħhom f'dawk l-oqsma fejn ikun meħtieġ aktar xogħol.

- Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali ta' Malta jħeġġeġ l-iskejjel tal-istat biex iqisu l-bilingwiżmu bħala l-bażi ewlenija tas-sistema edukattiva. Għalhekk jistieden lill-għalliema biex jużaw b'mod effettiv iż-żewġ ilsna uffiċjali – il-Malti u l-Ingliż. Il-ħiliet lingwistiċi li t-tfal iġibu magħhom mid-dar, fil-maġġoranza tagħhom bl-użu tal-Malti, għandhom iservu ta' pedament biex jiżviluppaw ħiliet f'ilsna oħra, b'mod speċjali fl-Ingliż.

- Fl-iskejjel tagħna, it-tagħlim tal-Malti u l-Ingliż jibda mill-ewwel snin tal-iskejjel primarji u jibqa' sejjer sal-ħames sena tas-sekondarja. Il-KMN jissuġġerixxi wkoll li kull skola għandha taddotta strateġija lingwistika skont il-bżonnijiet lingwistiċi tal-istudenti tagħha u tenfasizza l-importanza li ż-żewġ ilsna uffiċjali jimxu flimkien fil-livelli kollha.

- Għalkemm il-KMN jeżiġi li l-Matematika, ix-Xjenza u t-Teknoloġija għandhom jiġu mgħallma bl-Ingliż, jirrikonoxxi l-bżonn tal-bdil tal-kodiċi, li xi drabi huwa importanti biex jiffaċilita t-tagħlim f'ambjenti fejn l-użu tal-Ingliż jista' joħloq problemi ta' apprendiment.

- Fis-sistema edukattiva attwali, it-tagħlim tat-tielet lingwa jibda fl-ewwel sena tal-iskola sekondarja. Fil-każ tal-iskejjel primarji, is-sillabu li jrid jitlesta fis-suġġetti kollha jagħmilha prattikament impossibbli li tiġi mgħallma wkoll it-tielet lingwa.

- Fl-iskejjel primarji l-istudenti jingħataw iċ-ċans li jipparteċipaw f'diversi programmi tal-Unjoni Ewropea bħalma huma l-Comenius u l-eTwinning, li permezz tagħhom l-istudenti jiġu f'kuntatt mal-lingwi u l-kulturi differenti ta' pajjiżi oħra. B'hekk, sa minn età żgħira, l-istudenti jibdew irawmu fihom attitudni pożittiva lejn lingwi oħra. F'xi skejjel primarji, fil-klassijiet tal-ħames sena, qegħdin isiru wkoll numru limitat ta' lezzjonijiet bit-Taljan minn għalliema apposta darba fil-ġimgħa.

- Fl-aħħar tas-sitt sena tal-primarja l-istudenti jkunu mitluba jagħżlu l-lingwa l-oħra li jkunu jixtiequ jitgħallmu fis-sekondarja. Għalhekk, sal-aħħar sena tal-iskola sekondarja, it-tfal kollha jkunu tgħallmu tliet lingwi, il-Malti, l-Ingliż u lingwa oħra.

- Fil-fehma tiegħi, il-politika lingwistika tal-iskejjel primarji għandha tkompli taħdem biex ittejjeb u ssaħħaħ it-tagħlim taż-żewġ ilsna uffiċjali. Fl-istess ħin, għandha tkompli tippromwovi attitudni sana u pożittiva lejn il-lingwi billi t-tfal jipparteċipaw fil-programmi Ewropej li jħajru u jinkoraġġixxu t-tagħlim tal-lingwi.

- It-tagħlim tat-tielet lingwa, u, għaliex le, tar-raba' waħda naqbel li għandu jibda fl-ewwel sena tas-sekondarja. Wara li t-tfal ikunu ssodaw il-ħiliet lingwistiċi tagħhom fl-Ingliż u fil-Malti u jkunu tgħallmu jiktbu tajjeb u jesprimu ruħhom sew fiż-żewġ lingwi, nemmen li jkun iż-żmien opportun biex jibdew jitgħallmu b'mod formali aktar lingwi.

*Karl Scicluna huwa għalliem tal-primarja.*

Il-fehmiet tiegħi huma bbażati fuq riċerka kwantitattiva kif ukoll dik kwalitattiva u għalhekk l-ewwel ser nagħti ħarsa ħafifa lejn dawn l-istudji dwar il-lingwa li ġew ippubblikati tul dawn l-aħħar sittax-il sena:

1. L-istudji (Sciriha 1993, 1994, 1997, 1998; Sciriha u Vassallo 2001, 2006) juru biċ-ċar li l-użu tal-Malti mitkellem, kemm f'sitwazzjonijiet informali u dawk formali qed jissaħħaħ u mhux jiddgħajjef. Iżda dan ma jfissirx li l-kwalità tal-lingwa użata hi tajba; hemm ħafna taħlit tal-lingwi mingħajr bżonn.

2. Fost dawn l-istudji hemm wieħed partikulari li jiffoka fuq l-użu taż-żewġ ilsna uffiċjali fost 900 tifel u tifla (Sciriha 1997). Huwa mill-aktar importanti li nenfasizza li f'dan l-istudju saret distinzjoni bejn tfal li jattendu skejjel statali u dawk li jattendu skejjel tal-knisja jew indipendenti. Fil-fatt, il-maġġoranza tat-tfal li jattendu skejjel statali stqarrew li jitkellmu il-Malti kemm id-dar (madwar 87% mal-ġenituri) kif ukoll l-iskola (60% mal-għalliem, u 89% ma' sħabhom fil-klassi). Kienu biss 5% li ddikjaraw li jitkellmu l-Ingliż mal-għalliema tagħhom u 4.4% li jitkellmu l-Ingliż ma' sħabhom meta jkunu l-iskola. Hemm żbilanċ fl-użu tal-Malti fl-iskejjel tal-knisja u dawk indipendenti. F'dawn l-iskejjel, medja ta' 43% tat-tfal jitkellmu bil-Malti mal-ġenituri tagħhom meta jkunu d-dar, filwaqt li 20% u 37% jikkomunikaw rispettivament mal-għalliem u ma' sħabhom l-iskola bil-Malti. F'dawn l-iskejjel mhux statali, l-Ingliż hu mitkellem id-dar mal-ġenituri b'medja ta' 35%, filwaqt li 50% tat-tfal jitkellmu bl-Ingliż mal-għalliema u 41% ma' sħabhom fl-iskola. Filwaqt li dan l-istudju jagħti ritratt dwar l-użu tal-Malti u tal-Ingliż mitkellem, hemm studju ieħor (Sciriha u Vassallo 2001) li juri li dawk li jiktbu bil-Malti (13.8%) hu ħafna anqas minn dawk li jitkellmuh (70%).

3. Numru sostanzjali ta' Maltin stqarrew li għalkemm jitkellmu tista' tgħid il-ħin kollu bil-Malti, iżda jiktbu l-ittri u jwieġbu l-korrispondenza bl-Ingliż. Skont Sciriha (2004) din it-tendenza tinfirex ukoll meta l-Maltin jibagħtu l-messaġġi fuq il-mowbajl fejn aktar Maltin qalu li jibagħtu l-messaġġi bl-Ingliż (27%) milli bil-Malti (22%).

Fid-dawl ta' dawn l-istudji nixtieq nagħmel dawn il-kummenti:

- Is-sistema edukattiva fl-iskejjel statali *tidher* li qed tagħti importanza kemm lill-Malti kif ukoll lill-Ingliż minħabba l-fatt li f'xi suġġetti l-kotba huma bl-Ingliż u oħrajn bil-Malti.

- Billi t-tfal ta' xi skejjel isibuha diffiċli jifhmu lezzjoni ta' suġġett li għandu kotba bl-Ingliż, wieħed jista' jistaqsi jekk għandniex ngħinu lil dawn it-tfal u nżidu s-suġġetti li jkollhom testi bil-Malti u nnaqqsu dawk bl-Ingliż. Ma naħsibx li għandna nagħmlu hekk għax kif naraw mir-riċerka li diġà semmejt, it-tfal, l-aktar dawk li jmorru fi skejjel statali, fil-fatt mhumiex esposti għall-Ingliż mitkellem u

jsibuha diffiċli jsegwu lezzjoni ta' suġġett bħal pereżempju l-Matematika, bl-Ingliż. Minħabba f'hekk, studju ieħor, din id-darba kwalitattiv (Sciriha 1998) juri li fl-iskejjel tal-istat, l-għalliem għandu t-tendenza li jispjega l-lezzjoni kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti, bir-riżultat li jkun hemm dak li Clyne *et al* (1992) isejħu 'cut and paste'. Bla dubju ta' xejn ebda suġġett m'għandu jiġi mgħallem bil-Malti u eżaminat bl-Ingliż u viċiversa. L-għalliem għandu jagħmel ħiltu kollha biex jgħallem, pereżempju l-Matematika bl-Ingliż jekk il-kotba huma bl-Ingliż, u jgħallem b'tali mod u manjiera li jtejjeb ukoll il-livell tal-Ingliż tal-istudenti. Jidhirli li hija wkoll ir-responsabbiltà tal-għalliem li jara li jkun kapaċi juża l-għodda lingwistika (f'dan il-każ l-Ingliż) tajjeb. L-għalliema għandhom jagħmlu sforz biex jgħallmu l-kunċetti ta' suġġett bħall-Matematika bl-Ingliż.

Min-naħa l-oħra nemmen li għandu jsir sforz serju biex suġġetti xjentifiċi jkunu jistgħu jiġu mgħallma wkoll bil-Malti. Dan naturalment jitlob kotba ġodda bil-Malti u għandu jkun hemm riċerka xjentifika fuq kemm huma tajbin dawn il-kotba qabel ma jiġu addottati fl-iskejjel. B'hekk il-Malti ma jibqax jiġi assoċjat biss ma' suġġetti 'affettivi'.

- Jekk irridu lit-tfal Maltin ikunu bilingwi hemm bżonn li jitgħallmu xi suġġetti b'testi bil-Malti u oħrajn bl-Ingliż. Jekk inżidu aktar suġġetti li għandhom testi bil-Malti ser noħolqu żbilanċ ieħor u din id-darba għas-spejjeż tal-Ingliż.

- Hu ferm importanti li t-tagħlim tal-Ingliż fil-primarja ma jibqax f'idejn għalliem li jgħallem is-suġġetti kollha, iżda għandu jkun hemm għalliem speċjalizzat fil-lingwa Ingliża, għax skont Sciriha (1998) l-livell ta' Ingliż ta' xi għalliema fl-iskejjel tal-primarja mhux tajjeb biżżejjed u hemm għalliema li jagħmlu ħafna żbalji kemm fl-istruttura tas-sentenzi, kif ukoll fil-pronunzja.

- Huwa importanti ħafna li fl-Università dawk l-istudenti li qed jistudjaw biex isiru għalliema jingħataw kontenut qawwi mhux biss fis-suġġett li jgħallmu, iżda wkoll fil-lingwa tas-suġġett partikulari, pereżempju jekk il-kotba tar-Reliġjon huma bil-Malti, l-istudent għalliem għandu jkollu bażi tajba tal-Malti. B'hekk nevitaw ħafna taħlit ta' lingwi waqt il-lezzjonijiet f'dan is-suġġett.

- Kif semmejt qabel, hemm studji kwantitattivi li juru biċ-ċar li l-iskejjel tal-knisja u dawk indipendenti mhumiex fuq l-istess binarju lingwistiku bħal dawk tal-istat. Fil-fatt, f'xi skejjel mhux statali, il-Malti, qed jiġi mgħallem bl-Ingliż u dan m'għandux ikun hekk. Ma tagħmilx sens tgħallem il-Malti bl-Ingliż jew l-Ingliż bil-Malti.

- Hawn xi Maltin li ma jafux jitkellmu u jiktbu bil-Malti. Hu ċar li hemm bżonn pjan dettaljat dwar kif għandhom jiġu mgħallma ż-żewġ lingwi uffiċjali ta' pajjiżna biex nassiguraw li t-tfal ta' Malta kollha jkunu kapaċi jitkellmu u jiktbu l-Malti u l-Ingliż. M'għandniex ikollna żbilanċ lingwistiku favur il-Malti jew favur l-Ingliż.

- Is-sitwazzjoni preżenti tixhed li għalkemm skont il-kostituzzjoni, Malta huwa pajjiż bilingwi iżda l-fatti juru li ftit huma dawk li jitkellmu u jiktbu Malti u Ingliż tajjeb. Filwaqt li fl-iskejjel statali hemm aktar użu tal-Malti, fl-iskejjel tal-knisja u indipendenti hemm aktar użu tal-Ingliż. B'hekk fil-verità, it-tfal ta' dawn iż-żewġ tipi ta' skejjel mhumiex bilingwi, iżda monolingwi.

- L-Unjoni Ewropea tisħaq fuq l-importanza tal-ilsna nazzjonali ta' kull pajjiż u fuq id-diversità lingwistika. Kieku ma kienx hekk, ma kienx ikun hemm 23 lingwa uffiċjali, fosthom il-Malti li jagħmel parti minn dan il-grupp ta' lingwi.

- L-UE mhix biss hija favur it-tagħlim tal-lingwi iżda tippromwovi l-lingwi. Il-motto 'Il-lingwi jiftħu l-bibien' jixhed dan, kif ukoll il-fatt li s-sena 2001 kienet *Is-Sena Ewropea tal-Lingwi*. Barra minn hekk, dokumenti dwar il-lingwi juru li t-tfal għandhom jitgħallmu l-ilsien nattiv tagħhom u żewġ lingwi barranin oħra qabel ma jagħlqu tnax-il sena. F'Malta t-tagħlim tat-tieni u t-tielet lingwi barranin iseħħ meta t-tfal jidħlu fis-sekondarja. Hemm bżonn li nintroduċu t-tieni lingwa barranija qabel mat-tfal jibdew l-iskola sekondarja.

- L-UE tisħaq fuq il-bżonn li ċ-ċittadini tagħha jitgħallmu jekk jista' jkun, aktar minn żewġ lingwi barranin. Sfortunatament f'ħafna skejjel Maltin l-istudenti jkollhom iwaqqgħu t-tielet lingwa barranija meta jagħżlu xi suġġetti bħax-xjenza fit-tielet sena tas-sekondarja.

- B'mod ġenerali naħseb li l-kwalità tal-Malti mhix tajba b'mod partikulari fix-xandir. Hemm taħlit kbir bejn il-Malti u l-Ingliż.

- Dan it-taħlit hu frott ta' għażż mentali tal-kelliema li ma jimpurtahomx kif qed jitkellmu, basta li l-messaġġ tagħhom jasal. Hemm bżonn ta' aktar dixxiplina fl-użu kemm tal-Malti kif ukoll tal-Ingliż.

**Riferenzi**

Clyne, M., Jenkins C., Chen I., Rogerson M. u R. Tsokalidou (1992). 'Models and Sociolinguistic factors in some Victorian Second Language Programs: A Progress Report'. F'*Language and Language Education: Working Papers of National Languages and Literacy Institute of Australia.* Vol 2 No 1 Victoria, Melbourne: The National Languages and Literacy Institute of Australia.

Sciriha, L. (1993). *A Sociolinguistic Survey of the Maltese Islands.* Cyclostyled. Department of English, University of Malta.

Sciriha, L. (1994). 'Sociolinguistic Aspects of Language Use in Malta'. F'J. Brincat (ed.), *Languages of the Mediterranean: Proceedings of the Conference held in Malta 26-29 September 1991*. Malta: Malta University Print.

Sciriha, L. (1997). 'One Country: Two Languages'. F'R. Pascoe and J. Ronayne (eds.), *Malta: A Siege and a Journey.* Melbourne: Victoria University.

Sciriha, L. (1998). 'Is-Soċjolingwistika'. F'K. Borg (ed.), *Lingwa u Lingwistika.* Malta: Klabb Kotba Maltin.

Sciriha, L. u M. Vassallo (2001). *Malta – a linguistic landscape.* Malta: Socrates.

Sciriha, L. (2004). *Keeping in Touch: The Sociolinguistics of Mobile Telephony in Malta.* Malta: Agenda.

Sciriha, L. u M. Vassallo (2006). *Living Languages in Malta.* Malta: Print It.

*Prof. Lydia Sciriha taħdem fil-Fakultà tal-Arti, l-Università.*

**Kenneth Wain**

- Naħseb li din spjega ovvja: għax ma jifhmux il-lingwa, għaliex ċerti studenti jmorru ħażin f'eżamijiet meta jkunu batuti fl-Ingliż. Ċertament jekk ma tifhimx xi tkun qed taqra ma tistax twieġeb il-mistoqsija.

- It-tentazzjoni tkun li tgħid: Tajjeb, mela l-karti tal-eżami nagħtuhom bil-Malti biex l-istudenti jifhmu. L-esperjenza tas-*Systems of Knowledge* tista' tkun tiswa hawn, għaliex fis-*Systems* l-istudenti jingħataw l-għażla li jirrispondu bil-Malti jew bl-Ingliż, u l-mistoqsijiet isiru biż-żewġ ilsna.

- L-esperjenza tiegħi hi li dawk li jirrispondu bil-Malti, ovvjament għax iħossuhom iktar komdi hekk, mhux bilfors li jmorru aħjar għax fehmu l-mistoqsija, u bosta drabi l-Malti tagħhom ikun ħażin ħafna minkejja kollox. It-tentazzjoni hi li taħseb li l-istudenti tajbin f'dan il-livell jifhmu kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż għalkemm ikollhom il-preferenza tagħhom.

- Jekk qed nitkellmu dwar studenti żgħar ħafna, fil-primarja, u dwar suġġett bħall-Matematika, mod ieħor. Iżda dawn mhux suppost li jiffaċċjaw karti tal-eżami formali qabel ma jkollhom ċerta età, għaxar jew ħdax-il sena. Imbagħad, wieħed irid jistaqsi għaliex l-istudent ma jafx jaqra, fis-sens li jifhem.

- Sa dik l-età, it-tfal suppost li jkunu akkwistaw l-għodod bażiċi tal-bilingwiżmu, u jekk le (kif jidher li huwa l-każ għal ħafna tfal), irridu nistaqsu għaliex! Il-ħsieb tagħna hemm għandu jkun mhux li nieħdu xi deċiżjoni jew oħra dwar il-karti tal-eżami.

- Is-soluzzjoni hi li taċċerta li t-tfal, minn età bikrija, jiġu esposti għaż-żewġ lingwi ndaqs – din tista' tagħmilha billi tagħmilha mandatorja għall-għalliema li t-tfal jiġu mgħallma ċerti suġġetti bi lsien u oħrajn b'ieħor, kif kien maħsub fid-draft tal-Kurrikulu Nazzjonali tal-1999 u nbidel. Imbagħad tagħmel il-karti tal-eżami bil-lingwa skont is-suġġett.

- Veru li f'xi skejjel, fil-ħajja tal-iskola l-Malti jidħol biss fil-lezzjoni tal-Malti. Iżda f'bosta oħrajn, probabbilment iktar, l-Ingliż jidħol biss, jekk jidħol, fil-lezzjoni tal-Ingliż. Dan hu l-każ sfortunatament l-aktar, iżda mhux biss, fl-iskejjel tal-Istat.

*Prof. Kenneth Wain jaħdem fil-Fakultà tal-Edukazzjoni, l-Università.*